Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 384/2018

**Il- Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**-vs-**

**Nutar Peter sive Pierre Falzon**

Illum 23 ta Gunju 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Peter sive Pierre Falzon detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 535060M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Lulju, 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda:

1. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b' taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

2. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elf ewro (€1,000) ghad-dannu ta' Melvino West, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

3. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tnax-il elf u tmien mitt ewro (€12,800) ghad-dannu ta' Dane Philip Frank Camilleri, Vanessa Vella u Anthony Gerada, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

4. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef mitejn u hamsin ewro (€4250) ghad-dannu ta' Gordon Grech u martu Sarah Grech, Adrian Grech u martu Josianne Grech, Sandra Salvina Grech u Justin Grech, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tarradd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

5. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef tliet mija u sitt ewro (€4,306) ghad-dannu ta' Graziella Gatt, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

6. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' ghaxart elef sitt mija u hames ewro (€10,605) ghad-dannu ta' Central Home Style Limited, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

7. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' sebat elef sitt mitt ewro (€7,600) ghad-dannu ta' Antoine Muscat u martu Mary Rose Muscat, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

8. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf ewro (€11,000) ghad-dannu ta' Giovanna Ciantar, Josephine Camilleri, Frida Bugeja, Paolo Refalo, Gemma Gauci u Carmelo Ciantar, werrieta tal-mejjet Giuseppe Ciantar, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

9. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u hamsin ewro (€24,451) ghad-dannu ta' Antoinette Agius, Julie Muscat, Julian Agius u Jane Agius, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

10. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, li kellu bhala dmir tieghu specjali li jikteb, jirregistra, jew li jerfa' atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet, iffalsifika decizjoni, digriet jew ordni ta' xi qorti, imhallef, magistrat jew ufficjal pubbliku, illi bihom tigi ordnata jew mitmuma obbligazzjoni, inkella moghti jew michud xi jedd lil xi hadd, inkella li bihom xi persuna tigi mehlusa jew ikkundannata fuq akkuza kriminali;

11. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, li kellu bhala dmir tieghu specjali li jikteb, jirregistra, jew li jerfa' atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet, xjentement ghamel uzu minn dawn l-atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet iffalsifikati;

12. Fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel falsifikazzjoni b' firem foloz, jew b' tibdil f' atti, fi skritturi, jew b' firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b' kitba maghmula jew imnizzla f' registri jew f' atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa;

13. Meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kinux;

14. Filwaqt li minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu ta' ufficjal pubbliku, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta' dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

15. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-ahhar paragrafu qabel dan;

16. B' wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 179 tal-Kodici Kriminali, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li jkun jista' jaghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

17. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

18. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef mitejn u tnejn u sittin ewro (€3,262) ghad-dannu ta' Vincent Magro u martu Maria Rosaria Magro, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

19. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf mija u tmenin ewro (€11,180) ghad-dannu ta' Carmel Tonna u martu Maria Concetta Tonna, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

20. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef hames mija u hamsa u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,585.75) ghad-dannu ta' Josephine Spiteri, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

21. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef erba' mija u sitta u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€3,426.50) ghad-dannu ta' Emanuel Caruana u martu Emanuela Caruana, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

22. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf seba' mija u disgha u tletin ewro (€11,739) ghad-dannu ta' Maria Saveria sive Vona Lawson, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

23. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2300) ghad-dannu ta' Mark Pullicino, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

24. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef tliet mija u erbghin ewro (€3340) ghad-dannu ta' Ann Marie Gauci, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

25. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef seba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€3728.50) ghad-dannu ta' Joseph Sive Joe Camilleri u martu Grace Camilleri, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

26. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hdax-il elf mija u wiehed u tmenin ewro (€11,181) ghad-dannu ta' l-ahwa Vincent Borg u George Borg, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

27. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elfejn disa' mija u hmistax-il ewro (€2,915) ghad-dannu ta' Josef Saliba, martu Stefania Saliba u Josef Vella, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

28. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef u sitta u sebghin ewro (€4,076) ghad-dannu ta' Francesca Saveria Santucci, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

29. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

30. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elf tmien mija u erbgha u sittin ewro u tlettax-il centezmu (€1,864.13) ghad-dannu ta' Frank Masini u martu Sandra Masini, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

31. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hamest elef hames mija u disghin ewro (€5,590) ghad-dannu ta' Josef Muscat, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

32. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' tlett elef tliet mija u hamsin ewro (€3,350) ghad-dannu ta' Clayton Agius u martu Josianne Agius, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

33. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) ghad-dannu ta' Clayton Agius u martu Josianne Agius, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u

liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

34. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' erbat elef tmin mija u hamsa u disghin ewro (€4,895) ghad-dannu ta' George Zarb u martu Mary Astrid Zarb, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

35. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' ghaxart elef tmin mija u disghin ewro (€10,890) ghad-dannu ta' Paola Cassar, Maria Concetta Licari, Anthony Cassar, Georgette Ferranti, Anna Hili u Joseph Cassar, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

36. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' hamest elef hames mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u tletin centezmu (€5,592.38) ghad-dannu ta' George Zarb u martu Mary Astrid Zarb, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba lprofessjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

37. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' sittax-il elf seba' mija u wiehed u sebghin centezmu (€16,771) ghad-dannu ta' Prestige Apartments Limited, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-

obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 30(1)(a) u 190 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Atti kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f' kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti filwaqt li illiberat lill-imputat mill-akkuzi numru ghaxra (10) sa sbatax (17) u mill-akkuza ghoxrin (20), wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 138, 188(1), 293, 294, 310(1)(a)[1] (b)[2], tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat ghal hames (5) snin prigunerija.

---

[1] Qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 u cioe` fiz-zmien li sehh ir-reat, il-piena taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa sebgha snin.

[2] Qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 u cioe` fiz-zmien li sehh ir-reat, il-piena taht l-artikolu 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin.

Ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat ihallas lis-segwenti persuni kif ser jinghad:

1. Melvin West - €1,000;
2. Giovanna Ciantar, Josephine Camilleri, Frida Bugeja, Paolo Refalo, Gemma Gauci u Carmelo Ciantar, werrieta tal-mejjet Giuseppe Ciantar - €11,000;
3. Antoinette Agius, Julie Muscat, Julian Agius u Jane Agius (Ulied Joseph Agius) - €24,451;
4. Carmel Tonna u Maria Concetta Tonna - €11,180;
5. Mark Pullicino - €4,655;
6. Joseph Sive Joe Camilleri u Grace Camilleri - €14,909;
7. Josef Saliba u martu Stefania Saliba, Josef Vella - €4,076
8. Josef Muscat - €5,590;
9. Clayton Agius u martu Josianne Agius - €3,350;
10. George Zarb u martu Astrid May Zarb - €32,558.[3]

Din l-ordni tista' jigi infurzat bl-istess mod bħal li kieku din inghatat f' azzjoni civili bejn il-hati u l-persuni msemmija hawn fuq.

Inoltre` b' applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1,020 rapprezentanti spejjez peritali.

A tenur tal-artikolu 30 tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li l-imputat Peter sive Pierre Falzon jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb, il-warrant ta' nutar pubbliku u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lil President tal-Kunsill tan-Nutara.

---

[3] Salv l-imghaxxijiet li jistghu ikunu dovuti in forza tal-kostituzzjoni ta' debitu - Dok. GZ a fol. 447

Inoltre` il-Qorti, wara li rat l-artikolu 190 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Ordnat li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Ordnat wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju ghat-Taxxi sabiex jinvestiga diskrepanzi rigward il-capital gains tax dovuta fuq kuntratti ta' bejgh li saret riferenza ghalihom.[4]

Finalment fid-dawl tal-provi li gew prodotti f' dawn il-proceduri, l-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f' dan il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru r-reati kkontemplati fil-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment fl-Artikolu 3 tal-istess Kapitolu, u dan primarjament fil-konfront tal-imputat u Helen Falzon[5], kif ukoll fil-konfront ta' P.E.R.G.Ltd. u Elpirega Limited.[6]

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Peter sive Pierre Falzon, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tilqa l-ewwel aggravju tal-appell tieghu u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skont din id-dikjarazzjoni.
2. Alternattivament u minghajr prejudizzju f' kaz li l-ewwel aggravju tieghu ma jintlaqax, tilqa l-aggravji l-ohra tieghu u konsegwentament tirriforma s-sentenza appellata in kwantu:

---

[4] Akkuzi Nru.27-28; 30-31
[5] Artiklu 3 (1) (2) tal-Kap.373 tal-Ligijiet ta' Malta
[6] Artiklu 3 (4) tal-Kap.373 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Tikkonfermaha in kwantu l-esponent ma nstabx hati ta' l-ghaxra (10) sas-sbatax (17) -il imputazzjoni u ma nstabx hati ta' l-ghoxrin (20) imputazzjoni u konsegwentament gie liberat minnhom;

2. Tirrevoka u thassarha ghal bqija fejn l-esponent appellant instab hati u konsegwentament jigi liberat kompletament skont il-ligi;

3. **Alternattivament, u minghajr pregudizzju**, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti,
u cioe:

1. Illi l-**Ewwel Aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe' li l-appellant qed jissolleva n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar it-8 t' Ottubru 2018;

Minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta b' mod manifest li meta l-Ewwel Onorabbli Qorti giet ghad-decide u ghall-erogazzjoni tal-piena naqset milli tiddikjara ta' liema mputazzjonijiet kien qed jinstab hati l-esponenti. Ai fini ta' kjarezza din il-parti tas-sentenza qed tigi riprodotta hawn taht:

*Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi numru ghaxra (10) sa sbatax (17) u mill-akkuza ghoxrin (20) wara li rat l-artikoli 17, 18, 138, 188(1), 293, 294, 310(1) (a) (b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal* ***hames (5) snin prigunerija.***

Dan in-nuqqas da parti ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti jrendi l-istess sentenza nulla kemm ai termini ta' l-Art. 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll in linea mal-gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrani.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-Ewwel Aggravju, t-**Tieni Aggravju** tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tas-sejbien ta' htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, t-**Tielet Aggravju** tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe' li l-esponenti fuq dak li jinsab fl-atti processwali ma setghax jinstab hati tar-reat ta' misappropprijazzjoni;

Minn qari tas-sentenza appellata jidher li ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza kopjuza dwar l-elementi tar-reat ta' misappropprijazzjoni, meta giet biex tapplika l-istess ghal fattispecie tal-kaz in ezami ghamlet konstatazzjonijiet erronji kemm ta' fatt u ta' dritt li jrendu l-konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Onorabbli Qorti wahda zbaljata fit-totalita taghha.

Illi l-elementi tar-reat ta' misappropprijazzjoni jistghu jigu sintetizzati fi tlieta:

i. Persuna tafda oggett jew tikkonsenja oggett lil persuna ohra;

ii. Din il-persuna tafda dan l-oggett jew tikkonsenja l-oggett b' ghan li ghalih ghandu jintuza dan l-oggett;

iii. Il-persuna li tircievi l-oggett taghmel uzu differenti b' dak l-oggett minn dak li ghalih giet konsenjata lilha u dan bi qliegh ghalih jew ghal haddiehor;

Id-difiza li qajjem l-imputat f' dan il-kaz kien li l-prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova ta' l-ahhar element. Il-prosekuzzjoni f' dan il-kaz waqfet fuq il-fatt li l-partijiet fuq kuntratt ghaddew il-flus lill-imputat u dan iddeposita l-istess flus f'kontijiet bankarji taht il-kontroll tieghu. Bir-rispett dan wahdu ma jwassalx ghar-reat ta' misappropriijazzjoni. Kemm l-ufficjali nvestigattivi kif ukoll il-prosekutur f'din il-kawza ma hassewx il-htiega li jaraw x' ghamel b' dawn il-flejjes l-imputat.

Fil-fatt id-difiza li ghamlet f' dan il-kaz ressqet il-provi li setghet f' dan il-kaz li fuq bazi ta' probabilita' urew li l-flejjes hekk depozitati gew konvertiti f' bank drafts pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dan l-ezercizzju qatt ma sar mill-ufficjali nvestigattivi. Ghalhekk anke fuq bazi ta' probabilita' d-difiza ressqet il-prova li flejjes mghoddija lill-akkuzat sabiex jghaddihom lill-Kummissarju tat-Taxxi interni fil-fatt thallsu lill-istess Kummissarju tat-Taxxi.

Certament l-prova li l-akkuzat dawwar dawn il-flejjes ghal profitt tieghu jew ta' terz ma tezisti mkien fil-process meta l-istess flejjes jidher mill-atti li gew mghoddija lill-Kummissarju tat-Taxxi.

Umilment jigi rilevat li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet analizi konfuzjonarja ta' l-argumenti mressqa mid-difiza. Mkien fit-trattazzjoni taghha ma argumentat id-difiza

li ghaliex l-akkuzat uza kontijiet bankarji f' isem socjetajiet ikkontrollati mill-akkuzat qatt ma setgha jirrafigura ruhu r-reat ta' misapproprijazzjoni. L-argument tad-difiza kien fis-sens li l-fatt biss li l-flus gew depozitati f' kont ta' socjeta kkontrollat finalment mill-akkuzat u mhux f' kont intestat f' ismu personalment fih innifsu ma jikkostitwixxix ir-reat ta' misapproprijazzjoni. Il-punt li kellu jigi stabbilit kien – x' ghamel bihom il-flus moghtija lilu finalment l-akkuzat? Dawwarhom bi qliegh ghalih jew ta' terz – Din il-prova hija ghal kollox mankanti. Anzi l-prova li hemm huwa li  fuq bazi ta' probabilita' l-istess flejjes gew ricevuti mill-Kummissarju tat-Taxxi;

Bl-istess mod r-referenza ghall-emendi li saru fl-Art 24A tal-Kap 55 jidher li ma nftiehmitx mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Din ir-referenza saret biss sabiex l-esponent jispjega ghalfejn kien kostrett juza kontijiet f' isem socjetajiet kummercjali kontrollati minnu sabiex ikompli fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Fiz-zmien mertu tal-kawza in-nutara ma kellhomx il-protezzjoni li ttihom il-ligi llum u cioe' li kont li fih jiddepozitaw l-flejjes tal-klijenti taghhom ma huwiex sekwestrabbli minn terzi. Ghalhekk galadarba l-esponent kien milqut minn mandati ta' sekwestri li kien qed jolqtu ukoll flejjes tal-klijenti tieghu, l-esponent dak iz-zmien l-unika mezz li kellu sabiex jkompli jaghmel pagament ghan-nom tal-klijenti tieghu kif rikjest minnu mil-ligi, kien li jiddepozita l-istess flejjes f' kontijiet li ghalkemm mhux intestati f' ismu personalment (ghaliex kieku kienu jigi milquta bil-mandati ta' sekwestru) kienu kontrollati minnu u minnhom johrog bank drafts lill-Kummissarju tat-Taxxi u lill-istess klijenti.

Li donnha l-ewwel Onorabbli Qorti ppretendiet li l-akkuzat kellu jieqaf mill-professjoni tieghu ghaliex kien milqut b' mandati ta' sekwestru ma ghandu l-ebda konfort fil-ligi;

Lanqas ma jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti hija familjari mal-modus operandi ta' kif kien jithallas il-boll lill-Kummissarju tat-Taxxi u kif del resto jahdem ukoll ir-Registru tal-Qorti. Sal-lum ir-Registru tal-Qorti ma jaccettax cekkijiet personali tac-cittadini u jezigi li jithallas jew bi flus kontanti, jew b' cekk ta' avukat jew prokuratur legali jew permezz ta' bank drafts. Bl-istess mod il-Kummissarju tat-Taxxi fil-Capital Transfers Department jezigi li malli jigi pprezentat b' kuntratt sabiex jigi insinwat jithallas il-boll jew b' cekk tan-Nutar jew permezz ta' bank draft. Cekkijiet tal-partijiet personali ma humiex accettati. Dan ghaliex l-awtorita' pubblika tibza li xi cekk tal-partijiet jista ma jigix onorat.

Bl-istess mod l-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li f' nifs wiehed ghamlet tant enfasi fuq il-personalita' guridika distinta u separata ta' kumpanija mill-azzjonijisti u d-diretturi taghha, f' mumenti ohra tghid li ma kienx jaghmel sens li jekk kellu sekwestru l-akkuzat huwa mar jiddepozita flus f' kont ta' kumpanija li taghha kien direttur. Il-fatt biss li kien direttur tal-kumpanija bl-ebda mod ma jfisser li mandat li johrog kontrih personalment kien ser jolqot lil kumpanija li taghha kien direttur ghaliex il-kumpanija ma hijiex il-persuna li kontriha sar il-mandat;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravvji precedenti, r-**Raba aggravvju** tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe' jigi umilment sottomess li fuq il-bazi tal-provi prodotti l-imputat qatt ma kellu jwiegeb ghar-reat taht l-Art. 138 tal-Kodici Kriminali;

   L-ewwel Onorabbli Qorti fl-analizi taghha ta' l-imputazzjoni migjuba kontra l-esponent b' rabta ma' l-Art 138 tal-Kodici Kriminali kull ma tghid hu li galadarba tirrizulta akkuza ta' misapproprijazzjoni u l-esponent kien nutar pubbliku fiz-zmien ta' l-akkadut din l-akkuza bil-fors tirrizulta. Bir-rispett dan huwa argument li ma jsegwix il-logika.

L-Art 138 tal-Kap 9 huwa reat differenti u distint minn dak tal-misappproprijazzjoni u l-elementi kostituttivi tieghu iridu jigu ppruvati partikolarment l-element intenzjonali tieghu.

Jekk il- fatt biss li l-esponent huwa nutar u jinstab hati ta' misappproprijazzjoni awtomatikament iwassal ghal htija taht l-Art. 138 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Art 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jigi rez inutli u superflwu.

Anke il-fatt li z-zewg reati huma taht titoli differenti tal-Kodici Kriminali huwa indikattiv li huma diversi ghal xulxin u reat minnhom ma ghandux x' jaqsam ma' l-iehor.

Certament li ma saret l-ebda prova ta' l-elementi kostituttivi tar-reat taht l-Art 138 tal-Kodici Kriminali u l-istess reat ma ghandu l-ebda applikabilita' ghal kaz in ezami;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravvji precedenti, **l – hames aggravvju** ta' l-appellant huwa car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet konstatazzjonijiet erronei ta' fatt u ta' dritt ghal dak li jirrigwarda l-ordni taghha sabiex l-esponent irodd lura lill-individwi elenkati fis-sentenza diversi somom ta' flus.

Kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dan l-appell uhud mill-persuni li l-Ewwel Onorabbli Qorti qed tiddikjara li ma thallsux jew li l-kuntratt taghhom baqa ma giex insinwat fil-fatt kienu thallsu dak dovut lilhom jew fil-fatt l-ammont

minnhom reklamati kienu thallsu lill-Kummissarju tat-Taxxi li ghadda sabiex irregistra l-att notarili in kwistjoni.

Min-naha wahda l-Ewwel Onorabbli Qorti tilmenta min-natura tal-prova mressqa mill-imputat sabiex juri dawk il-kazijiet fejn kien sar hlas u fejn ma kienx sar izda min-naha l-ohra sfuggilha li d-difiza twaqqfet mill-taghmel domandi dwar dan lill-prosekutur jew li terga tipproduci x-xhieda li kienu telghu sabiex terga taghmlilhom id-domandi relattivi u dan minhabba l-ekonomija tal-hin fl-istadju tal-provi difiza a kuntrarju tas-snin li hadet il-prosekuzzjoni.

Tul dawn il-proceduri l-esponent kellu jghaddi minn zbilanc procedurali li serjament kellhu effett fuq id-difiza tieghu fejn f' certu istanzi oltre milli jilqa ghal dak li kienet qed titfa lejh il-prosekuzzjoni kellu jiffacja u jilqa ghal forma mentis li donnha kellha l-Ewwel Onorabbli Qorti minn proceduri passati li iffacja l-esponent. Dan johrog anke minn siltiet fejn anke l-Ewwel Onorabbli Qorti tghid li l-imputat harab minn Malta meta proceduri marbutin ma' l-istess allegazzjoni spiccaw f' ezitu posittiv ghall-esponent u gie liberat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravvji precedenti, **is-sitt aggravvju** ta' l-appellant huwa car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta kkundannatu jhallas l-ispejjez peritali inkorsi f' dawn il-proceduri;

Jirrizulta b' mod manifest li l-ispejjez peritali gew inkorsi b' rabta ma l-akkuzi ghaxra sa sbatax u b' rabta ma' l-espert Joseph Mallia. Minn dawn l-akkuzi l-

esponent gie liberat u ghalhekk wiehed qajla jifhem kif legalment u fattwalment ghandu jgorr l-ispejjez peritali f' dan ir-rigward.

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravvju precedenti **is-sebgha aggravvju** ta' l-appellanti huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-ordni tal-Qorti sabiex kemm il-Kummissarju tat-Taxxi kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija jigu notifikati bis-sentenza u sabiex dawn jiehdu passi kontra l-imputat u kontra terzi ghall-allegati reati li l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li ghandhom iwiegbu ghalihom la kienu flokhom u wisq anqas ghandhom xi fundament guridiku.

Bir-rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiema set ta' akkuzi u kienet dawn li kellha tittratta u mhux tmur oltre li addirittura taghmel il-kaz ghal prosekuzzjoni fir-rigward ta' x'akkuzi futuri jistghu johorgu kontra l-esponent u terzi familjari tieghu;

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravvju precedenti **it-tmien aggravvju** ta' l-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe li dato ma non concesso li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet gustifikata fis-sejbien ta' htija ta' l-appellant ghall-uhud mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu il-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx wahda ekwa, ma kinitx wahda gusta u certament li kienet eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz

Semghet lill-avukat difensur jittratta l-kawza u dan fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2020.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula minn Dr Annemarie Cutajar ghan-nom tal-Avukat Generali esebita fl-atti.

Rat u hadet qies  in-nota prezentata mill-appellant quddiem din il-Qorti dwar il-hlasijeit li sar minnu fil-mori ta dan l-appell.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi kienu saru numru ta' rapporti fil-konfront tal-appellant dak iz-zmien Nutar fejn kien hemm numru ta' kuntratti li ma gewx insinwati, uhud fejn l-ammont rapprezentanti *boll* jew *capital gains tax* moghtija lill-appellant sabiex tithallas ghan-nom tal-partijiet ma thallsitx u fejn sahansitra gie anke allegat li depozitu fdat ghand l-appellant sabiex fuq il-kuntratt jinghadda lil venditur baqa' ma nghaddix.

2. Irrizulta ukoll li filwaqt li f'uhud mill-kuntratti kien tnizzel li kien hemm ammont ta' Capital Gains dovut, fil-formola mimlija mill-appellant intiza ghall-Ufficcju tat-Taxxi interni, Dipartiment tal-Capital Transfer Duty tnizzel li l-ebda ammont ma kien dovut taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income u cioe' gie indikat bhala 'nil';

3. Il-Pulizija investigat ukoll rapport fejn allegatament il-firem tal-Imhallef Joseph Azzopardi u d-deputata M'Lourdes Lautier kienu gew falsifikati f'digriet.

4. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi wara li din il-Qorti permezz tas-sentenza datata s-sbatax (17) ta' Jannar 2019 laqghet l-ewwel aggravju tal-appellant u annullat is-sentenza appellata, din il-Qorti sejra tiddeciedi l-kawza fil-mertu mill-gdid u tikkunsidra l-appell tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza.

Din il-Qorti sejra tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-appellant fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru 2011 stante li din ittiehdet minghajr l-appellant ma nghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid taghha. In oltre', din il-Qorti rizultat ta' dan, sejra tiskarta  kwalunkwe referenza fl-atti inkluz fix-xhieda ghal dak li l-appellant setgha qal matul l-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Fost numru ta' dokumentazzjoni gie pprezentat certifikat taz-zwieg bejn l-appellant Peter Falzon u maru Helen Vella.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru 2015 fejn gie vverbalizzat li '*Id-difiza ghar-rigward tal-kwezit numru 6, qed jezenta lill-Ispettur Angelo Gafa milli jikkonferma d-dokumenti kollha esebiti inkuz dak tal-Avukat Generali u ghalhekk jezenta l-Prosekuzzjoni milli tharrku bhala xhud ghal dan il-ghan fil-kaz odjern.*' Is-sitt kwezit fin-nota tal-Avukat Generali kienet taqra '*Salv ezenzjoni tad-difiża, tordna li d-dokumenti kollha li ġew ippreżentati mill-iSpettur Angelo Gafa jiġu ikkonfermati bil-ġurament*'.

L-appellant fit-tieni aggravju tieghu issottometta li l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lil appellant u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk skont l-appellant il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tas-sejbien ta' htija tal-imputat li per konsegwenza hija '*unsafe and unsatisfactory.*'

Din il-Qorti sejra tibda billi tqis l-imputazzjonijiet rigwardanti l-approprjazzjoni in debita. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant issottometta li fuq dak li jinsab fl-atti processwali ma setghax jinstab hati tar-reat ta' misapproprijazzjoni. L-appellant ghamel referenza ghall-elementi tar-reat ta' misapproprijazzjoni u cioe' li:

1. Persuna tafda oggett jew tikkonsenja oggett lil persuna ohra;
2. Din il-persuna tafda dan l-oggett jew tikkonsenja l-oggett b'ghan li ghalih ghandu jintuza dan l-oggett;
3. Il-persuna li tircievi l-oggett taghmel uzu differenti b'dak l-oggett minn dak li ghalih giet konsenjata lilha u dan bi qliegh ghalih jew ghal haddiehor.

Id-difiza li qajjem l-appellant kien li l-prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova tal-ahhar element. Il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz waqfet fuq il-fatt li l-partijiet fuq kuntratt

ghaddew il-flus lill-imputat u dan iddeposita l-istess flus f'kontijiet bankarji taht il-kontroll tieghu. Gie sottomess li dan wahdu ma jwassalx ghar-reat ta' misappropprijazzjoni. Kemm l-ufficjali investigattivi kif ukoll il-prosekutur f'din il-kawza ma hassewx il-htiega li jaraw x'ghamel b'dawn il-flejjes l-imputat. Gie sottomess li d-difiza resqet il-provi li setghet f'dan il-kaz li fuq bazi ta' probabilita' urew li l-flejjes hekk depozitati gew konvertiti f'bank drafts pagabbli lil Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dan l-ezercizzju qatt ma sar mill-ufficjali investigattivi. Jissottometti li d-difiza ressqu prova fuq bazi ta' probabilita li flejjes mghoddija lill-akkuzat sabiex jghaddihom lil Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-fatt thallsu lill-istess Kummissarju tat-Taxxi. Li l-prova li l-akkuzat dawwar dawn il-flejjes ghal profit tieghu jew ta' terz ma tezistix mkien fil-process meta l-istess flejjes jidher mill-atti li gew mghoddija lil Kummissarju tat-Taxxi. L-argument tad-difiza huwa li l-fatt biss li l-flus gew depozitati f'kont ta' socjeta' kkontrollata finalment mill-akkuzat u mhux f'kont intestat f'ismu personalment, fih innifsu ma jikkostitwixxi ir-reat ta' misapproprjazzjoni. Skont l-appellant il-punt li kellu jigi stabbilit kien x'ghamel bihom il-flus moghtija lilu. Dawwarhom bi qliegh ghalih jew ta' terz. Li din il-prova hija ghal kollox mankanti. Anzi skont l-appellant l-prova li hemm huwa li fuq bazi ta' probabilita' l-istess flejjes gew ricevuti mill-Kummissarju tat-Taxxi. Jispjega ukoll li fiz-zmien mertu tal-kawza in-nutara ma kellhomx il-protezzjoni li ttihom il-ligi llum u cioe' li kont li fih jiddepozitaw il-flejjes tal-klijenti taghhom ma huwiex sekwestrabbli minn terzi. Li galadarba l-appellant kien milqut minn mandati ta' sekwestri li kienu qed jolqtu ukoll flejjes tal-klijenti tieghu, l-appellant dak iz-zmien l-unika mezz li kellu sabiex ikompli jaghmel pagament ghan-nom tal-klijenti tieghu kif rikjest minnu mill-ligi, kien li jiddepozita l-istess flejjes f'kontijiet li ghalkemm mhux intestati f'ismu personalment ghaliex kieku kienu jigi milquta bil-mandati ta' sekwestru kienu kkontrollati minnu u minnhom johrog bank drafts lil Kummissarju tat-Taxxi u lill-istess klijenti. Jispjega li l-Kummissarju tat-Taxxi fil-Capital Transfers Department jezigi li malli jigi pprezentat b'kuntratt sabiex jigi insinwat jithallas il-boll jew b'cekk tan-Nutar jew permezz ta' bank draft. Cekkijiet tal-partijiet personali ma humiex accettati.

Din il-Qorti meta sejra tqis kull imputazzjoni, sejra tikkunsidra l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Qabel ma taghmel dan, sejra taghmel referenza ghal provi mressqa

mid-difiza rigwardanti r-reati ta' approprjazzjoni indebita. Naturalment hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u ghalhekk il-prova ma tinkombix fuq l-akkuzat. Fit-tlieta (3) ta' April 2018 kien sar il-kontro-ezami tal-Ispettur Angelo Gafa fejn spjega li '*qed tghid jiena x'ghidt f'Gunju tal-2013, l-investigazzjoni saret qabel u nispjega ghalfejn ghaliex is-Sur Falzon kien wanted, kien telaq minn Malta u kien gie arrestat Spanja jigifieri kien ghadda izjed zmien jigifieri dawn l-investigazzjonijiet saru fl-2011, anke u 2010 filfatt. Li naf zgur filfatt kienu jsiru depoziti mas-Sur Falzon, jithallew cekkijiet, jigu depozitati fil-kontijiet personali tieghu, eventwalment dawk il-kontijiet bankarji personali tieghu, kien gew zbankati, naf li anke hareg cekkijiet personali jekk ma nizbaljax u dawn gew anke refer to drawal ghaliex ma kienx hemm flus.*' Mistoqsi jekk kienx ivverifika l-bank drafts lil minn thallsu wiegeb li ma jiftakarx. Id-difiza ghamlet referenza ghal mandati ta' sekwestru wiehed tas-sena elfejn u tnejn (2002) u iehor tas-sena elfejn u tmienja (2008) u l-Ispettur wiegeb li jekk ma ghamilx referenza ghalihom fix-xhieda tieghu tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 allura ma kellux konoxxenza taghhom. Kopja tal-mandat ta' sekwestru immarkat bhala Dok FG a fol 1221 et sequitur fl-ismijiet **'Carmel Galea u Helen Galea vs Nutar Pierre Falzon** K.I. Numru 535060(M)' fl-ammont ta' LM25,000 gie pprezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2002. Mandat ta' sekwestru iehor gie pprezentat u mmarkat bhala Dok FG1 a fol 1226 et sequitur fl-ismijiet **'John (27561(M)) u agnes (74062(M)) Farrugia' vs 'Wanapp Company Limited u Nutar Pierre Falzon (C10436) u ID 535060(M)**' fl-ammont ta' €10,9480.55 prezentat fl-erbatax (14) ta' Awissu 2008.

**Rose Cortis** xehdet fit-tlieta (3) ta' April 2018 li tahdem il-Bank of Valletta ma kellhiex l-informazzjoni mitluba. Sussegwentement Joanne Bartolo xehdet fit-tieni (2) ta' Mejju 2018 fejn xehdet li '*kellna nipprezentaw kopji ta' bills payables li inhargu bejn l-1 ta' Gunju 2009 u d-9 ta' Gunju 2009 mill-kont 40010955422 kont f'isem Elprega. Ha nipprezenta kopja tac-cekkijiet kollha Sur Magistrat pero' wiehed ma nstabx. Mela kif kienet fehmet Rose id-darba l-ohra peress li kien id-dati 2009 kellna nfittxu l-encashment dates biex inkunu nistghu nirritrivaw il-kopja tac-cekk. Cekk minnhom 739714 ammont 1472 91 li c-cekk ikun 1470 u t-292 hija c-charge ma sibnix id-data of encashment ma nafux giex imsarraf jew le pero' the rest hawn kopja taghhom hawnhekk.*' Dawn gew esebiti bhala Dok. JBD. In kontro-ezami xehdet dwar cekk 1470 li ma ghandhomx nota jekk giex imsarraf jew le. Spjegat li dawn huma bank drafts jigifieri '*Once li bniedem jordnhom il-bank*

*ovvjament johrog ic-cekk, jiddebita l-kont tal-klijent u jinghata lilu bhala cekk. Issa l-parti l-payeee lill min hu pagabbli suppost jsarrfu. Issa f'dan il-kaz jew ma ssarrafx'*. Mistoqsija lil min kien payable ic-cekk wiegbet '*Ma nista' nkun naf xejn ghax peress, biex tghaxxaq peress li 2009 fil fatt id-darba l-ohra Rose kienet qalet li kien hemm cans kbir li ma nsibu xejn dettalji fuqhom. Pero' rnexxilna min hawn u min hemm min naha tal-IT ingibu ghax ghaddew il-five years, ingibu d-date of encashment*'. Li rceviet huma payable wiehed lil Gaetano Fenech u l-ohrajn CIR. Ghalhekk gew esebiti numru ta' bills payable li nhargu bejn l-ewwel (1) ta' Gunju 2009 u d-disgha (9) ta' Gunju 2009 mill-kont f'isem Elprega indirizzati kollha lil CIR ghajr ghal wiehed indirizzat lil Gaetano Fenech.

L-**artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

'*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294.Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*'

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghat-tghallim gurisprudenzjali dwar dan ir-reat. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'**[7] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie meqjus li:

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa ohra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor. Dan ir-reat jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun jiġi mogħti lill-aġent volontarament u mhux jittieħed kontra l-volonta' jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu ukoll mit-truffa għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998

*ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Sylvana Briffa) vs. Keith Arthur Mayho'**[8] gie meqjus li:

*'That, as regards the present case, if reference is made to the three elements mentioned in the judgment above- referred to,* ***Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni****, whereas from the evidence brought forward it can safely be said that the first two elements have been satisfied, the same cannot be said as regards the third element. The proof that the accused has converted to his benefit or to the benefit of any other person is surely lacking. It should also be noted that no proof whatsoever was brought forward as to what actually happened to the freezer in question and who actually removed it, which the accused says was removed by someone when he was abroad on a holiday and who had removed the freezer without him knowing. As regards the fact that there was a time when the accused used to use the freezer to store some ice cubes in it, when he was not permitted to do so, not even this can be considered as misappropriation.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus John Gauci'**[9] dwar l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat li:

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur,*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' Frar, 2013 (Numru: 143/2012)

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1997

*u* ***prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu*** *jew użu divers."* (Emfazi u sottolinear mizjuda minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan, 43 years, son of Robert and Elmira nee' Vardanyan, born in Yerevan, Armenia, on the 11th February 1970, residing at 72/2, Duke Apartments, Victor Denaro Street, Msida, and holder of Maltese ID card number 18658A and Almerian passport number AG0644567 issued in Armenia on the 2nd February 2006'** [10] gie kkunsidrat li:

*'In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided:*

***"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:***

***1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal- proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.***

***2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.***

***3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;***

***4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;***

***5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"*** *(The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007)*

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2013 (Numru: 77/2019)

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation (The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998).*

***"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."***

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:*

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)*[11]

*The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence.*

*Finally the mens rea or the intention of the agent must be proven beyond reasonable doubt – the intention to make a gain or profit from the misappropriation of the object entrusted to him. In another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction in the case The Police vs Dr. Seigfried Borg Cole (23 December 2003) the Court quoted the jurist Luigi Maino with regards to the intentional element necessary for the commission of this crime. (**Commento al Codice Italiano UTET (1922)** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):*

---

[11] The Police vs Francis Camilleri - 25 June 2001 – Court of Criminal Appeal (Inferior) (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.''*

Din il-Qorti tqis li fil-kazijiet fejn jigi ppruvat li persuna tkun fdat somma flus jew oggett ghal ghan specifiku fosthom sabiex tithallas taxxa u fejn minkejja li dawn ic-cekkijiet jigu depozitati b'kont bankarju ta' terz jew anke f'kaz fejn l-imputat ikun Direttur jew Segretarju ta' din il-kumpannija u ghalhekk titressaq prova li l-appellant dawwar dan l-ammont ghalih jew ghal persuna ohra fosthom fejn jsir id-depozitu

tac-cekk intiz ghal raguni specifiku bhal hlas ta' taxxa, u din it-taxxa tibqa' ma tithallas, izda jkun hemm prova li dan l-ammont li jkun ghadda lill-appellant f'dan il-kaz ikun gie depozitat f'kont bankarju, irrispettivament ta' dak li l-akkuzat ikun sussegwentement ghamel b'dan l-oggett jew flus ikun ifisser li l-akkuzat ikun ghamel uzu minnu b'mod divers minn dak li gie fdat ghalih. Id-difiza tissottometti li ppruvat fuq bazi ta' probabilita' li l-flejjes mghoddija lill-akkuzat sabiex jghaddihom lil Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-fatt thallsu lill-istess Kummissarju tat-Taxxi. Dan mhuwiex il-kaz, l-appellant ressaq bhala prova rapprezentant tal-Bank of Valletta fejn Joanna Bartolo prezentat numru ta' bill payables indirizzati lic-CIR pero' ma tressqet l-ebda prova li dawn kienu jirrigwardaw flejjes in konnessjoni mal-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proceduri. Minn naha l-ohra f'uhud mill-imputazzjonijiet gie ippruvat li l-appellant minkejja li gie fdat b'dawn il-flejjes ma ghamilx uzu minnhom kif kien fi dmir li jaghmel, tant li huwa ddepozita dawn ic-cekkijiet f'kontijiet bankarji ta' kumpanniji u xi kultant anke ta' terzi u cioe' ta' Helen Falzon u ta' certu Joseph Cassar. Il-hlas baqa ma giex ricevuta mid-Dipartimenti tat-Taxxi f'uhud mill-kazijiet u f'uhud minnhom dan sar wara diversi xhur u snin.

Id-difiza tissottometti li l-appellant kien jiddepozita l-ammonti f'kumpannija li taghha kien direttur u dan minhabba sekwestri li kellhom f'ismu. Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li kumpannija ghandha *a personal and distinct legal personality*. Mill-provi kif sejra ssir referenza ghalihom jirrizulta li kien hemm cekkijiet depozitati fil-kont bankarju tal-kumpannija ELPIREGA LIMITED u anke fil-kont bankarju ta' P.E.R.G Ltd. Fl-ewwel lok skont ir-registered documents tal-Kumpanija ELPIREGA LIMITED bin-numru ta' registrazzjoni C 28775 immarkati bhala AP15 prezentati fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) minn Dr Amanda Poole li tahdem l-MFSA, id-Diretturi kienu Pierre Falzon u Helen Falzon, Pierre Falzon kellu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpanija u l-Segretarja hija Helen Falzon. Skont il-memorandum of association a fol 830, l-objects ta' din il-kumpannija kienu '*To carry on all or any of the businesses of building development and construction in general*' fost oggettivi ohra, liema oggettivi ma jirrigwardawx il-professjoni Notarili.

Skont ir-registered documents dwar P.E.R.G. Limited bin-numrut ta' registrazzjoni C 12445. prezentati minn Dr Amanda Poole fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju 2016, li

tahdem l-MFSA li huwa mmarkat bhala Dok. AP1, jirrizulta li Dr Pierre Falzon irrizzenja mill-Bord tad-Diretturi b'effett immedjat fil-hmistax (15) ta' Ottubru 2003, din giet sottometta lil Registru tal-Kumpannija fis-sbatax (17) ta' Ottubru 2003 u regghet giet sottomessa fit-tnejn (2) ta' Gunju, 2006 filwaqt li Helen Falzon giet appuntata bhala managing director u kellha r-rapprezentanza legali u gudizzjarja ta' din il-kumpanija mill-hmistax (15) ta' Ottubru, 2003. Dr Pierre Falzon kien is-segretarju ta' din il-Kumpannija. L-objects ta' din il-kumpannija skont il-Memorandum of Association jinkludu '*To act as retailers, wholesalers, importers, exporters, manufacturers and distributors of meat and processed foods.*' fost oggettivi ohra, liema oggettivi ma jirrigwardawx il-professjonali notarili.

Ghalkemm jirrizulta li kien hemm bank drafts mahrugin mill-kont bankarju ta' ELPIREGA LIMITED indirizzati lil CIR, kif gia ikkunsidrat ma giex ippruvat versu liema hlas dovut minn liema persuna. Dato ma non concesso li l-appellant verament beda jiddepozita dawn ic-cekkijiet fil-kont bankarju ta' dawn il-kumpanniji sabiex dawn il-flejjes ma jigux milquta minn mandat ta' sekwestru, il-Qorti tistaqsi mela x'kien li waqqaf lill-appellant milli jghaddi l-pagamenti lil Kummissarju tat-Taxxa? Jekk verament huwa ddepozitahom fil-kontijiet bankarji ta' kumpanniji li huwa kien direttur jew fil-kont bankarju ta' martu sabiex il-flejjes tal-klijenti ma jintlaqtux minn mandat, x'kien li waqqaf lill-appellant li f'xi kazijiet jirrifondi lura d-depozitu jew li jhallas it-taxxa kif kien fi dmiru li jaghmel ghan-nom tal-partijiet fuq il-kuntratt? Jekk l-appellant kien milqut b'mandati ta' sekwestri, x'kienet ir-raguni ghala ma talabx il-klijenti sabiex minflokk ma jaghtuh cekk, jiprovdu bank draft indirizzat lil Kummissarju tat-Taxxi u ghalhekk kienet tkun sorvolata l-allegata biza tal-appellant li jinqabdu l-flejjes tal-klijenti u ma kienx ikollu ghalfejn jiddepozitahom f'kontijiet ta' terzi jew f'kumpannija fejn huwa kien direttur?

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis kull imputazzjoni mressqa dwar ir-reat ta' approprjazzjoni indebita sabiex tikkunsidra jekk il-Prosekuzzjoni irnexxieliex tiprova l-kaz taghha.

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda ir-reat ta' approprjazzjoni in debita fejn il-vittma huwa Melvino West fl-ammont ta' elf ewro (€1000). L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-

seduta tas-sittax (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*fid-19 ta' Awwissu 2010 dan Melvino West kien iffirma kuntratt quddiem in-Nutar Pierre Falzon li permezz tieghu dan kien akkwista wiehed minn hmistax (1/15) tal-wirt ta' Carmela Mercieca u li dan fost l-ohrajn kien jikkonsisti f' garaxxijiet u farmhouse. Dana l-kuntratt kien gie ffirmat minn certu Carmel sive Charles Mercieca li kien ircieva s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf euro minghand is-Sur West ghal dan il-wirt mixtri, u aktar minn hekk is-Sur West kien fl-istess gurnata halla elf euro lin-Nutar sabiex ihallas il-bol, flimkien ma hames mitt euro ohra bhala spejjez notarili. Meta dan kienu saru verifici mal-officju tat-taxxi interni kien gie stabbilit li n-Nutar Falzon qatt ma kien ghadda din is-somma ta' flus, din l-elf Euro ossia lid-Dipartiment, u ghaldaqstant dan il-kuntratt qatt ma gie rregistrat ma' l-awtoritajiet, u ghaldaqstant wara dan fit-22 ta' Novembru 2011 l-ufficcju tat-taxxi nterni kienu infurmana li l-istess partijiet kienu ffirmaw kuntratt gdid fil-15 ta' Frar 2011 quddiem in-Nutar Dr Joanne Lia, u l-ammont imhallas kien dakinhar ta' 730 Euro.*'[12]

**Melvino West** xehed quddiem l-Ewwel Qorti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2013 fejn xehed li '*Tat-taxxa b'kollox tajtu 1500 Euros.*' Spjega li t-taxxa u l-bolla ma thallsux zgur '*ghax jien ergajt qabbadt Nutar iehor u hallasli hu mbaghad pero mhux 1500, in-Nutar 500 minnhom tax-xoghol u 1000 tal-bollol sewwa.*' Dak in-nhar tax-xhieda tieghu dan ix-xhud xehed li l-flus '***ghadni ma hadt xejn. Imma gejt imwied min-Nutar innifsu li ha jtihomli fi zmien tliet gimghat voldieri.***' Xehed ukoll **'*Issa qalli ghandi l-Qorti jekk trid tista ma tigix voldieri u ntik il-flus lura fi zmien tliet gimghat il-1000 imma ilu jghidli li ha jtihomli ta pero ghadni ma hadthomx*.**'

Patrick Grima rapprezentant tat-Taxxi fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 xehed li '*wiehed minnhom kien bejn certu Charles Mercieca bhala l-venditur u l-kompratur kien Melvin West, f' dan il-kaz il-kuntratt jidher li sar fid-19 t'Awissu imma meta ktibt jiena ghax jien ktibt fi Frar 2011 ma kienx gie pprezentat issa nghidlek il-verita peress illi jien m'ghadnix il-Kap tat-Transfers Duty ghax qieghed issa l-Head office, il-bierah cempilt biex jiccekkjawli x'dahal u ma dahalx u f' dan il-kaz xorta ghadu ma giex ippezentat.*' Meta rega xehed Patrick Grima fit-tlettax (13) ta' Marzu 2014) huwa spjega li '*dan il-kuntratt ma giex ipprezentat jirrizulta li mbaghad l-istess partijiet resqu ghall-kuntratt imma dan il-kuntratt filfatt kiengie pprezntat minn Nutara Dr Joanne Lia u thallsu t-taxxi dovuti.*'

[12] Din il-Qorti tinnota li l-kuntratt li jinsab immarkat bhal 1A prezentat mill-Ispettur Gafa fil-file immarkat bhala Dok AG jindika il-kompratur bhala 'Melvin West'.

**Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 fejn spjega li kuntratt ffirmat minn Nutar Pierre Falzon qatt ma gie registrat izda kuntratt gdid gie pprezentat minn Nutar Joanne Lia. Skont dokument IA prezentat mill-Ispettur Gafa'[13], il-kuntratt kien sar fid-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fejn l-ammont ta' taxxa li kelli jithallas kien ta' elf ewro (€1000). Filwaqt li skont dokument IB prezentat ukoll mill-Ispettur Gafa', Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kien kitiblu fl-ittra datata l-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) li '*To date such transfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payment was received*.'[14] Filwaqt li fid-dokument IC Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kien kieteb lill-Ispettur fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2011 li '*same parties signed a new deed on the 15th February, 2011. Properties being acquired were house numbered one hundred and seven (107) including a back garden measuring circa sixty eight square metres (68m$^2$) and three garages numbered six (6), seven (7) and (8) eight, Carmel Street, Fgura. This was presented by Notary Dr, Joanne Lia. Duty paid amounted to € 730.*' [15] Izda l-kuntratt maghmul mill-appellant kien jirrigwarda akkwist u xiri ta' wirt kollu naxxenti mill-eredita tal-mejta Carmela Mercieca, fost liema wirt hemm garages u razzett gewwa l-Mosta/ Naxxar flimkien ma redditi ta' kera u anke flus depositati fil-banek lokali. Ghalhekk ma jirrizultax car jekk il-kuntratt li sar fil-hmistax (15) ta' Frar 2011 jirrigwardax il-mertu tal-kuntratt li l-appellant naqas milli jirregistra u jhallas it-taxxa dovuta.

**Melvino West** xehed quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta fit-tletin (30) ta' Jannar 2020 ikkonferma li llum ha l-flus lura minn ghand l-appellant. Ghalhekk jirrizulta li l-appellant hallas lura dak dovut lil dan ix-xhud izda dan sar fil-mori tal-proceduri. Din il-Qorti ai fini tal-elementi li jsawru r-reat ta' approprjazzjoni in debita tqis li minkejja li gie ppruvat li Melvino West hallas elf ewro (€1,000) sabiex tithallas it-taxxa dovuta u li l-appellant baqa' ma ghaddiex dan il-hlas lid-Dipartiment koncernat tant li lanqas kien registrat il-kuntratt in kwistjoni

[13] Id-dokumenti kollha li din il-Qorti sejra tirreferi ghalihom f'din is-sentenza meta tiddikjara li gew ipprezentati mill-Ispettur Gafa jinsabu fil-file immarkat bhala Dok AG.
[14] Kopja ta' din l-ittra giet prezentatta minn Patrick Grima a fol 488 b'notamenti mizjuda.
[15] Kopja ta' din l-ittra giet prezentatta minn Patrick Grima a fol 490

bil-konsegwenza li s-Sur West kellu jinkariga Nutar iehor sabiex jirregistra l-kuntratt u kellu jerga jhallas dak dovut bhala taxxa, il-Prosekuzzjoni ma rnexxielex tiprova li kien hemm *conversion* fis-sens li l-appellant kien dawwar din is-somma ghalih jew ghal terza persuna. Ma tressqitx prova fejn giet depozitata din is-somma u lanqas x'sar minnha u ghalhekk din il-Qorti tqis li filwaqt li jistghu jissusistu reati ohra, ma tistax issib htija tar-reat ta' approprjazzjoni in debita mertu tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet (3) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni indebita ghad-dannu ta' Dane Philip Frank Camilleri, Vanessa Vella u Anthony Gerada u dan fl-ammont ta' €12,800. L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*It-tieni kaz jirrigwarda ukoll allegat appropjazzjoni indebita fl-ammont ta' tnax il-elf, tmin mitt euro, l-istess minn Nutar Pierre Falzon a dannu ta' certu Dain Philip Frank Camilleri u t-tfajla tieghu Vanessa Vella, dan l-investigazzjoni tal-pulizija kienu stabilew li fit-8 ta' Lulju 2010 is-Sur Camilleri flimkien ma Miss Vella kienu iffirmaw konvenju sabiex dawn jixtru appartament gewwa Jean la Cassiere Street, San Pawl il-Bahar minn certu Anthony Gerada, ghall-ammont ta' mija, tmienja u ghoxrin elf, u mija u hmistax il-euro. Hemmhekk dakinhar ix-xerreja il-promessi xerreja kienu hallew kif maqbul depositu ta' tnax-il elf u tmin mitt euro man-nutar Falzon li dan kellu jaddi dawn l-ammonti lis-Sur Gerafa li jigi l-venditu allura meta kellu jibda jaghmel ix-xogholijiet fl-istess appartament. U dawn il-flus kienu inghataw lin-nutar permezz ta' bank draft datata 8 ta' Lulju 2010 li dan kien irrizulta li gie deposit f'kont bankarju li japartjeni li martu Helen, mart l-imputat nhar id-9 ta' Lulju 2010. Meta kien beda x-xoghol allura mis-Sur Gerada u ghamel talba, u s-Sur Camilleri talab li n-Nutar jaghtih cheque fl-ammont ta' tnax-il elf u tmin mitt euro sabiex ihallas lil Gerada dan kien inghata cheque minghand in-nutar datat 9 ta' Novembru 2010 mahrug fuq il-kont bankarju tal-mara tieghu imma meta dan Gerada kien mar biex isarfu dan kien gie referred to drawer. Mill-prosekuzzjoni gie stabbilit li sa minn Awwissu 2010 dan il-kont bankarju qatt ma kellu bizzejjed fondi biex ikopri dan l-ammont. Ic-cheque inhareg f'Novembru 2010. Sa dan it-tant, ghaliex dan il-kaz dan iz-zmien kollu, il-pulizija kellha diffikultajiet biex tintracca l-imputat, l-imputat verament kien barra minn Malta kien jinsab Spanja u f'dan il-perjodu anki wara l-imputat kien gie Malta, kellna bzonn permess ta' l-*

*istess awtoritajiet, il-kwerelant, is-Sur Camilleri kien infurmana li l-imputat kien hallas is-somma kollha lilu u ghaldaqstant it-tnax il-elf u tmin mitt euro kienu thallsu lura.*' L-Ispettur prezenta ittra ufficjali mibghuta minn Dane Philip Frank Camilleri u Vanessa Vella versu n-Nutar Pubbliku Pierre Falzon u Helen sive Elenita Falzon datata s-sebgha (7) ta' Dicembru, 2010 dwar dan id-depozitu li ma thallas lil Anthony u Maria Dolores konjugi Gerada *qua* eventwali kompraturi u fejn gie allegat li Helen Falzon kienet harget cekk a favur ta' Anthony Gerada fl-istess ammont izda ma giex onorat u gie referred to drawer. Din hija mmarkata bhala 2A. Skont dokumentazzjoni prezentata mill-Ispettur senjatament *statement of account* immarkata bhala 2B jirrizulta li sar depozitu ta' €12,800 fid-disgha (9) ta' Lulju 2010 u dan fil-kont ta' Helen AKA Elenita Falzon. L-Ispettur Gafa pprezenta ukoll 2E lli hija kopja ta' cheque fl-istess ammont din id-darba mahrug minn Helen AKA Elenita Falzon indirizzat lil Anthony Gerada.

**Dale Philip Frank Camilleri** xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Awissu 2013. Huwa spjega li '*xi sentejn u nofs ilu ghamilt il-konvenju ghand in-nutar Pierre Falzon, hallejt id-depositu tieghi man-nutar tal-ammont ta tnax il-elf u tmin mija Euro, wara li gejt biex naghmel il-kuntratt jiena fittixt lin-nutar u ma stajtx naghmel kuntatt mieghu, b'hekk jiena hadt passi bl-avukat u bil-pulizija, izda wara dan kollu sitt xhur wara n-nutar ghogbu li lili jhallasni.*' Mistoqsi meta ghamel kuntatt wara l-konvenju wiegeb li '*kelli zmien tliet xhur jigifieri, wara tliet xhur minn meta ghamiltu jigifieri ghamiltu fit-8 ta' Lulju 2010 jigifieri tliet xhur minn dak iz-zmien.*' Qal li: '*It-tnax il-elf u tmien mija kienu depozitu fuq appartament li jiena xtrajt li xtrajt fuq pjanta u hallejthom man-nutar kont.*' Spjega li '*Mbaghad kelli nimxi ma nutar iehor, nerga nohrog id-depozitu fhimt, biss wara xi seba xhur sitt xhur in-nutar ghogbu jcempilli u jirranga mieghi u tani l-flus.*' Spjega li mid-data li suppost ghamlu l-konvenju sitt xhur seba' xhur wara hallsu n-nutar. Dan l-appartament ghandu l-indirizz '*appartment 1, Distant Dunes, Jean de la Cassiere Street, St Paul's Bay.*' **Vanessa Camilleri** xehdet fis-seduta tat-tnax (12) ta' Awissu 2013 fejn spjegat li kienu '*konna xtrajna l-post taghna u konna morna naghmlu l-konvenju ghand in-nutar Falzon gewwa Attard, mbaghad ghamilna l-konvenju kollox ghadda tajjeb, meta gejna fiz-zmien meta gejna biex naghmlu l-kuntratt bdejna nippruvaw naghmlu kuntatt u ma stajniex naghmlu kuntatt mas-Sur Pierre Falzon.*' Kienu hallsu €12,800 bhala depozitu tal-post u cioe' 10%. Dan jinsab '*San Pawl il-Bahar, Flat 1, Distant Dunes, Triq Jean de la*

*Cassiere.*' Il-konvenju sar f'Lulju tal-2010 '*mbaghad gejna biex naghmlu l-kuntratt lejn l-ahhar tas-sena lejn Novembru bdejna nippruvaw naghmlu kuntatt. Bazikament mbaghad ghal habta ta Jannar konna bdejna ninkwetaw u tkellimna mal-avukat taghna u mal-pulizija.*' Spjegat '*Mbaghad bazikament wara ftit tax-xhur ghal habta ta' Marzu gejna approachjati minn naha tan-nutar u l-flus taghna inghataw lura 12,800 inghataw lura min-nutar.*' In kontro-ezami kkonfermat li kienu qalulhom li l-appellant imsiefer pero huma xorta ppruaw jaghmlu kuntatti mill-ahjar ghax riedu jmexxu biex jaghmlu l-kuntratt tal-post. Ikkonfermat li avvicinahom hu stess u taghhom l-ammont ezatt. **Anthony Gerada** xehed fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2013 ikkonferma li jahseb li kien biegh post lil Dean Camilleri ghalkemm mhux cert, il-kuntratt sar quddiem in-Nutar Reuben Debono. Spjega li '*lil min beght qalli l-konvneju naghmluh ghand is-Sur Falzon u morna ghandu. Ghandu dritt jaghzel.*' Spjega li '*Tah ic-cekkijeit tad-deposit, qalli jien nixtieq nhallihom ghand Dr Falzon, ghidtlu ghandek dritt u hallihom ghand Dr Falzon hux.*'

**Romuald Attard** mill-Bank of Valletta fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2013 xehed li '*cheque iehor payable mill-Bank of Valletta fl-ammont ta tnax il-elf u tmin mija pagabli wkoll lin-Nutar Pierre Falzon gie depositat fil-kont mizmum minn Helen Falzon numru tal-kont 1110160122.*' Dan il-*bank draft* kopja tieghu jinsab a fol 86 ma ghandux l-isem tal-persuna li hareg dan il-bill payable izda huwa indirizzat lin-Nutar Pierre Falzon u gie esebit a fol 87 parti minn *statement of account* ta' Helen AKA Elenita Falzon li jindika dan id-depozitu. Izda jirrizulta li kopja tal-bank draft jinsab anness mal-ittra ufficjali mahruga minn Dane Philip Frank Camilleri fil-konfront tan-Nutar Pubbliku Pierre Falzon u Helen sive Elenita Falzon prezentata mill-Ispettur Gafa u mmarkata bhala 2A. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-hlas tad-depozitu da parti ta' Dane Philip Frank Camilleri u Vanessa Vella sar permezz ta' dan il-*bank draft.*

Jirrizulta li l-ammont u cioe' d-depozitu mhallas minn Dane Philip Frank Camilleri u Vanessa Vella kien gie depozitat fil-kont bankjaru ta' mart l-appellant u kien xhur wara li l-appellant ta' lura dan l-ammont li kien intiz sabiex jithallsu l-vendituri. Ghalhekk f'dan il-kaz partikolari jirrizulta li l-appellant kien iddepozita dan il-*bank draft* fil-kont bankarju ta' Helen Falzon, jirrizulta ukoll li kien xhur wara li l-appellant

ta' lura dan l-ammont. Ghalhekk gialadarba dan gie depozitat fil-kont bankarju ta' Helen Falzon, jirrizulta li l-appellant l-approprja ruhu minn dan l-ammont kemm ghad-dannu ta' min ghamel dan il-hlas u cioe' x-xerreja u anke tal-bejjiegh li naturalment id-depozitu kien intiz ghalih. Ghalhekk din it-tielet (3) imputazzjoni tirrizulta ppruvata.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' imputazzjoni tirrigwarda approprjazzjoni in debita ghad-dannu ta' Gordon Grech u martu Sarah Grech, Adrian Grech u martu Josianne Grech, Sandra Salvina Grech u Justin Grech fl-ammont ta' €4,250.

L-**Ispettur Angelo Gafa'** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 spjega li '*Kaz numru tlieta jirrigwarda investigazzjonijiet rigward allegat approprjazzjoni indebita wkoll komess min-nutar Pierre Falzon fl-ammont ta' erba' t'elef, mitejn u hamsin euro ghad-dannu tat-tfal ta' Emanuel Grech. L-investigazzjonijiet tal-pulizija stabilew li nhar id-9 ta' Dicembru 2009 it-tfal tas-Sur Grech flimkien mal-irgiel u nisa taghhom kienu iffirmaw kuntratt ta' trasferiment quddiem in-nutar Pierre Falzon u dan bis-sahha tieghu kienu akkwistaw appartament minghand is-Sur Michael Bernard Carton u l-mara tieghu Margaret Enrose Carton fil-prezz ta' hamsa u tmenin elf euro. Fl-istess gurnata ix-xerreja kienu hallsu s-somma ta'erbat'elef, mitejn u hamsin euro lin-Nutar Falzon permess ta' cheque personali u dan l-ammont kien intenzjonat sabiex ikopri il-bol. Iktar minn hekk ix-xerreja kienu hallsu s-somma ta' elf u tliet mitt euro fi flus kontanti lin-nutar pero' din id-darba sabiex ikopru spejjez notarili. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu kkonfermaw li minkejja li n-nutar kien isarraf dan ic-cheque dan ma kienx ghadda l-flus lid-dipartiment tat-taxxi nterni u ghaldaqstant dan il-kuntratt ta' trasferiment qatt ma kien gie rregistrat skont il-ligi. Fil-fatt konna sibna li dan ic-cheque kien depositat f'kont bankarju f'isem El Pirega Ltd li huwa mmanagjat min-Nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon.*'

L-Ispettur Gafa prezenta id-dokument immarkat bhala 3D fejn Romauld Attard mill-Bank of Valletta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2011 kieteb lill-Ispettur li '*With reference to your letter dated 09/02/2011,please be advised that cheque number 312 dated 31/12/2009 amounting to €4,250.00 issued by APS Bank has been deposited in account*

*number 40010965810 held in the name of ELPIREGA Ltd. on 31/12/2009 as per attached cheque image and relative statement.*

*Please note that the account holders of Elpirega Ltd are Not. Pierre Falzon holder of ID Card No. 535060M jointly with Mrs Helen A. Falzon holder of ID Card No. 506761M both residing at Villa Fusina, Triq Gorg Zammit, Attard, ATD 2350.'*

**David Galea** ghan-nom tal-APS fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena 2014 ikkonferma cekk mahrug mill-kont li jghajjat lil Emanuel u Saveria Grech. **Romuald Attard** fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2013 ikkonferma c-cheque mahrug mill-APS fl-ammont ta' €4,250 pagabli lil Dr Pierre Falzon u ikkonferma li mir-ricerka li ghamel gie depozitat fil-kont ta' El Pirega Ltd fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2009.

L-Ispettur prezenta ukoll ittra mibghuta minn Patrick Grima datata s-sebgha (7) ta' Frar 2011 Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty immarkata bhala 3E fejn kieteb li '*To date such trasnfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payments were received.*' F'ittra ohra din id-darba datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2011 immarkata bhala 3F Patrick Grima, Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer rega kieteb li '*I hereby confirm that to date such transfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payment was received.*' Patrick Grima Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li '*kuntratt li sar li dahal ghandna f'Jannar 2013 dan kien sar kuntratt u gie registrat ghandna..*'

**Adrian Grech u Josianne Grech** xehdu fis-seduta tat-tnax (12) ta' Awissu 2013. **Adrian Grech** xehed li '*konna ghamilna l-kuntratt fid-9 ta' Dicembru 2009 u wara diversi tentattivi ghax l-ircevuta ma konniex ircivejnieha li l-flus gew trasferiti li thallas il-bol lil Inland Revenue l-ircevuta ircivejnieha mbaghad l-14 ta' Jannar 2013.*' Kienu ghaddew €4,250 lill-appellant '*wara diversi tentattivi naturalment irridu nircievu l-ircevuta biex naraw li l-post qieghed fuqna, fl-ahhar mill-ahhar ircivejnieha fl-14 ta' Jannar 2013.*' Ikkonferma li damu certu perjodu sakemm insinwah. Ikkonferma li l-ircevuta ircevewha wara certu zmien. **Gordon u Sarah Grech** xehdu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2013 fejn Gordon Grech mistoqsi kemm ghadda flus bhala boll u

'*affarijiet minn dawn*' wiegeb li €4,250 rigwardanti xiri ta' post. Xehed li '*Eventwalment f'Jannar ta din is-sena ircivejna r-receipt li l-flus orrajt. Ghaddew ghand il-Gvern.*' Ircevew ircevuta li n-Nutar hallashom. **Sandra Salvina Grech u Emmanuel Grech** xehdu fl-istess seduta. L-Ispettur iddikjara li qed tidher ukoll ghan-nom ta' Justin Grech li huwa huha u li ma jiflahx. Xehdet li hi u hutha u missierha Emanuel kienu xtraw post San Pawl il-Bahar. Kienu taw €4,250 lin-Nutar ghall-ispejjez, bollol u tghid li '*Ma kinux gew iddikjarati u apparentament fl-14 ta' Jannar 2013 ircivejna l-ircevuta mid-dipartiment li dawn gew imhallsa.*' Il-kuntratt ipprezentat mill-Ispettur Gafa u mmarkat bhala 3A huwa datata id-disgha (9) ta' Dicembru 2009 u c-cekk immarkat bhala 3C anness ma' ittra immarkata bhala 3B huwa datta l-31 ta' Dicembru 09.

Ghalhekk jirrizulta li l-flejjes imhallsa gew depozitati fil-kont ta' Elpirega Ltd u li l-kuntratt kien gie insinwat snin wara li kellu jigi insinwat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-fatt li l-appellant iddepozita li c-cheque kien gie depozitat fil-kont bankarju tal-kumpannija ELPIREGA Limited. Din il-Qorti tqis li l-fatt li kellhom isiru diversi tentattivi biex fl-ahhar mill-ahhar wara ammont ta' snin l-partijiet ircevew l-ircevuta li tissinifika lil-kuntratt gie insinwat u l-ammont ta' boll mhallas tikkonferma li r-reat kien kompletat mal-mument li l-appellant iddepozita c-cheque fil-kont bankarju tal-kumpannija msemmija u naqas milli jhallas dak dovut bhala taxxa. Il-fatt li r-registrar tal-kuntratt sar snin wara ma jbiddel xejn mir-reat. Din ir-raba' (4) imputazzjoni ghalhekk giet ippruvata.

Ikkunsidrat;

Illi l-hames (5) imputazzjoni tirrigwarda approprjazzjoni in debita a dannu ta' Graziella Gatt fl-ammont ta' €4306. L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*Il-kaz numru erba' Sur Magistrat jirrigwarda allegat appropjazzjoni indebita fl-ammont ta' erbat elef, tliet mija u sitt euro minn Nutar Pierre Falzon ghad-dannu ta' certu Graziella Gatt. L-investigazzjonijiet tal-Pulizija stabilew li fil-31 ta' Mejju 2010 is-Sinjura Gatt kienet iffirmat kuntratt ta' trasferiment quddiem in-Nutar Pierre Falzon li permezz tieghu dina akkwistat penthouse u garage minn Central Home Styles Ltd kumpannija li ggib numru ta' registrazzjoni C 33653 u dan xtratu fl-ammont ta' mija, wiehed u hamsin elf, erba' mija u ghaxar euro. Fl-istess gurnata is-sinjura Gatt kienet hallset*

*lin-nutar is-somma ta' erbat elef, tliet mija u sitt euro jirraprezentaw bol fuq dan il-kuntratt u din allegat li wara li ghamlet verifikazzjonijiet mad-dipartiment tal-taxxi ntermi gie stabilit li minkejja li n-nutar kien sarraf ic-cheque dan ma kienx avvanza flus lid-dipartiment kif kienet intenzjonata ghalih u ghaldaqstant il-kuntratt qatt ma kien gie registrat skond il-ligi. L-investigazzjonijiet tal-pulizija stabilew dan kollu, kkonfermaw dan kollu u gie stabilit ukoll li c-cheque ta' erbat elef, tliet mija u sitt euro kien gie depositat f'kont bankarju f'isem EPRG Ltd immaginat min-nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. Iktar investigazzjonijiet tal-pulizija stabilew li l-vendituri kienu wkoll fl-istess gurnata ghaddew somma ta' flus lin-nutar cioe' ghaxart elef, sitt mija u hames euro din id-darba bhala Capital Gains Tax u dawn ukoll l-investigazzjonijiet tal-pulizija stabbilew li dawn il-flus qatt ma kienu ghaddew lil ufficju tat-taxxi nterni. Dan il-pagament kien sar permezz ta' cheque mahrug mix-xerreja stess fid-data tal-konvenju, jigifieri dan kien thalla man-nutar bhala depozitu fuq ix-xiri tal-post u peress illi dan ic-cheque kien fl-ammont ta' hmistax-il elf euro fid-data tal-kuntratt in-nutar kien avvanza d-differenza bejn dan ic-cheque u l-Capital Gains dovuti mill-vendituri u cioe' erbat elef, tliet mija u hamsa u disghin euro u ghaldaqstant allura hawnhekk f'dan il-kaz il-vendituri ma kienux huma li hallsu pero id-depositu li kienet halliet ix-xerreja fid-data tal-konvenju uzaw dak u ghaddewh lin-nutar biex hu jhallas il-Capital Gains Tax minnu. Peress li l-ammont kien ta' ghaxart elef, sitt mija u hames euro in-nutar kien ghadda d-differenza lilhom lil vendituri ta' erbat elef, tliet mija u hamsa u disghin euro. Id-differenza allura bejn l-ammont dovut u l-ammont tac-cheque. Pero wara dan fit-22 ta' Novembru 2011 l-ufficju tat-taxxi nterni kien infurmana li l-istess kuntratt kien gie rregistrat fl-ufficju taghhom nhar 28 ta' Gunju 2011 u kemm il-bol kif ukoll il-Capital Gains Tax kienu thallsu rispettivament.'* L-Ispettur prezenta ittra immarkata bhala 4F mibghuta minn Romuald Attard mill-Bank of Valletta fejn spjega li c-cekk ta' €15,000 gie depozitat fil-kont ta' Elpirega Ltd, fejn l-account holders ta' din il-kumpanija huma in-Nutar Pierre Falzon u Helen Falzon. F'ittra ohra Romauld Attard kieteb lil Kummissarju tal-Pulizija li c-cekk fl-ammont ta' €4,306 kien depozitat fil-kont fl-isem P.E.R.G. Ltd fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), fejn l-account holders ta' dan il-kont huma n-Nutar Pierre Faalzon flimkien ma' Helen A. Falzon.

**David Galea** in rapprezentanza tal-APS fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2016 xehed li '*cheque number 339 li nhareg minn Graziella Gatt fl-ammont ta' 4306 Euro. Graziella Gatt ghandha l-ID card ta' 33076M.*' Kopja ta' dan ic-cekk jinsab a fol 664.

Joanna Bartolo fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li '*Ghandi cekk iehor mahrug fuq l-APS ta' 4306 fit-31st May 2010 pagabbli lil Notary Pierre Falzon u dan gie depositat f'kont numru 4001163453 il-knt f'isem PERG Ltd u ghandi kopja taghha wkoll.*' Dan gie esebit a fol 659.

L-Ispettur prezenta ukoll ittra datata t-tieni (2) ta' Marzu 2011 fejn Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kiteb li '*To date such transfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payment was received.*' **John Micallef** ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) kiteb li '*no records were found that indicate that on 31st May 2010 a deed of sale took place between David Tabone I.D. No. 392877 (M) or Central Home Style Limited ( C. 33653 ) Reg. No. 993474910 as the vendor and Graziella Gatt I.D. No. 330776(M), as the purchaser.*

*Copies from our virtual file of Mr. David Tabone 392877 (M) and home Style Ltd. (C33653) are the only correspondence we have and still do not indicate that a contract took place.*'

L-Ispettur Gafa prezenta ittra immarkata bhala 4J fejn Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kieteb li '*said deed was registered at this Office on 28th June, 2011 and duty amounting to € 4,306 was paid at this Office. Capital Gains Tax paid amounted to € 10,605.*'

**Graziella Gatt** xehdet fis-seduta tat-tnax (12) ta' Awissu 2013 fejn ikkonfermat li ghamlet kwerela dwar l-appellant ghax ma kienx irregistralha l-kuntratt tax-xiri tal-post tal-proprjeta taghha. Spjegat li '*Li kien gara jien kont gejt kkuntatjata minghalija f'Jannar ta sentejn ilu, minghand il-bejjiegh tal-post tieghi, u kien saqsieni jekk kontx ircivejt l-ircevuta minghand il-Commissioner of Inland Revenue fuq ix-xiri tal-post, mort iccekjajt u l-ircevuta ma kinitx hemmhekk. Mbaghad bdejt nicekkja ghall-affarijiet tieghi biex nara x'kien gara u rrizulta li l-post tieghi ma kienx irregistrat u l-flus ghalkemm ic-cheque kien imsarraf ma kinux ghaddew ghand il-Kummissarju.*' L-ammont kien xi erbat 'elef, minghaliha li f'Mejju 2010. Mistoqsija x'ghamlet meta saret taf li l-kuntratt taghha mhux irregistrat, wiegbet '*Fil-bidu bdejt nipprova nara x'ha naghmel, l-ewwel bdejt nipprova nikuntatja lin-nutar hux imma lin-nutar ma stajtux nikkuntatja, ma kienx reachable*

*somehow, ma kienx reachable, ma bediex iwiegeb il-mobile phone incempel u ma jwegibx. Jew ma kienx f'posizzjoni li jirrispondi nsejt ezatt kif kienet, imma mbaghad bdejt nara fil-gazetti ghax kienet harget fil-gazetti li n-nutar kellu l-problemi, mbaghad ma nafx kif gejt in contact man-nutara Cora Vella n-nutara tal-gvern u ggwidatni hi ta tipo x'ghandi naghmel, iffajlajt ir-rapport mal-pulizija u minn hemmhekk ppruvajt anki nikuntatja n-nutar tieghi biex nissettiljaw. Finalment irnexxieli nikuntatja n-nutar u d-data meta ssetiljajna kienet it-28 ta' Gunju tat-2011 jigifieri issa jiena ghandi l-ircevuta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni li kollox f'postu.*' Hija ma rcevietx il-flus izda l-flus ghaddew ghand il-Kummissarju u ghandi l-ircevuta.

**Patrick Grima** fl-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 xehed li '*L-istess bejn Central Homes Style Limited u Graziella Gatt, dan l-istess dan thallsu.*' Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li '*case number 4 li jirrigwardja lil Graziella Gatt u Central Home Style Ltd. Central Home Style Ltd il-vendituri kienu u Graziella Gatt il-purchaser. Ahna ktibna on the 2nd March u on the 22nd November 2011, on the 2nd March ma kienx hallas imbaghad meta ktibna on the 22nd November ikkonfermajna li filfatt dan il-pagament tieghu dahal u gie registrat ghandna on the 28th of June 2011.*' Fit-tlettax (13) ta' Marzu 2014 **Patrick Grima** xehed li '*l-kuntratt gie rregistrat id-Dipartiment taghna fit-28 ta' Gunju 2011 u bhala taxxa kien hemm 4306 stamp duty u capital gains 10,605 Euros. Dan jigifieri ircivejniehom id-Dipartiment.*' **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li '*meta ktibna on the 22nd November ikkonfermajna li filfatt dan il-pagament tieghu dahal u gie registrat ghandna on the 28th of June 2011.*' John Micallef mill-Inland Revenue fit-tnejn u ghooxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li l-kuntratt sar.

**Graziella Gatt** regghet xehdet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2016 fejn qalet li xtrat proprjeta minghand Central Home Styles li hija kumpannija ta' Satariano u group ta benneja u kienet ghamlet il-konvenju u l-kuntratt quddiem in-Nutar Pierre Falzon. Spjegat li '*jien hallast il-flus li taghti bil-quddiem u thallihom f'idejn in-Nutar biex imbaghad eventwalment jghaddu ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.*' Uzat il-kont bankarju tal-Bank Centrali. Mhijiex certa jekk il-pagament biex jithallas il-boll uzata kont minn taghha jew tal-Bank Centrali. L-ammont ma tiftakarux ghax ilu hames snin. Il-bejjiegh Central Home Styles kien cemplilha u qalilha li '*inti rcivejt l-ircevuta*

*tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni? Meta mort iccekjajt irrizulta li ma kellix dik l-ircevuta tal-konvenju.*' Qalet li pruvat tikkuntatja lin-Nutar biex tiprova tirranga, mbaghad eventwalment f'Gunju kienu rrangaw u l-flus kienu ghaddew minn fejn kellhom jghaddu u hi kienet is-sid tal-proprjeta ghax sa dak iz-zmien tghid li kien ghadhom mhumiex l-owner tal-proprjeta. Il-konvenju ghamlitu s-sentejn ta qabel u l-kuntratt fit-2011 minghaliha sar. Skont il-kuntratt esebit mill-Ispettur Gafa u mmarkat bhala 4A dan huwa datat l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2010.

Ghalhekk jirrrizulta li l-flus li thallsu biex tithallas it-taxxa ma ntuzawx immedjatament ghal dak li skop u kien il fuq minn sena wara li gie registrat il-kuntratt. Jirrizulta li c-cheque mahrug minn Graziella Gatt fl-ammont ta' €4,306 kien gie depozitat fil-kont tal-kumpanija P.E.R.G. Ltd. Ghalhekk jirrizulta li gialadarba l-ammont ta' €4306 gie depozit fil-kont bankarju ta' din il-kumpanija u l-appellant kien ghal zmien konsiderevoli naqas milli jirregistra l-kuntratt u jghaddi s-somma dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxa, jikkonferma li l-appellant ghamel tieghu din is-somma u ghazel li jiddepozitaha fil-kont bankarju imsemmi. Din l-imputazzjoni ghalhekk tirrizulta.

Ikkunsidrat;

Illi s-sitt (6) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' appropjazzjoni in debita ghad-dannu ta' Central Home Style Limited u dan fl-ammont ta' €10,605. **David Tabone** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru 2013 fejn spjega li kienu ghamlu kuntratt ta' bejgh ghand l-appellant. Xehed li '*Konna hallasna t-taxxa dovuta fuq il-kuntratt*' u mistoqsi '*Ghadejta lilu*?' wiegeb '*Ghadejta lilu.*' Spjega li ghandu ircevuta, kienet ghaxart 'elef, sitt mija u hames ewro (€10,605). Spjega li '*Kienet ghamlet zmien fejn ma kinitx ghaddiet ghax il-kuntratt kien sar fl-2009 u t-taxxa ghaddiet fl-2011.*' Huwa jirraprezenta lil Central Homes Limited. Illum dan il-pagament dahal ghax ghandu l-ircevuta. Skont il-kuntratt esebit mill-Ispettur Gafa u mmarkat bhala 4A dan huwa datat l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2010.

**Patrick Grima** in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi, Capital Transfer Duty fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 ikkonferma li ta' bejn Central Home Styles Limited u Graziella Gatt thallsu.

Ghalhekk jirrizulta li ghalkemm il-kuntratt kien sar snin qabel, u minkejja li l-appellant kien fdat is-somma ta' €10,605, huwa ma kienx uza din is-somma biex ihallas it-taxxa dovuta u kien snin wara li din fl-ahhar mill-ahhar thallset u l-kuntratt registrat. Ghalkemm l-Ispettur Gafa' xehed kif kienet ix-xerrejja li hallset il-capital gains tax u cioe li '*Dan il-pagament kien sar permezz ta' cheque mahrug mix-xerreja stess fid-data tal-konvenju, jigifieri dan kien thalla man-nutar bhala depozitu fuq ix-xiri tal-post u peress illi dan ic-cheque kien fl-ammont ta' hmistax-il elf euro fid-data tal-kuntratt in-nutar kien avvanza d-differenza bejn dan ic-cheque u l-Capital Gains dovuti mill-vendituri u cioe' erbat elef, tliet mija u hamsa u disghin euro u ghaldaqstant allura hawnhekk f'dan il-kaz il-vendituri ma kienux huma li hallsu pero id-depositu li kienet halliet ix-xerreja fid-data tal-konvenju uzaw dak u ghaddewh lin-nutar biex hu jhallas il-Capital Gains Tax minnu. Peress li l-ammont kien ta' ghaxart elef, sitt mija u hames euro in-nutar kien ghadda d-differenza lilhom lil vendituri ta' erbat elef, tliet mija u hamsa u disghin euro. Id-differenza allura bejn l-ammont dovut u l-ammont tac-cheque.*' Minkejja li rrizulta li c-cekk ta' hmistax-il elf ewro mahrug minn Graziella Gatt kien gie depozitat fil-kont bankarju ta' EL Pirega Ltd, stante li David Tabone xehed li kien ghadda l-ammont u cioe' ma xehdx dwar li c-cekk kien mahrug minn Graziella Gatt, din il-Qorti abbazi tal-principju li kull dubju ghandu jmur favur l-imputat, sejra tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni stante li ma jirrizultax pruvat li c-cekk ta' hmistax-il elf ewro mahrug minn Graziella Gatt kien ikopri l-ammont li kien dovut jithallas minn Central Homes Style Limited u ghalhekk ma hemmx prova li l-appellant ghamel tieghu somma li tghaddiet ghandhom nonostante l-fatt li dak dovut sussegwentement thallas lid-Dipartiment koncernat. Ghalhekk din il-Qorti sejra tilliberah mis-sitt (6) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi s-seba' (7) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni indebita bl-ammont ta' €7,600 ghad-dannu ta' Antoine Muscat u martu Mary Rose Muscat. L-Ispettur

Angelo Gafa' fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 spjega li '*gie stabilit li nhar id-9 ta' Settembru 2010 il-koppja Muscat kienu iffirmaw konvenju quddiem in-Nutar Pierre Falzon li permezz tieghu obbligaw irwiehom li jixtru propjeta f'Burmarrad minghand Adam Charles u Glenda Spiteri ghall-ammont ta' sittin elf euro. Dakinhar tal-konvenju l-kwerelanti Muscat kienu ghaddew is-soma ta' sitt mitt euro lin-nutar fi flus kontanti, li dawn kienu intenzjonati biex ikopru l-1% tal-bol dovut, u fl-istess gurnata wkoll il-kwerelanti kienu ghaddew lin-nutar bank draft fl-ammont ta' sebat elef euro li n-nutar kien obbliga ruhu li jghaddih lil vendituri fid-data tal-kuntratt li dan kellu jigi ffirmat nhar it-3 ta' Dicembru 2010. Il-kuntratt qatt ma sar, qatt ma gie ffirmat, u ghaldaqstant kien gie allegat kemm li sitt mitt euro qatt m'ghadew ghand l-ufficju tat-taxxi nterni mela s-sitt mitt euro bhala l-1% dovut bhala bol, u lanqas is-sebat elef euro qatt m'ghaddew ghand il-venditur dak iz-zmien kienu promised eh ghax konna ghadna fuq konvenju, u ghaldaqstant dan il-konvenju qatt ma gie rregistrat. Rigward ic-cheque ta' sebat elef euro kien irrizultalna li dan gie depositat f'kont ta' terzi persuni, u dan konna stabilejna li ghand min kien dahal ic-cheque dan kien ircevieh minghand in-nutar Falzon bhala part payment minn somma ikbar ta' sebghin elf euro li n-nutar kellu jaghtih. Jigifieri n-nutar kellu jaghti somma ta' flus ta' sebghin elf euro u dan hawnhekk qed nirreferi ghal Joseph Cassar li jekk ma izbaljax huwa l-istess Joseph Cassar li kien ghamel rapport fil-konfront ta' Pierre Falzon mela in-nutar Pierre Falzon kellu jtih sebghin elf euro u parti minnhom minn dawn is-sebghin elf euro thallsu jew kien ghaddielu cheque ta' sebghat elef euro. Ahna hawnhekk id-dipartiment tat-taxxi nterni kien nhar it-22 ta' Novembru 2011 infurmana li l-istess partijiet kienu ffirmaw konvenju gdid u anki sar kuntratt gdid, u dan allura l-konvenju kien sar fil-11 ta' Jannar 2011 u l-kuntratt kien sar fl-20 ta' Mejju 2011 pero dan kien sar quddiem nutar differenti.*' Fl-ittra prezentata mill-Ispettur Gafa immarkata bhala 5B mibghuta minn Romuald Attard mill-Bank of Valletta tnizzel li l-ammont ta' sebat'elef ewro (7,000) pagabbli lil Mary Rose Muscat fejn tnizzel li dan ic-cekk '*was deposited in account number 40010282137 held in the name of Joseph Cassar holder of ID Card no. 235162M on 11/09/2010...*' L-Ispettur prezenta ukoll ittra mmarkata bhala 5E fejn Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer fil-hmistax (15) ta' Frar 2011 kieteb li '*such promise of sale was not presented at this Office and naturally no relative payment was received.*' Fl-ittra mmarkata bhala 5F Patrick Grima rega kieteb lill-Ispettur Gafa' li l-konvenju iffirmat fid-disgha (9) ta' Settembru 2010 '*was received at this Office on 21st January, 2011 having the same*

*vendors/purchasers and immovable property.'* Tnizzel li dan kien iffirmat fil-prrezenza tan-Nutar Pierre Attard fit-tnax (12) ta' Jannar, 2011.

**Antoine u Mary Rose konjugi Muscat** xehdu fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru 2013 fejn qalu li kienu ghamlu konvenju fuq garage ghand l-appellant. Hallas sebat'elef u sitt mija imbghad dan ma giex irregistrat u ma jafx x'sar minnu. Imbaghad ghamel konvenju iehor ma nutar iehor. Is-sebat'elef u sitt mija tahomlu lura wara sitt xhur. Huwa kkonferma l-kwerela mibghuta. Mary Rose Muscat u Antoine Muscat regghu xehdu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2016. **Antoine Muscat** spjega li ma ghandux kopja tal-kuntratt, spjega li xtrah minghand Adam Charles Spiteri fid-disgha (9) ta' Settembru, 2010 kienu ghamlu konvenju. Il-kuntratt ma ghamlux. Mal-appellant wasal biss sal-konvenju imbaghad x'hin iccekkjaw sabu li ma kienx registrat Kienu hallsu depozitu ta' sebat'elef u seba' mitt ewro tawhom lill-appellant, sebat'elef cheque bank draft u seba' mija cash. Bank draft tal-BOV. Wara sitt xhur tahomlhom lura. Mary Rose Muscat ikkonfermat dan. Il-*bank draft* li l-appellant hallas lura biha giet prezentata bhala DOk MAM u l-*bank draft* li hallas bih originarjmanet bhala MAM1.

**Adam Charles Spiteri** xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru, 2013 fejn spjega li kien biegh garaxx lil Antoine lis-sinjura li kien hawn issa. Huwa ma hallas xejn lin-Nutar. Dan ix-xhud rega xehed fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu, 2016 fejn ikkonferma li kien biegh garaxx lil Antoine Muscat u Mary Rose Muscat u dan il-garaxx kien f'Burmarrad. Kien sar konvenju umbghad qalulhom li n-Nutar kien sparixxa jigifieri dak iz-zmien bil-flus, ma ssarfux il-flus u wehlu f'kollox. Il-bejgh sar ma Nutar iehor. Antoine qallu li kollox orrajt u rrangaw kollox.

**Patrick Grima** in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi, Capital Transfer Duty fl-ghaxra (10) ta' Dicembru, 2013 xehed li '*Kaz iehor kien bejn Adam Charles Spiteri u Glenda Spiteri bhala vendituri u l-kompraturi kienu Antoine Mary Rose Muscat hawnhekk l-istess jigifieri ma giex ipprezentat.*' **Patrick Grima** fit-tlettax (13) ta' Marzu, 2014 xehed li '*Jidher li dawn kienu ghamlu konvenju fid-9 ta' Settembru 2010 u jien dakinhar fit-22nd konna kkonfermajna li fil-15 ta' Frar 2011 il-promise of sale il-konvenju qatt ma ggie pprezentat imma mbaghad fl-istess ittra 'I wish t inform you that the promise of sal was*

*received on the 21st January 2011. Dan gie ffirmat fit-12 ta' Jannar fil-presenza tan-Nutar Pierre Attard. Mbaghad the relative deed was also received at our offices on the 27th May 2011 u l-kuntatt imma sar fil-presenza tan-Nutara Michaela Sammut.'* **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, 2016 xehed li *'konvenju li qatt ma gie registrat minn Nutar Pierre Falzon, biss imbaghad il-kuntratt finali tieghu dan dahal taht il-firma tan-Nutara Michaela Sammut.'*

Rigwardanti din l-imputazzjoni, interessanti hija x-xhieda ta' Joseph Cassar li xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ts' Novembru, 2013. Xhieda li tikkonferma li l-appellant uza l-flus fdati lilu ghal raguni ohra. Huwa gie muri cheque immarkat bhala 5C fejn spjega li '*Ghal liema raguni gie ghandi ghax man-nutar Pierre Falzon konna tkellimna biex itini cert ammont ta flus illi qeghdin fuq kawza ohra.*' Bhala parti mill-pagament tah dak. Romwald Attard fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru, 2013 xehed li '*Dan ic-cheque huwa pagabbli lil Mary Rose Muscat datat 7 ta' Settembru 2010 l-ammont ta sebat elef Euro u dan ic-cheque gie deositat f'kont numru 40010282137 mizmum minn Joseph Cassar fil-hdax ta Settembru 2010.*' Joanna Bartolo fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2016 xehdet li '*cekk bankarju mahrug mill-Bank of Valletta ta' 7000 Euro fis-7th September 2010 u dan gie depositat f'kont 40010282137 li l-kont huwa f'isem Joseph Cassar u nikkonferma l-ID 235162M.*' Dan jinsab a fol 660 u mmarkat bhala JB229.3

Ghalhekk din il-Qorti tqis li dan huwa kaz tipiku ta' approprjazzjon indebita, fejn l-appellant uza l-flejjes ghal raguni differenti minn dik ghalxiex gew fdati lilu, tant li ghadda c-cheque li suppost il-flejjes tieghu kellhom jintuzaw biex tithallas it-taxxa u minflokk iddepozita dan ic-cheque ta' sebat'elef ewro (€7,000) fil-kont bankarju ta' terza persuna sabiex ihallas xi djun jew pendenzi ma terza persuna. L-imputazzjoni tirrigwarda l-ammont ta' €7,600, u minkejja li Muscat jixhdu li kienu halsu €700 fi flus kontanti, din il-Qorti tqis li l-approprjazzjoni in debita giet ippruvata limitatament fl-ammont ta' sebat'elef ewro mertu tal-*bank draft* intestat f'isem Mary Rose Muscat u moghdi lill-appellant u sussegwentent iddepozitat f'kont bankarju ta' terz. Din il-Qorti izda tqis li ma giex ippruvat li l-appellant dawwar is-€600 cash ghalih jew ghal haddiehor.

Ikkunsidrat;

Illi t-tmien (8) imputazzjoni ukoll tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' hdax-il elf ewro (€11,000) ghad-dannu ta' Giovanna Ciantar, Josephine Camilleri, Frida Bugeja, Paolo Refalo, Gemma Gauci u Carmelo Ciantar, werrieta tal-mejjet Giuseppe Ciantar. L-**Ispettur Angelo Gafa** xehed fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju, 2013 spjega li '*L-investigazzjonijiet hawnhekk stabilew li nhar it-tmienja ta' Jannar 2009 Josephine Camilleri u l-werrieta tal-mejjet Giuzeppe Ciantar kienu avvanzaw cheque fl-ammont ta' hdax il-elf euro lin-nutar Pierre Falzon u dan biex ikopri bol dovut fir-rigward ta' kawza mortis, dikjarazzjoni kawza mortis ffirmata quddiem l-istess nutar Pierre Falzon nhar it-2 ta' Settembru 2008. Hawnhekk il-kwerelanti kienu allegaw li wara li ghamlu l-verifikazzjonijiet dwar dan mal-ufficcju tat-taxxi nterni kien gie stabilit li minkejja li kien sarraf ic-cheque in-nutar qatt ma kien ghadda dawn il-flus lid-dipartiment u ghaldaqstant id-dikjarazzjoni causa mortis qatt ma kienet giet rregistrata skond il-ligi. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu stabilew dan, u kien gie kkonfermat, ic-cheque kien gie depositat f'kont bankarju f'isem Elprega Ltd immexxija min nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon.*' Fl-ittra immarkata bhala 6D prezentata mill-Ispettur Gafa', Romauld Attard mill-Bank of Valletta kiteb li '*cheque number 31 dated 08/01/2009 amounting to € 11,000.00 payable to P. Falzon has been deposited in account number 40010955422 held in the name of ELPIREGA Ltd. A/C DRAFTS- Reg. No. C28775 on 11/02/2009 as per attached cheque image and relative statement.*

*Please note that the account holders of ELPIREGA Ltd A/C DRAFTS are Pierre Falzon holder of ID Card No. 535060M jointly with Mrs Helen A. Falzon holder of ID Card No. 50671M.*'

Fl-ittra datata l-hdax (11) ta' April, 2011 immarkata bhala 6E prezentata mill-appellant Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kieteb li '*To date such declaration was not presented at this Office and no payment was ever received.*' Filwaqt li fl-ittra datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2011 Patrick Grima rega kiteb li '*to date such declaration was not presented at this Office and no payment was ever received.*' **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 li '*Bhala kawza mortis qatt ma giet registrata.*'

**Josephine Camilleri**[16] xehdet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 2014 mistoqsija dwar li fit-tnejn (2) ta' Settembru 2008 kienu marru quddiem l-appellant, spjegat li '*fl-20 ta' Lulju gie nieqes il-Pa u ridna naghmlu l-kawza mortis. Mort ghand in-Nutar biex johdilna hsieb x'ghandna naghmlu ghax dik kienet l-ewwel wahda u bhal speci n-Nutar irid imexxik. Tajtu l-ismijiet ta huti kollha l-addresses u t-telephone numbers u bhal speci xi rrid naghmel, u qalli trid igibilna stima tad-dar u ghidtlu xi rrid naghmel ghax bhal speci ma kontx naf, qalli jew ggib lil xi hadd li jifhem jew iggib perit. U jien ghazilt li ngib Perit Charles Buhagiar ghamilna l-istima tal-post u kif ghamlilna l-istima mort ergajt ghand in-Nutar biex intih l-istima halli johrogilna l-kwota. U tajtu l-istima u beda jahdima nsomma u qalli tridu tohorgu hdax il-elf Euro bejn sitt ahwa u ommi. Ghidtlu mela issa xi rrid naghmel hux, qalli trid tigbor il-flus bejn kulhadd, jew tohorgu cekk wiehed jew kulhadd johrog ic-cekk tieghu. U jien ghazilt li nigbor il-flus ta kulhadd, ghamilthom fl-account tieghi biex nohrog ic-cekk wiehed, u hrigna fuq elf, hames mija u xi seventy-two bejn sebgha biex tigi hdax il-elf. Bejn sebgha ghax sitt ahwa u ommi dak iz-zmien kienet ghadha hajja, u qalli ghandek zmien sitt xhur biex tohrog dan ic-cekk. U f'Jannar heqq jiena mort bic-cekk, tajtu c-cekk ghandi photocopy taghha tajtu c-cekk u kont naf li rrid nircievi rcevuta cilesta, u din l-ircevuta cilesta ma waslet qatt, kont incempillu. Sa dan it-tant l-ufficcju tar-Rabat ghalaq ghax jien ir-Rabat kont immur St Paul's Street, ghalaq u kont immur il-Belt biex nghidlu din l-ircevuta meta ha tasal, kien jghidli issa nibghathielek mbaghad nibghatlek ta hutek u qassamha inti. U qatt ma waslet din l-ircevuta, u gieli kont incempel Merchants' Street m'hemmx il-Monti hemmhekk dik xi haga ta din hux tat-taxxa, ghax isimha ma nafx ezatt bhalissa x'inhi..*'

Ikkonfermat li tas-successjoni '*kont incempel hemm ghax minn hawn u minn hemm sibt in-number tat-telephone, u kont nghidilhom naghtu kaz 'gie nieqes il-Pa fl-20 ta' Lulju ghandi n-Nutar Pierre Falzon bhal speci hallasha kien jghidli le ta', u kont nerga ncempel u kien jghidli..mbaghad urejtu lin-Nutar li bhal speci qed incempel hemm u kien jghidli ghax dawn tal-Gvern bhal speci taf kif inhuma, u din l-ircevuta ma tasal qatt. U nahseb ghaddew xi sentejn u kont immur l-office mbaghad kien ikun maghluq, incempel hadd ma jirrispondieh mbaghad meta hsibt l-iktar hazin meta l-mobile meta kont incempillu fuq il-mobile kien jghidli dan in-number m'ghadux jezisti. Mbaghad hemmhekk ghidt mela..mbaghad mort l-ghassa tar-Rabat qed nghidilhom bil-kaz kienu xi l-hdax, mbaghad cemplu d-Depo biex isaqsu*

[16] Skont il-verbal ta' dik is-seduta Carmel Ciantar, Josephine Camilleri, Frida Bugeja, Paola Refalo, Gemma Gauci u Raymond Ciantar xehdu konguntivament.

*rigward frodi u hekk qallu ibghatha hawn u minn hemm bqajt sejra d-Depo. U kien hemm Chris Cilia dak iz-zmien li ghamilt id-dikjarazzjoni ghandi l-karta hawn.'* Tikjarifika li **Ivan Cilia**. Jghid li '*ghamilt id-dikjarazzjoni u minn dakinhar l'hawn nistenna nistenna forsi jien naf, u bqajna hekk jigifieir hrigt il-flus u bqajna minghajr ircevuta u xejn.'* Kienet iccekjat thallsux mad-Dipartiment xi sentejn ilu. Spjegat li meta mietet ommha mbaghad ghamlu l-kawza mortis taghha u fi zmien erba' xhur lestew kollox, fi zmien gimgha ircevew l-ircevuta c-cilesta mbghad qalet mela hawn xi haga, rat id-differenza.

**Dr Rachel Azzopardi** li tahdem il-Capital Transfer Duty Division fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 2014 mistoqsija dwar ir-riferta 'To confirm letters dated 11/4/2011 and 21/11/2011' xehdet li '*Iva nikkonferma li kienu ntbaghtu dawn iz-zewg ittri iffirmati minn Patrick Grima li dak iz-zmien kien Assistent Direttur fil-Capital Transfer Duty Division b'risposta ghall-ittri li kienu nbghatu mill-Ispettur Angelo Gafa dak iz-zmien. Ghandi kopja ta dawn l-ittri issa nipprezenthom fejn Patrick Grima qal li d-dikjarazzjoni kawza mortis in kwistjoni ta' Giuseppe Ciantar li miet fl-20 ta' Lulju 2008 ma kinitx giet ipprezentata l-ufficcju taghna u qatt ma kien sar pagament. Iz-zewg ittri jghidu prattikament l-istess haga li ma gie pprezentat xejn.'* Dawn l-ittri jinsabu a fol 146 et sequitur.

**Romwald Attard** fis-seduta tad-disgh u ghoxrin (29) ta' Jannar 2014 ikkonferma li c-cekk mahrug mill-kont ta' Josephine Camilleri ta' hdax-il elf ewro (€11,000) gie depozitat fil-kont f'isem El Pirega Ltd. Dan ic-cekk huwa datat it-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) a fol 142 u jidher fl-istatement tal-kont bankarju a fol 143 u cioe' il-kont ta' 'ELPIREGA LTD A/C DRAFTS'.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li flejjes li gew fdati f'idejn l-appellant gew depozitati fil-kont bankarju tas-socjeta Elpirega Ltd u baqghu qatt ma waslu ghand id-Dipartiment koncernat. Jirrizulta li Josephine Camilleri baqghet qatt ma rceviet lura l-flejjes li halset. Din l-imputazzjoni ghalhekk tirrizulta ppruvata.

Ikkunsidrat;

Illi d-disa' (9) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni indebita fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u wiehed u hamsin ewro (€24,451) ghad-dannu ta' Antoinette Agius, Julie Muscat, Julian Agius u Jane Agius. L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*gie stabilit illi fis-26 ta' Marzu 2010 il-kwerelanta Jane Agius u hutha kienu akkwistaw propjetajiet varji minghand missierhom Joseph Agius permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni ffirmat fl-istess gurnata quddiem in-nutar Pierre Falzon u fl-istess gurnata in-nutar Pierre Falzon kien gie moghti cheque fl-ammont ta' erba' u ghoxrin elf, erba' mija, wiehed u hamsin euro li dan kien intenzjonat li jkopri l-bol dovut. Il-kwerelanti hawnhekk allegat li meta ghamlet il-verifikazzjoni mad-dipartiment tat-taxxi nterni kien gie stabilit li c-cheque kien gie msarraf imma n-nutar qatt ma kien ghadda dawn il-flus lid-dipartiment u ghaldaqstant dan il-kuntratt ta' donazzjoni qatt ma kien gie insinwat. L-investigazzjoni tal-pulizija kkonfermaw dan kollu u kien gie stabbilit li c-cheque in kwistjoni kien gie depositat f'kont bankarju f'isem mart in-nutar Helen also known as Helenita Falzon.*'

Fl-ittra prezentata mill-Ispettur Gafa immarkata bhala 7E Romuald Attard mill-Bank of Valletta kieteb li '*cheque number 714 dated 26/03/2010 payable to Dr Pierre Falzon amounting to € 24,451.00 issued by HSBC has been deposited in account number 11201601022 held in the name of Helen aka Elenita Falzon on 27/03/2010*'. Fl-ittra immarkata bhala 7F mibghuta minn Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty datata d-dsatax (19) ta' April 2011 gie dikjarat li d-dikjarazzjoni causa mortis baqghet ma gietx prezentata u lanqas sar il-pagament. L-istess gie dikjarat fl-ittra mibghuta minn Patrick Grima fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2011. **Patrick Grima** fl-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 xehed li '*kien hemm kawza mortis tal-mejta Carmela Agius li mietet fl-4 ta' Dicembru 2003 fejn il-kawza mortis saret fis-26 ta' Marzu 2010 u l-istess dana ma giexipprezentat.*' **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li '*Nikkonferma l-ittri taghna tan-19th April 2011 u dik tat-22nd November li bhala kawza mortis qatt ma giet irregistrata.*' Din il-Qorti tinnota li a fol 1162 jirrizulta li sar bejgh quddiem in-Nutar Pierre Falzon ricevuta mir-Registru Pubbliku fit-tmienja (8) ta' Frar 2012. Din ir-ricerka giet ipprezentata minn Michael Mifsud in rapprezentanza

tad-Direttur tal-Public Registry Searches Unit fis-seduta tas-sitta (6) ta' Marzu 2017 izda meta dan jigi komparat mal-kuntratt esebit mill-Ispettur Gafa a fol 7A, il-proprjeta imsemmija mhijiex identifika fl-intier taghha. L-appellant quddiem din il-Qorti prezenta elenku ta' dak li thallas u dakli ma thallas da parti tieghu u indika li dak dovut lil 'Antoinette Agius et' u cioe' €24,451 bhala '*NOT PAID*'

**Audrey Ghigo** ghal HSBC Bank Malta plc fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2014 xehdet dwar cekk mahrug mill-account holder Joseph Agius. Romwald Attard mill-Bank of Valletta fl-istess seduta xehed li '*dan gie depozitat f'kont tal-BOV numru 11201601022 f'isem Mrs Helen Falzon fis-27 ta' Marzu 2010.*'

**Jane Agius, Julie Muscat u Antoinette Agius**[17] xehdu konguntivament fis-sittax (16) ta' Dicembru 2014. Jane Agius xehdet li kienu marru jaghmlu kuntratt tal-kawza mortis ghand l-appellant, ic-cekk issarraf xorta u ma gewx registrati. Indunat li mhux registrati ghax marru id-Dipartiment. Gieli kellmet lill-appellant bit-telefon u anke *face to face*. Taf li c-cheque gie imsarraf ghax marret il-bank. Tghid li xejn ma ghadu settled. Joseph Agius xehed fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Awissu 2016 spjega li l-appellant jafu minn '*Meta konna morna jiena u l-familja tiegħi minħabba l-causa mortis u konna ħallasna madwar, ma nafx ezatt, betweeen € 20,000 u € 25,000*'. Missieru kien hallashom b'cekk izda '*sfortunatament indunajna li dawn spiċċaw fix-xejn.*' Kien prezenti ghal causa mortis ta' ommu Carmela Agius.

Ghalhekk jirrizulta li l-appellant ircieva cekk sabiex tithallas it-taxxa, dan ic-cekk gie depozitat fil-kont bankarju ta' Helen Falzon u l-pagament baqa ma wasalx ghand id-Dipartiment in kwistjoni. Ghalhekk din l-imputazzjoni ghalhekk tirrizulta ppruvata.

Ikkunsidrat;

[17] Fil-verbal ta' din is-seduta imnizzla bhala 'Antuanette Agius'.

Illi t-tmintax (18) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' tlett'elef, mitejn u tnejn u sittin ewro (€3262) ghad-dannu ta' Vincent Magro u martu Maria Rosaria Magro. Filwaqt li d-dsatax (19) il-imputazzjoni tirrigwarda l-approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' €11,180 ghad-dannu ta' Carmel Tonna u martu Maria Concetta Tonna. **L-Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 spjega li '*L-investigazzjonijiet stabbilew li nhar it-18 ta' Novembru 2009 l-koppja Magro kienet iffirmat kuntratt ta trasferiment quddiem in-nutar Falzon li permezz tieghu akkwistaw appartament minghand il-koppja Tonna bil-prezz ta' tlieta u disghin elf mija u erbgha u sebghin euro punt disgha erba centezmi. Fl-istess gurnata kemm ix-xerreja u kemm il-vendituri kienu hallsu lin-nutar is-sommom indikati iktar qabel u cioe tliet elef mitejn u tnejn u sittin euro u hdax il-elf mija u tmenin euro biex ikopru fl-ewwel parti il-bol u fit-tieni parti t-taxxa fuq id-dhul tal-Capital Gains Tax rigwardanti dan il-kuntratt. Dawn il-pagamenti kienu saru permezz ta bank drafts pero kien gie stabilit li n-nutar qatt ma kien ghadda dawn il-fondi lil ufficju tat-taxxi nterni kif kienet gie intenzjonat u ghaldaqstant dan il-kuntratt qatt ma kien gie rregistrat. Ahna minn naha taghna konna kkonfermajna dawn l-allegazzjonijiet u konna u konna stabilejna li c-cekkijiet kienu gew depositati f'kont bankarju f'isem Elprega Ltd mmexxi min nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon.*'

L-Ispettur Gafa' prezenta l-ittra mibghuta minn Romuald Attard mill-Bank of Valletta fejn kieteb li '*draft number 698359 dated 07/11/2009 amounting to €3,727.00 payable to Vincent Magro and draft number 698442 dated 13/11/2009 amounting to €86,769.16 payable to Charles Tonna have both been deposited in account number 40010965810 held in the name of ELPIREGA Ltd.- Reg. No. C28775 on 19/11/2009 as per attached statement.* ' Tnizzel ukoll li l-account holders ta' ELPIREGA Ltd huma n-Nutar Pierre Falzon u Helen A. Falzon.

Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kemm permezz tal-ittra datata l-hmistax (15) ta' Frar 2011 u l-ittra datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2011 fl-ittri prezentati mill-Ispettur Gafa u mmarkati bhala 9F u 9G kieteb li l-att ta' trasferiment kien ghadu ma giex prezentat u lanqas imhallas. Il-konvenju u dokumentazzjoni ohra giet ipprezentata mal-ahhar ittra riferuta flimkien mal-ircevuta datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 2007 indirizzata lil Magro Vincent et fl-ammont ta' LM400. Ittra ohra mibghuta minn Patrick Grima Assistent

Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2011 immarkata bhala 9I gie indikat li '*to date such transfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payment was received.*' **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 li '*ghalkemm ahna ghidna fil-15 ta' Frar li kien ghadu ma dahalx il-kuntratt, imbaghad dan filfatt dahal fl-20 ta' Frar 2014.*' **John Micallef** ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra datata t-tmintax (18) ta' Lulju 2011 liema ittra hija immarkata bhala 9H prezentata mill-Ispettur Gafa, gie indikat li mir-records ma jirrizultax li kien hemm kuntratt bejn Carmel Tonna u martu Maria Concetta Tonna bhala vendituri u Vincent Magro bhala l-kumpratur.

**Carmel Tonna, Maria Concetta Tonna u Vincent Magro** xehdu fis-sbatax (17) ta' Gunju 2014. Is-Sur Tonna xehed li kien biegh post tas-Sliema lil Vincent Magro, hadu ghand in-Nutar Pierre Falzon. Tonna spjega li wara xi zmien Vincent Magro qallu jmur jiccekja l-ircevuta u mar Strada Merkanti u ma kinitx hemm. Mar jaghmel rapport l-Ghassa peress li ma rcevewx l-ircevuta tal-Gvern tal-bolla tat-taxxa. Is-Sinjura Tonna qablet ma dak li xehed Carmel Tonna. Is-Sur Tonna ma rceviex l-ircevuta, is-Sur Magro izda ddikjara li ghandu l-ircevuta izda is-Sur Tonna qal li ghadu ma rceviex ircevuta.

**Vincent Magro** xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju, 2016 fejn spjega li '*Ghandi l-ircevuti tal-bolol imhallsin u kollox hawn.*' Id-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhud ukoll lil Maria Rosaria Magro.

**Romwald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju 2014 xehed li prezenta bank draft fl-ammont ta' 86,769.16 a favur Charles Tonna u bank draft fl-ammont ta' 3,727 a favur ta' Vincent Magro. Dawn jinsabu a fol 238 u 239.

**Patrick Grima** in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi, Capital Transfer Duty fl-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 xehed li '*bhal venditur kien hemm Carmel Tonna u Vincent Magro kompratur, dan il-kuntratt kien sar fit-18 ta Novembru 2010 u again dan ghadu sa llum ma giex pprezentat.*' **Patrick Grima** fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu

2014 xehed li '*Dakinhar fit-22 ta' Novembru konna ktibna ahna li ma gietx imhallsa t-taxxa dovuta imma issa hawn ricentement dawn il-granet meta ccekkjajt mort ghamilt daqxejn update biex nara x'gara u ma garax, jirrizuta li filfatt dan il-kuntratt gie pprezentat u mhallas fl-20 ta Frar ta din is-sena.*' **Patrick Grima** fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju 2014 xehed li '*Jiena gejt mitlub nixhed fuq l-ittri li jiena kont ktibt fil-15 ta' Frar 2011, 22 ta' Novembru 2011 u 28 t'April 2011. Dan qed nitkellmu fuq kuntratt tan-Nutar Pierre Falzon fejn il-vendituri kienu Carmelo u Maria Concetta Tonna u min qed jakkwista kienu Vincent u Maria Rosaria Magro. Dan meta ccekkjajt biex nara jekk kienx hemm xi zviluppi mill-ahhar li tlajt hawnhekk kien irrizulta li fl-20 ta' Frar ta' din is-sena gie mhallas, gie pprezentat ghandna l-Capital Transfer Duty fuq dan il-kuntratt li kien sar fit-18 ta' Novembru 2009. Kif qed nghid ipprezentat fl-20 ta' Frar u bhala stamp duty, boll, thallas l-ammont ta' 2330.25 Euro. Rigward il-Capital Gains, ir-raguni kienet ghax ghall-kopja Tonna din kienet ir-residenza taghhom ghal tliet snin.*' Dokumentazzjoni dwar dan giet ipprezentata a fol 242 et sequitur u mmarkata bhala AG18. Jirrizulta li a fol 244 dwar taxxa dovuta, hdejn 'Att dwar it-Taxxa fuq l-Income' tnizzel 'Nil' minkejja li jirrizulta li fil-kopja tal-kuntratt esebit mill-Ispettur Gafa u mmarkat bhala 9A hemm imnizzel li '*Ghal fini ta' l-att dwar i-taxxa kapitali finali qieghed jigi hawn dikjarat illi t-taxxa tammonta ghas-somma ta' hdax il-elf mija u tmenin Ewro (Eur11,180) pagabbli bir-raTa ta' tnax fil-mija (12%) stante li l-propjeta ilha fil-poter ta' l-vendituri ghal- aktar minn tlett snin;*' Ghalhekk minkejja li gie dikjarat dan fil-kuntratt, u minkejja li l-konjugi Tonna hallsu dan l-ammont, dan baqa' ma thallas lid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty. Din il-Qorti mhijiex sejra ssib htija ukoll taht l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta abbazi ta' dak indikat fil-formmola li tinsab a fol 242 et sequitur u dan stante li minkejja li l-kuntratt huwa datat it-tmintax (18) ta' Novembru 2009, din waslet ghand l-Inland Revenue, Capital Transfer Duty fl-ghoxrin (20) ta' Frar 2014 u ghalhekk fil-mori ta' dawn il-proceduri u ghalhekk fuq it-terminu msemmi fl-imputazzjoni u cioe' fix-xahar ta' lulju 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel. John Micallef fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju 2014 in rapprezentanza tal-Inland Revenue filfatt ikkonferma li l-kuntratt gie mdahhal id-Dipartiment tas-Successjoni fl-20 ta' Frar ta' din is-sena jigifieri tas-sena 2014.

**John Micallef** in rapprezentanza tal-Inland Revenue fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju 2014 xehed li '*kont ktibt fit-18 ta' Lulju 2022 lill-ispettur Angelo Gafa li dak iz-zmien ma kellniex records li kien jindika li fit-18 ta' Novembru sar xi kuntratt bejn Carmelo Tonna u l-mara tieghu Maria Concetta Tonna bhala l-bejjiegha u Vincent Magro bhala x-xerrej tal-post dak iz-zmien.*' Xehed li '*Illum il-gurnata l-istess haga kif qal is-Sur Patrick Grima qabli, l-kuntratt gie mdahhal id-Dipartiment tas-Successjoni fl-20 ta' Frar ta' din is-sena u ghandi kopja tal-kuntratt li qeghdin nitkellmu fuqu. Ghandi tlieta, wiehed ghall-Qorti jekk jogbok u tnejn ghall-partijiet.*' Dokumentazzjoni giet immarkata bhala AG19 a fol 248.

Ghalhekk jirrizulta li filwaqt li l-konjugi Magro rcevew l-ircevuta li jissinifika li l-ammont thallas lid-dipartiment koncernat[18] filwaqt li l-konjugi Tonna baqghu ma rcevewx l-ircevuta u ghalhekk l-ammont mghoddi baqa ma ghaddiex lid-Dipartiment. Din il-Qorti tipreciza li ghal dak li jirrigwarda t-tmintax (18)-il imputazzjoni skont il-kopja tal-kuntratt esebiet minn l-Ispettur Gafa immarkat bhala 9A, kien gie dikjarat li mis-somma ta' €3,262 'li *minnhom l-kompraturi qeghdin jiddikjaraw illi gja hallsu s-somma ta' disa' mija u wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin Ewro centezmi (Eur931.75), ricevuta numru 239410 u l-bilanc qieghed jithallas presentement*'.

Ghalhekk gialadarba jirrizulta li kienet thallsu LM400 Maltin u li kienet inharget l-ircevuta[19], l-ammont mertu ta' appropjazzjoni in debita fejn il-vittmi huma Vincent u Maria Rosaria Magro huwa dak ta' €2330.25. Din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni enumerata dsatax (19) ma gietx sufficentement ippruvata u dan in vista tal-fatt li minkejja li gie ppruvat li l-bank draft fl-ammont ta' €86,769.16 indirizzata lil Charles Tonna giet depozitata fil-kont bankarju tal-Elpirega Ltd, ma jirrizultax ippruvat li dawn kienu jinkludu €11,180 mertu ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk minkejja li dan l-ammont thallas lin-Nutar sabiex huwa jhallas il-Capital Gains Tax, ma tressqitx prova sufficenti li tikkonferma li n-Nutar kien ikkonverta dan l-ammont bi profit ghalih jew ghal haddiehor.

---

[18] Kopja tal-ircevuta tinsab a fol 256

[19] Ircevuta annessa mad-dokumentazzjoni prezentata mill-Ispettur Gafa u mmarkata bhala 9G datata t-28 ta' Gunju, 2007 fejn hemm dikjarat li gew ricevuti minn 'MAGRO VINCENT ET' fejn hemm imnizzel *'PROMISE OF SALE DR.J.VASSALLO AGIUS'*.

Ikkunsidrat;

L-ghoxrin (20) imputazzjoni tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni indebita fl-ammont ta' €4,585.75 ghad-dannu ta' Josephine Spiteri. L-Ispettur Angelo Gafa fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*l-investigazzjonijiet tal-pulizija stabbilew li nhar 17 ta' Novembru 2009 Josephine Spiteri u hutha kienu dehru ghal kuntratt ta trasferiment li permezz tieghu kienu ha jbieghu, kienu qed ibieghu d-dar tal-genituri taghhom li issa kienu mejtin. Il-kuntratt kien gie ffirmat quddiem in-nutar Pierre Falzon u prezenti ghalih kien hemm Paul Spiteri, Mario Spiteri, l-kwerelanta Josephine Spiteri u Monica Spiteri dawn bhala vendituri mentri fuq il-parti l-ohra deher is-Sur Steven Galea bhala l-kompratur. Hawnhekk il-kwerelanta kkonfermat li s-Sur Galea u allura x-xerrej kien fl-istess gurnata ghadda somma ta flus lin-nutar dik ta tmintax il-elf sitt mija u hamsa u tletin euro li dan kellu jghaddihom lil vendituri l-mument li l-kuntratt jigi ffinalizzat, filfat fid-data tal-kuntratt in-nutar Pierre Falzon kien ghadda tnax il-cheque lil dawn il-bejjiegha, l-vendituri tlieta kull wiehed li bazikament kienu jammontaw ghal hmistax il-elf, erba u ghoxrin elf u erbat elef hames mija hamsa u tmenin euro punt hamsa sebgha centezmi il-wiehed mela kien hemm tliet cekkijiet lil kull parti f'dawn l-ammonti. Dina l-kwerelanta s-Sinjura Spiteri kienet stabiliet li hdax il-cheque kienu gew msarrfa minghajr problemi ta' xejn mentri l-ahhar wiehed kien gie referred to drawer. Din spjegat kif in-nutar Pierre Falzon kien qalla biex issarraf dan ic-cheque qabel il-hmistax ta Lulju 2010 pero din qalet li kienet ftakret f'dan ic-cheque meta kien skada, u kull tentattiv minn naha taghha sabiex tigi f'kuntatt man-nutar kien kollu ghal xejn u dan sabiex allura johrogilha wiehed gdid. Kienet pruvat issaraf dan ic-cheque darbtejn f'Lulju 2010 kif ukoll fi Frar 2011 fejn hawnhekk issa s-Sinjura Spiteri kienet giet infurmata mill-Bank li fil-kont rispettiv ma kienx hemm bizzejjed fondi biex dan ic-cheque jissarraf. Pruvajt diversi drabi ohra kien ghal xejn. Minn naha taghna meta konna ghamilna verifiki mal-ufficju tat-taxxi nterni konna sibna li kemm il-bol kif ukoll il-Capital Gains Tax kollha kienu mhallsa. Minn analizi li konna ghamilna lil kontijet bankarji konna sibna f'dan il-kont bankarju rispettiv li bejn is-17 ta' Novembru 2009 u l-15 ta' Lulju 2010 kien hemm bizzejjed fondi sabiex dan ic-cheque seta jigi msarraf.*'

**Josephine Spiteri** xehdet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju 2016 marret taghmel kuntratt ghand l-appellant, tghid li tahseb xi ghaxar snin ilu, ghamlet ic-cekk u ma kienx hemm flus il-bank. Gie prezentat ic-cekk fl-ammont ta' €4,585.75 li gie refer to

drawer immarkat bhala AG22 a fol 286. Xehdet li jonqos jaghtiha xi erbat'elef ewro. Regghet xehdet quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-erbatax (14) ta' Novembru 2019 spjegat li kellha cekk u ma setghetx issarfu. Minghand in-Nutar kellha tiehu €4,500 u qed jaghtihomlha ftit ftit. Sa dak in-nhar tax-xhieda kien hallasha elfejn ewro (€2,000).

Din il-Qorti tqis li il-fattispeci ma jaqghux taht ir-reat ta' approprazzjoni in debita izda se mai ta' truffa f'kaz li cekk mahrug mill-appellant ma setghax jigi msarraf. L-appellant ma giex akkuzat b'dan u ghalhekk din l-imputazzjoni numru ghoxrin (20) rigwardanti r-reat ta' approprjazzjoni in debita ma tirrizultax.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-imputazzjoni enumerata wiehed u ghoxrin (21) l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita fl-ammont ta' €3,426.50 ghad-dannu ta' Emanuel Caruana u martu Emanuela Caruana filwaqt li fl-imputazzjoni enumerata tnejn u ghoxrin (22) l-appellant gie akkuzat bl-istess reat din id-darba fl-ammont ta' €11,739 ghad-dannu ta' Maria Saveria sive Vona Lawson. L-**Ispettur Angelo Gafa'** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 spjega li '*Kaz numru hdax jirrigwarda allegat approprjazzjoni indebita ta' l-ammonti tliet elef u mija u erba u ghoxrin euro punt hamsa zero centezmi kif ukoll hdax il elf seba mija disgha u tletin euro minn nutar Pierre Falzon ghad-dannu ta' certu Emanuel u martu Emanuela Caruana kif ukoll Maria Saveria sive Yvonna Lawson rispettivament. Hawnhekk kien gie stabilit li fil-5 ta' Awwissu 2009 Raymond Filetti li kien qieghed jagixxi f'isem Lawson kien dahal f'kuntratt ta' transferiment li permezz tieghu kien biegh apartament fil-Qawra lil koppja Caruana. Il-kuntratt gie ffirmat quddiem in-Nutar Pierre Falzon u hawnhekk fl-istess gurnata tal-kuntratt Filetti kien forna lin-nutar b'cheque fl-ammont ta' hdax il-elf seba mija disgha u tletin euro li kien ikopri l-Capital Gains Tax dovuta mill-bejjiegh mentri ix-xerreja kienu wkoll ghaddew cheque lin-nutar fl-amont ta hamest elef u tnejn u tletin euro punt hamsin centezmu li minnhom in-nutar kellu jghaddi s-somma ta tliet elef erba mija u ghoxrin euro u hamsin centezmu lil ufficju tat-taxxi nterni c-cekkijiet kienu ssarfu izda n-nutar qatt ma kien ghamel il-pagamenti rispettivi. Hawnhekk il-prosekuzzjoni kkonfermat dawn l-allegazzjonijiet pero sussegwentement l-ufficju tat-taxxi nterni kien infurmana li kien ircieva l-hlasijiet bejn Lulju*

*u Awwissu 2011. Hawnhekk kellna konferma li thallsu mill-ufficcju tat-taxxi nterni minn min ma nafux jigifieri jista jkun ghandi ndikat fir-rapport. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu wkoll stabilew li c-cekkijiet li kienu gew moghdija lin-nutar kienu gew depositati f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd immexxi min-nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon u dan kien f'Awwissu 2009.'*

L-Ispettur Gafa prezenta l-ittra mibghuta minn Romuald Attard mill-Bank of Valletta datata t-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) immarkata bhala 11B fejn kieteb li c-cekk fl-ammont ta' €11,739 pagabbli lil Nutar Pierre Falzon, li c-cekk original kien distrutt ghax dawn jinzammu ghal sena biss. Dan gie depozitat fil-kont f'isem Elpirega Ltd fejn l-account holders huma n-Nutar Pierre Falzon u Helen A. Falzon. Giet prezentata ittra immarkata bhala 11C mibghuta minn Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty fejn gie indikat li d-dikjarazzjoni u lanqas il-pagament ma kien wasal l-ufficju. Patrick Grima b'referenza ghal kuntratt ta' bejgh datat il-hamsa (5) ta' Awissu 2009 rega kiteb fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2011 fejn kieteb li '*said deed was registered at this Office on 19th July, 2011 and duty amounting to € 3, 426.50 and was paid at this Office. Capital Gains Tax paid amounted to € 11,739.*' Filwaqt li John Micallef ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra datata l-erbgha (4) ta' Ottubru 2011 kien kiteb lill-ispettur Gafa li '*Copies of the deed in question dated 5th August 2009, together with receipt no. KN7193, amounting to € 11,739 dated 4th August 2011, are enclosed for your consideration.*'

A fol 938 u mmarkat bhala Dok JF2 kien gie pprezentat certifikat mediku mahrug minn Dr J Ferriggi fejn dwar Emanuela Caruana u Emanuel Caruana tnizzel li '*To certify that the above 80y old patients are unfit to attend the law courts due to their medical conditions. They declare that they have settle the issue in his confrontation.*'

**Emanuela Caruana** quddiem l-Assistent Guddizjarju Dr Benjamin Valenzia fis-seduta tas-sittax (16) ta' Marzu 2017 fejn spejgat li kienu xtraw appartament il-Qawra minghand Raymond Filetti, tghid li mhux tieghu imma sensar. Kien qed jidher ghal Ingliz. Marru ghand l-appellant l-ufficju tieghu r-Rabat, mistoqsija dwar il-hlas ta' taxxa ta' €3426.50 wiegbet li hallsu mal-ewwel f'salt. Il-flus tal-bolla tawhom lin-Nutar umbghad kitbulhom li ghadhom ma hallsux. Spjegat li '*Imbaghad cempilli s-*

*sensar, qalli intkom m'ghandkom xejn, qalli ghax ma baghtux karti n-Nutar illi hallasna, ghidtlu, ghidtlu ma hallasniex mhux quddiemek hallasna? Imbaghad kont cempilt lil missieru jiena'*. Cemplu lil missier in-Nutar, spjegat li '*Qalli lilkom gie jaghmel hekk, ghax jafna dan mir-Rabat, ghidtlu hekk ha joqghod jinkwetana, imbaghad baghatna naghmlu statement lid-Depot.*' Kien imsiefer, ma setghux ikelmuh. Spjegat li '*Ghidtlu x'inhu, ma hallasniex, qalli iva, ghax intkom qiskom ma xtrajtu xejn. Kif qalli ma xtrajtu xejn tista' tahseb, ghidtlu mela fittxilna, insistilna ghax ahna hallasna. Imbaghad bdejt incempel lil missieru ghidtlu ara x'jaghmlilna, imbaghad wara kocc ircevejna, ghadda z-zmien, kull darba incempel lil missieru ghidtlu ghax ahna hallasna kollox, m'ghandniex x'naqsmu u hu qal li hallas in-Nutar, u bqajna hekk, imbaghad igifieri baghtilna il-karta li kollox sewwa ghax dawn imhalsin igifieri'*. Ikkonferma li ghaddew qisu sentejn u ircevew ircevuta. Ikkonfermat li r-rapport mhux huma ghamluh izda Filetti li deher li kien qieghed ibieghilhom fuq il-kuntratt. Ikkonfermat li llum il-kuntratt huwa registrat u t-taxxa mhallsa u kollox sew. Ma huma jippretendu xejn minghand l-appellant.

**Emanuel Caruana** li xehed fl-istess jum quddiem l-Assistent Guddizjarja Dr Benjamin Valenzia li xtraw post il-Qawra, Flat 4, ohio Flats, Triq Qawra, Qawra. Kienu hallsu lin-nutar biex ihallas il-bolla, tlett'elef u erba' mija tawh in-Nutar. Il-Post minghalih fl-elfejn u disgha xtrawh ghandikun. Il-flus ghaddewhom fl-elfejn u disgha (2009) biex tithallas il-bolla. L-ircevuta ircevewha tal-20 ta' Lulju 2011.

**Ray Filletti** fis-seduta tat-tnax (12) ta' Awissu 2013 xehed li '*jien kelli prokura ta xi hadd Marija Saverja Lawson jien qieghed l-owner tal-appartament l-Qawra u sibt l-arrangament biex tbieghu, u ghamilna l-konvenju u ghamilna l-kuntratt, meta gejt biex inhallas it-taxxa n-nutar ghidtlu fuq min naghmlu c-cheque? U hu qalli ghamlu fuq ismi, u ghamiltu fuq ismu c-cheque jiena. Mbaghad l-ircevuta wara ma rcivejiex. U cempiltlu ghall-ircevuta dejjem b'xi skuza, mbaghad ghamilt rapport lil pulizija wkoll jiena, mbaghad kont ircivejt l-ircevuta li thallas u l-ircevuta biex taxxaqa kienet f'isem Saveria Lawson, mhux Marija Saverja Lawson, haddiehor. U rnexxieli mbaghad naghmel kuntatt ma din il-persuna u kellimt lil nutar iehor fejn ikkuntatjajna lil tac-CIR fejn emendawli l-ircevuta li giet fuq ismi li hallas l-ammont dovut.*'

Ikkonferma li t-taxxa thallset wara certu giri. Xehed li '*Gieli qalli b'sms jew bil-gazetti li kien barra pero jien meta rcivejt ircevuta cempilt lil pulizija ghidtilhom isma issa ircevuta ghandi jien, qaluli pero l-kawza trid tipprocedi.*' Spjega li '*Ghamilnieh 2009 il-kuntratt mbaghad ircivejta August 2011 pero ssetiljajta f'Dicembru 2011 giet f'ismi mbaghad.*' Ikkonferma li l-ammont hu ta' 11,739. L-ircevuta fuq Marija Saverja Lawson.

**Maria Saveria sive Yvonna Lawson** fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Lulju 2016 ikkonfermat li kienet qabdet lil Raymond Filletti biex jagixxi ghan-nom taghha.

**Joseph Caruana** in rapprezentanza tal-BOV fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Frar 2015 ikkonferma li c-cekk ta' €11,739 gie depozita f'kont ta' El Pirega Ltd. Skont ir-ritratt ta' wiehed mic-cekk li jinsab a fol 296 dan ic-cekk kien indirizzat lil Nutar Pierre Falzon u mahrug minn Raymond u Marie T Filletti. Id-depozitu ta' dan ic-cekk flimkien ma cekk iehor sar fl-ghaxra (10) ta' Awissu 2009 skont ir-rendikont a fol 293.

**Patrick Grima** fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 li '*kien hawn kaz bejn Maria Saveria Lawson bhala venditrici u Emanuel Caruana il-kompratur dan hawnhekk qed nikkonfermaw li filfatt kienu thallsu fid-19 ta' Lulju 2011.*' Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2014 l-istess xhud li '*dan gie registrat il-kuntratt fid-19 ta' Lulju 2011 u t-taxxa dovuta giet imhallsa.*' Patrick Grima Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, 2016 '*Il-kuntratt filfatt sar fil-5 t'Awwissu 2009 u dahal ghandna d-Dipartiment fid-19 ta' Lulju 2011.*'

Ghalhekk jirrizulta li l-cekk fl-ammont ta' €11,739 kienu gew depozitati fil-kont ta' ELPIREGA Ltd u kien wara raport maghmul minn Raymond Filetti li wara madwar sentejn mill-kuntratt li sar il-hlas lid-Dipartiment tat-Taxxa u li l-kuntratt gie registrat u konsegwentement li l-partijiet fuq il-kuntratt jircievu l-ircevuta. Ghalhekk l-imputazzjoni numru tnejn u ghoxrin (22) tirrizulta ppruvata. L-istess ma jistax jinghad dwar l-imputazzjoni wiehed u ghoxrin (21) stante li minkejja li gie sufficentement ippruvat li Emanuel Caruana u Emanuela Caruana kienu hallsu l-ammont imsemmija fl-imputazzjoni sabiex jithallas il-boll u li kien wara certu insistenza li l-appellant ghamel dan, ma jirrizultax pruvat li l-appellant kien approprja ruhu minn dawn il-flejjes u cioe' ma tirrizultax prova ta' conversion u

cioe' li l-appellant dawwar dawn il-flejjes ghalih jew ghal haddiehor. Ghalhekk minkejja li jistghu jirrizultaw reati ohra rigwardanti l-imputazzjoni wiehed u ghoxrin (21), ir-reat ta' approprjazzjoni in debita ma jirrizultax.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-imputazzjoni numru tlieta u ghoxrin (23) l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2300) ghad-dannu ta' Mark Pullicino. L-imputazzjoni numru erbgha u ghoxrin (24) tirrigwarda l-approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' tlett'elef, tlett' mija u erbghin ewro (€3,340) ewro ghad-dannu ta' Ann Marie Gauci.

**L-Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*l-investigazzjonijiet stabilew li permezz ta kuntratt ta trasferiment datat 26 ta' Jannar 2009 redatt minn Nutar Pierre Falzon Pullicino kien xtara il-parti li t-tfajla tieghu li kellu qabel Anne Marie Gauci kienet l-owner taghha mela dawn kellhom post flimkien u xtara l-parti tal-ex tfajla tieghu. Fl-istess gurnata l-kwerelant kien ghadda zewg cekkijiet lin-nutar wiehed ta elfejn u tlett mitt euro u l-iehor ta tliet elef tlett mija u erbghin euro dawn jirraprezentaw bol u Capital Gains Tax. Dan Pullicino qal li wara li kien ghamel il-verifici kien irrizultalu li filwaqt li c-cekkijiet kienu ssarfu n-nutar Falzon ma kienx ghadda dawn il-pagamenti lid-dipartiment tat-taxxi nterni. Dak kien gie kkonfermat min-naha taghna u gie stabilit ukoll li c-cekkijiet kienu fis-26 ta' Jannar 2009 it-tnejn li huma ddepozitati f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd mmanagjata minn nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. Fit-22 ta' Novembru, 2011 l-ufficju tat-taxxi nterni kien infurmana li l-partijiet kienu regaw iffirmaw kuntratt gdid fil-5 ta' Awwissu 2011 quddiem in-nutar publiku Ian Cistaldi Paris u kien gie mhallas il-bol ta elf mitejn u hamsa u ghoxrin euro, dan il-bol kollu kien fl ammont kollu ta elf seba mija u hmistax il euro pero kienu thallsu erba mija u disghin euro depositu u ghaldaqstant id-differenza.*'

L-Ispettur prezenta ittra mmarkata bhala 12F mibghuta minn Romuald Attard mill-Bank of Valletta fejn b'referenza ghac-cekkijiet fl-ammont ta' €2,300 u €3,430 gew depozitati fil-kont ta' ELPIREGA LTD A/C DRAFTS fejn l-account holders ta' din il-kumpanija huma Pierre Falzon u Helen A. Falzon. Fl-ittra mmarkata bhala 12G

mibghuta minn Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty fil-hdax (11) ta' April tnizzel li d-dikjarazzjoni ma gietx prezentata u lanqas sar il-hlas. Filwaqt li fl-ittra mibghuta minn Patrick Grima datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2011 immarkata bhala 12I li '*that said deed was ratified on 5th August, 2011 and registered at this Office on 9th August, 2011. Duty amounting to € 1, 225 was paid at this Office.*' Filwaqt li John Micallef ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra datata l-erbgha (4) ta' Ottubru 2011 kiteb li '*the date of sale between the persons mentioned above was registered at the Capital Transfer Duty on 5th August 2011. A copy is enclosed for your attention.*
*Please note also in the contract that no payments were due to the Inland Revenue Department in this case.*'

**Mark Pullicino u Anne Marie Mangion** xehdu fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2015. Mark Pullicino xehed li hu u l-ex tfajla tieghu kienu xtraw flat u garaxx flimkien in-Naxxar u meta hassru ddecidew li jmorru ghand in-Nutar biex jaqsmu l-beni. Hu kien ser jixtri l-parti taghha. Dan kien f' Novembru 2008. Il-konvenju kien sar f'Novembru u dan kien irregistrat. Ghamlu l-kuntratt f' Jannar 2009. Sentejn wara ircieva email u telefonata mill-Avukati tal-bank minn fejn hu kien silef il-flus. L-Avukati tal-Bank indunaw li dan il-kuntratt qatt ma kien irregistrat. Kien hallas il-flus kollha dovuti lil Gvern. Spjega li '*elfejn u tliet mija lis-Sinjur* ***ta' xogholu****, u tlett elef u erba' mija u tletin Euro li kienu l-Capital Gains fees taghna ghax minflok hallsithom hi kont hallasthom jiena. u dawn ghosfru.*' Spjega li dawn ic-cekkijiet '*kienu msarrfin minnu ghax ahna konna ghamilniehom, hu kien qalilna biex naghmluhom fuqu personali, u ovvjament..*' Spjega li '*imbaghad xi snin wara jidhirli fl-2011 wara li kienu bghatu ghalina l-Banek li jiena kont tlabt il-loan minghandu konna morna wzajna lil Dr Ian Cistaldi Paris biex ergajna ghamilna l-kuntratt kollox mill-gdid.*' Regghu hallsu kollox. It-tlett elef Euro li tah tal-Capital Gains ghosfru.

**Joseph Caruana** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2015 li '*jiena gejt mitlub nikkonferma li APS cekk number 90 ghal 2300 Euros u cekk number 91 ghal 3430*[20] *Euros it-tnejn migbudin minn fuq kont tal-APS*

[20] Ghalhekk din il-Qorti tinnota li ghalkem l-imputazzjoni 24 tirrigwarda l-valur ta' 3340, ic-cekk datata is-26 ta' Jannar 2009 mahrug minn Mark Pullicino versu Pierre Falzon kien ta' 3430 ewro.

*kienu gew depositati f'account number 40010955422 f'isem El Pirega Ltd. Jiena filfatt hawnhekk nikkonferma li dawn kienu parti minn deposit li kien jammonta ghal 30,398.68 Euros u gew depositati fit-26th January 2009, qed nipprezenta kopja tal-istatement fejn gew depositati, kopja tac-cekkijiet u kopja tad-deposit ukoll.*' Il-beneficcjarji ta' dak il-kont tal-El Pirega Ltd huma Helen Falzon u n-Nutar Pierre Falzon. Dokumentazzjoni dwar dawn gewipprezentati a fol 318 et sequitur bhala AG26 u AG27.

**Patrick Grima** in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi, Capital Transfer Duty fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 xehed li '*Kaz iehor bejn Pierre Falzon li kien sar fis-26 ta' Jannar 2009 bejn Anne Marie Gauci bhala venditrici u Mark Pullicino kompratur dan ukoll ma giex ipprezentat.*' Jigifieri ma thallas il-boll sal-lum. Meta rega xehed **Patrick Gauci** fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) li '*on the 11th April 2011 ahna bhala Dipartiment konna kkonfermajna, konna infurmajna lil Economic Crime Unit li din in-notifika l-pagament taghha qatt ma gie pprezentat. Imbaghad ghidna wkoll li dan il-kuntratt gie notifikat fil-5 t'Awwissu u rregistrat fl-ufficcju fid-9 t'Awwissu 2011.*' **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li '*Minghand in-Nutar Falzon filfatt dan il-kuntratt qatt ma dahal biss imbaghad fil-5 t'Awwissu 2011 dahal kuntratt gdid taht il-firma tan-Nutar Ian Cistaldi Paris.*'

**Rebecca Micallef** fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2015 in rapprezentanza tal-APS Bank ikkonfermat id-dokumentazzjoni li ntbaghtet lil Pulizija dwar cekkijiet mahrugin minn Mark Pullicino. Jirrizulta li Mark Pullicino kien hallas kemm il-Capital Gains Tax minflokk Ann Marie Gauci l-venditrici fl-ammont ta' €3,430, biss pero' l-imputazzjoni numru erbgha u ghoxrin (24) tirrigwarda l-ammont ta' €3,340 u ghalhekk din il-Qorti trid tillimita ruha ghall-ammont indikat fl-imputazzjoni. L-appellant jghid li kien hallas elfejn u tlett mija (€2,300) lill-appellant ta' xoghlu.Fil-kuntratt immarkat bhala 12A esebiet mill-Ispettur Gafa hemm imnizzel li '*Ad valorem duty on this deed amounts to the sum of one thousand seven hundred and fifteen Euro (Eur1,715), out of which purhcaser declares that he alrrady paid the provisional tax amounting to four hundred and ninety Euro (Eur490), receipt number 289985...*'

Stante li Mark Pullicino xehed li l-ammont ta' €2,300 thallsu ghal xoghol l-appellant, din ma tistax taqa taht l-imputazzjoni ta' approprjazzjoni in debita. L-istess ma jistax jinghad dwar  l-ammont imhallas bhala capital gains tax fejn minkejja li dan thallas minn Mark Pullicino, kienet somma dovuta li tithallas minn Ann Marie Gauci u kien ghalhekk li l-imputazzjoni harget ghad-dannu ta' Ann Marie Gauci. Ghalhekk filwaqt li tirrizulta l-imputazzjoni erbgha u ghoxrin (24), ma tirrizultax l-imputazzjoni tlieta u ghoxrin (23). Il-Qorti sejra tordna lill-appellant jirrifondi l-ammont mertu tal-imputazzjoni erbgha u ghoxrin (24) lil Ann Marie Gauci peress li hija l-persuna indikata bhala l-vittma f'din l-imputazzjoni b'dan li dan l-ammont ghandu sussegwentement jithallas lil Mark Pullicino stante li kien huwa li ghamel il-pagament.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputazzjonijiet hamsa u ghoxrin (25) u sitta u ghoxrin (26) jirrigwardaw r-reat ta' approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' €3,728.50 ghad-dannu ta' Joseph sive Joe Camilleri u martu Grace Camilleri u l-ammont ta' €11,181 ghad-dannu tal-ahwa Vincent Borg u George Borg. L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*kien gie stabilit li fit-3 ta' Marzu 2010 Joseph u Grace Camilleri kienu ffirmaw kuntratt ta' bejgh quddiem in-nutar Pierre Falzon li permezz tieghu kienu akkwistaw propjeta fl-Imsida minghand il-mejjet Vincent Borg u huh Gorg Borg ghall-ammont ta' tlieta u disghin elf mija u hamsa u sebghin euro. Dakinhar tal-kuntratt l-ahwa Camilleri li anki sa dan iz-zmien allura is-Sur Vincent Borg kien ghadu haj kienu ghaddew is-somma ta flus ta erbatax il elf disgha mija u disa euro lin-nutar Pierre Falzon li kienu jirrapresentaw kemm bol kif ukoll Capital Gains Tax fuq dan il-kuntratt.  Camilleri allega li wara li kien ghamel il-verifikazzjonijiet mal-ufficcju tat-taxxi nterni kien irrizultalu li minkejja li n-nutar kien sarraf ic-cheque dan ma kienx avvanza dawn il-flus lid-dipartiment tat-taxxi nterni. Minn naha taghna kkonfermajna dan u kkonfermajna wkoll li cheque ta dak l-ammont ta erbatax il elf disa mija u disa euro kien gie ddepositat f'kont bankarju f'isem BERG Ltd immexxi minn nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon.*'

L-Ispettur Gafa prezenta kwerela immarkata bhala 13A mibghuta minn Joseph u Grace konjugi Camilleri dwar li l-appellant approprja ruhu l-ammont ta' €14,909 ewro. Skont l-ittra mmarkata bhala 13D mibghuta minn Romuald Attard ghan-nom tal-Bank of Valletta tnizzel li '*BANIF cheque number 32319 dated 03/03/2010 amounting to € 14,909.00 payable to Notary Pierre Falzon has been deposited in account number 11201601022 held by Mrs Helen aka Elenita Falzon on 04/03/2010..*' Skont l-ittra immarkata bhala 13E, Carmel Briffa Direttur Capital Transfer Duty kitbet lill-Ispettur Gafa' li '*To date such transfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payment was received.*' L-istess kieteb Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty fl-ittra datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2011 fl-ittra mmarkata 13H. John Micallef ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittri datati s-sbatax (17) ta' Ottubru 2011 kiteb li l-att tal-bejgh qatt ma gie registrat il-Capital Transfer Duty parti tad-dipartiment. Din l-ittra hija mmarkata bhala 13F filwaqt li fl-ittra immarkata bhala 13G tnizzel li l-unika capital gains tax li thallas mis-Sur Borg f'Awissu 2005 kien f'Awissu 2005 u ghalhekk ferm qabel Marzu 2010. Patrick Grima Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xhed li '*Nikkonferma l-ittri taghna tat-21st November u ta' 24th June 211, bhala kuntratt qatt ma dahal.*' John Micallef mill-Inland Revenue fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li '*dik ma sibna xejn fuqha.*'

L-**Ispettur Jonathan Ferris** fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Lulju 2016 esebixxa c-certifikat tal-mewt ta' Vincenzo Borg li miet fis-sittax (16) ta' April 2011. Dan jinsab a fol 920. Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Awissu 2016 l-Ispettur Jonathan Ferris esebixxa c-cetifikat tal-mewt ta' Giorgo Borg li miet fil-hmistax (15) ta' April 2014. Dan jinsab a fol 936. Ghalhekk il-bejjiegha msemmija fl-imputazzjoni numru sitta u ghoxrin (26) baqghu ma xehdux.

**Joe Camilleri** fis-seduta tat-tletin (30) ta' April 2015 xehed li '*Jiena kont xtrajt minghand certu Vincent Borg u minghand huh George Borg. Lin-Nutar jien ma kontx nafu pero dawn is-Sinjuri li riedu jbieghu qaluli ahna navdawh u mieghu biss jekk tridna nbieghulek qaluli ahna mieghu biss ghax nafu liil Papa tieghu qaluli mieghu biss. Ghidtilhom la trid hekk naghmlu l-kuntratt bin-Nutar Pierre Falzon, kont naf illi huwa bniedem tal-affari tieghu u kif staqsejt imbaghad gara li gara.*'

Spjega li '*Il-post kien dar antika number 8 Triq il-Bacir Imsida, kif ghamilt il-kuntratt applikajt..anzi diga' kien hemm permess u ergajt applikajt to amend. Bdejt inwaqqa' u bdejt nibni jien. Darba fost l-ohrajn il-mara kienet qed taqra s-Sunday Times u qrat l-isem in-Nutar Pierre Falzon. X'hin indagajt sibt li ma kienx irregistrat il-kuntratt tieghi. Baqa' ma giex irregistrat. Issa jiena kont hallast, hrigt dawn ic-cekkijiet, u bqajt mhux irregistrat, u bnejtu, u m'ghandi xejn.*' Huwa xtara mal-mara tieghu li jisimha Grace Camilleri. Gie esebit il-kuntratt in kwistjoni. Ikkonferma li c-cekk li jinsab immarkat bhala AG29 huwa cekk li kien ghadda lin-Nutar jigifieri bil-boll tieghu u l-boll ta' min kien qed ibeghlu. Dok AG31 huma '*c-cekkijiet li ghaddejt mall-konvenju huma plus is-63,000 u dawk huma c-cekkijiet li hrigt f'isem in-Nutar 14,900 u 63 lil Vince Borg.*' Dok AG32 huwa printout ta' meta ghamel il-konvenju, meta hallas il-1%. Ghamel verifiki fejn ikkonferma li qatt ma gie rregistrat. Dan huwa immarkat bahal AG32. Qatt ma kellu kuntatt man-Nutar ghax ma hass li etika li jkellmu dirett, kien kellem lil Avukat u kien kuntatt mal-avukat tieghu jahseb, u li xi tlett okkazzjonijiet l-avvukat tax-xhud kien gie mwieghed li se jiddepozithom il-flus pero x'hin kien imur jiccekkja l-insinwa kienu jghidulu le mhux veru. Grace Camilleri ma xehditx.

Illi l-kopja tac-cekk li jinsab a fol 337 immarkat bhala AG30 indirizzat lin-Nutar Pierre Falzon huwa fl-ammont ta' €14,909.

**Joseph Fenech** xehed fis-seduta tat-tletin (30) ta' April, 2015 in rapprezentanza tal-Banif Bank dwar il-kopja tac-cekk immarkat bhala AG30 ikkonferma li mahrug mill-kont bankarju ta' Joseph Camilleri. Kif gia inghad irrizulta li dan ic-cekk kien depozitat fil-kont ta' Helen aka Elenita Falzon. Dawn l-ammonti baqghu ma thallsux lura. L-imputazzjoni numru hamsa u ghoxrin (25) tirrizulta pruvata ukoll. L-istess ma jistax jinghad dwar l-imputazzjoni numru sitta u ghoxrin (26) stante li Vincenzo Borg u Giorgio Borg lehqu mietu u ghalhekk ma xehdux. Stante li Joseph Camilleri xehed li huwa kien hallas ukoll it-taxxa tal-vendituri, naturalment Joseph Camilleri jibqalu d-dritt li jagixxi fil-konfront tal-appellant fi proceduri civili sabiex jithallas dak dovut lilu f'dak li jirrigwarda l-imputazzjoni numru sitta u ghoxrin (26) izda din il-Qorti ma tistax tordna li l-ammont imsemmija fl-imputazzjoni sitta u ghoxrin (26) jithallsu lil Joseph sive Joe Camilleri gialadarba ma huwiex imnizzel bhala vittma f'dik l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi l-imputazzjoni sebgha u ghoxrin (27) ukoll tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni indebita, din id-darba fl-ammont ta' €2,915 ghad-dannu ta' Josef Saliba, martu Stefania Saliba u Josef Vella. Filwaqt li l-imputazzjoni numru tmienja u ghoxrin (28) tirrigwarda l-istess reat fl-ammont ta' €4,076 ghad-dannu ta' Francesca Saveria Santucci. L-Ispettur Angelo Gafa fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 spjega li '*Hawnhekk l-investigazzjonijiet stabilew li fis-6 ta' Jannar 2010 Michael Santucci kien dahal f'kuntratt ta' bejgh f'isem ommu Francesca Saveria Santucci u dan sabiex tinbiegh propjeta fil-Gzira. Il-kuntratt kien gie ffirmat quddiem in-nutar Pierre Falzon. Fil-gurnata ix-xerreja Josef Saliba Stefania Saliba u Josef Vella kienu taw lin-nutar zewg cekkijiet wiehed ghal ammont ta erbat elef u sitta u sebghin euro li kien ikopri l-Capital Gainns Tax tal-venditur kif ukoll cheque iehor fl-ammont ta' tliet elef tliet mija u hamsa u sebghin euro li kien ikopri l-bol dovut mix-xerrejja liema bol kien fl-ammont ta elfejn disa mija u hmistax il euro u ghaldaqstant id-differenza kellha tkopri spejjez notarili. Iz-zewg cekkijiet kienu pagabli lin-nutar Falzon. Santucci allega li wara verifikazzjonijiet li kien ghamel huwa stess mal-ufficju tat-taxxi nterni kien gie stabilit li n-nutar qatt ma kien ghadda dawn il-flus lid-dipartiment minkejja li kien sarraf dawn iz-zewg cekkijiet. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kkonfermaw dan u kien gie stabilit li dawn iz-zewg cekkijiet kienu gew depositati f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd immexxi min-nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. Pero fit-tnejn u ghoxrin ta' Novembru 2011 l-ufficcju tat-taxxi nterni kien infurmana li dak il-kuntratt kien gie rregisrat fl-ufficcju taghhom fil-5 ta' Lulju 2011 u il-boll fl-ammont ta elfejn disgha mija u hmistax il-euro kien gie mhallas appropjament. Kien irrizulta wkoll li minkejja li fil-kuntratt li ghamilt referenza ghalih tas-7 ta' Jannar 2010 in-nutar kien iddikjara li kien hemm Capital Gains dovuta ta erbat elef u sitta u sebghin euro meta marru biex jirregistraw il-kuntratt fl-ufficcju tat-taxxi nterni dan kien fil-hamsa ta Lulju 2011 iddikjara li ebda tali taxxa ma kienet dovuta u kien ghamel dikjarazzjoni f'dan is-sens. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li konna ghamilna mal-ufficju tat-taxxi nterni kien jirrizulta li s-soma ta erbat elef sitta u sebghin euro keient filfatt dovuta bhala Capital Gains Tax mill-vendituri.*'

Fl-ittra prezentata mill-Ispettur Gafa immarkata bhala 14E mibghuta minn Romuald Attard ghan-nom ta' Bank of Valletta tnizzel li '*APS cheque number 2 dated 07/01/2010 amounting to € 4,076.00 payable to Dr Pierre Falzon and APS cheque number 3 dated 07/01/2010 amounting to €3,375.00 payable to Dr Pierre Falzon have both been deposited in account number 40010965810 held in the name of ELPIREGA LTD- Reg. No. C28775 on 11/01/2010...*' Tnizzel li l-account holders tal-kont ta' ELPIREGA LTD huma Pierre Falzon u Helen A. Falzon. Fl-ittra immarkata bhala 14F mibghuta minn Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty lill-Ispettur Gafa' datata l-ghoxrin (20) ta' April 2011 tnizzel li '*To date such transfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payment was received.*' Filwaqt li Patrick Grima fl-ittra tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2011 kieteb li '*I hereby confirm that said deed was registered at the Office on 5th July, 2011 and duty amounting to €2915 was paid at this Office.*' Interessanti huwa dak li baghat John Micallef ghan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra datat l-erbgha (4) ta' Ottubru 2011 immarkata bhala 14G fejn tnizzel li '*according to the attached copy of deed of sale, no payments were due to the Inland Revenue Department.*'

**Joseph Saliba** fis-seduta tad-disgha (9) ta' Gunju 2015 xehed li kien xtara post il-Gzira minghand Santucci. Jghid li l-kuntratt ghamlu ghand in-'Nutar Pierre' izda ma jgharfux ghax ghaddew hames snin. Ic-cekk kien biex jithallsu xi bolol ta' meta tixtri. Sussegwentement il-bollol kienu thallsu kollha ghalkemm ma jiftakarx meta. Kien ircieva karta tal-ircevuta. Ma jiftakarx lil min ghamel pagabbli dawn ic-cekkijiet. Martu Stefania ma kellha xejn xi zzid max-xhieda ta' Joseph Saliba.

Josef Vella fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar, 2017 ikkonferma li lejn Jannar 2010 ghamel kuntratt ma' Josef Saliba u l-mara tieghu Stefania fejn kienu qed jixtru proprjeta flimkien. Huwa kienu qeghdin jixtru minghand Michael Santucci, kienu qeghdin jixtru appartament. Dan il-kuntratt sar quddiem in-Nutar Pierre Falzon. Huma hallsu l-bolol lin-Nutar. Lil Pierre Falzon taw cekk ta' 4076 u iehor ta' 3375. Harguhom hu u Josef Saliba. Il-kontijiet ta' Josef Saliba. Kienu qeghdin jistennew li tigi l-karta l-bluna jigifieri l-ircevuta tat-taxxa tal-Inland Revenue u baqghet ma gietx. Siehbu Josef Saliba mar jiccekja u rrizulta li l-kuntratt kien ghadu

ma giex registrat. Jghid li '*Imbaghad kien irnexxielu jikkuntatja lil Pierre Falzon u Pierre Falzon minn naha tieghu qallu dawk ha ndahhalhom*'. Falzon qatt ma kelmu izda wara xi sena il-kuntratt kien insinwat u gew kollox in regola. Din il-propjeta kienu bihhew u rrizulta li kollox kien sew.

**L-ispettur Jonathan Ferris** fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Awwissu 2016 esebixxa c-certifikat tal-mewt ta' Francesca Saveria santucci. Dan jinsab esebit a fol 937. Jirrizulta li Michael Santucci kien deher ghan-nom ta' ommu Francesca Saveria Santucci fil-kuntratt li huwa mmarkat bhala 14A.

**Michael Santucci** fis-seduta tad-disgha (9) ta' Gunju 2015 ikkonferma li kien biegh propjeta f'Manuel Street, il-Gzira. Il-kuntratt tal-bejgh sar ghand in-Nutar Falzon ghalkemm darba biss rah u nesa kif kien. Spjega li '*Huma hallsuni dawn u qatghu t-taxxa li kellna naghtu l-Gvern. Qattawhomli mis-somma sewwa.*' Halsu b'tlett cekkijiet, wiehed tal-HSBC u tnejn APS. Il-4076 huwa cekk number 2 mill-kont bankarju tal-APS f'isem Joseph Saliba. Dawn thallsu lin-Nutar direttament ghax '*hu qatahomli mis-somma li kelli niehu, ghax hu qalli biex ma toqghodtx tmur ghand tat-taxxa naqtawhom bil-lest, u hu geghlu jaghmel cekk pagabbli lilu lin-Nutar.*' Ma kellu l-ebda kuntatt ma' Vella jew man-Nutar wara l-bejgh. Rebecca Micallef li tahdem l-APS Bank Ltd fid-disgha (9) ta' Gunju, 2015 xehdet dwar cekkijiet maruga minn Joseph Saliba u prezentat dokumentazzjoni dwar dan.

**Patrick Grima** fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 kien xehed li '*Santucci bhala venditrici Francesca Saveria Santucci Stefana Saliba kompraturi dawn gew registrati jigifieri thallsu fil-5 ta' Lulju 2011.*' Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2014 Patrick Grima xehed li '*Fl-20 t'April 2011 ahna konna infurmajna lil Economic Crime Unit li dan il-kuntratt ma giex innotifikat imma mbaghad jirrizulta filfatt dan ahna kkonfermajnieh fl-ittra taghna tat-22 ta' Novembru 2011 li l-kuntratt filfatt gie rregistrat l-ufficcju taghna fil-5 ta' Lulju 2011 u stamp duty thallset l-ammont kien ta' 2915.*' Patrick Grima Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 '*il-kuntratt imbaghad gie registrat ghandna fil-5 ta' lulju 2011 u thallset it-taxxa dovuta.*'

Skont id-dokument a fol 566 jirrizulta li l-kuntratt kien gie registrat fil-5 ta' Lulju, 2011 u li '*duty amounting to € 2,915 was paid at this Office.*'

Ghalhekk jirrizulta li c-cekkijiet moghtija lill-appellant kienu gew depozitati fil-kont bankarju ta' ELPIREGA Ltd. Jirrizulta li filwaqt li l-ammont ta' €2,915 thallas lid-Dipartiment il-fuq minn sena wara, jirrizulta li l-ammont ta' €4,076 baqghu qatt ma waslu ghand d-dipartiment u dan rizultat ta' formola maghmulha mill-appellant u cioe' li taht l-Att dwar it-taxxa fuq l-Income fejn tnizzel 'nil'. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-appellant ircieva flejjes ghal ghan specifiku u l-appellant naqas milli jaghmel uzu ta' dawn il-flejjes ghal ghan moghtija lilu u ghalhekk ghamilhom tieghu. Dawn l-imputazzjonijiet ghalhekk jirrizultaw ukoll. Din il-Qorti sejra tordna li l-ammont ta' €4076 mertu tal-imputazzjoni numru tmienja u ghoxrin (28) jithallas lill-eredi ta' Francesca Saveria Santucci stante li Francescs Saveria Santucci hija indikata fuq din l-imputazzjoni bhala vittma izda peress li rrizulta li Joseph Saliba kien hallas dan l-ammont, din il-Qorti tordna l-eredi ta' Francesca Saveria Santucci sabiex jghaddi dan l-ammont lil Josef Saliba, martu Stefania Saliba u Josef Vella indkati fuq l-imputazzjoni numru sebgha u ghoxrin (27) fil-mument li jircievu dan l-ammont.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputazzjoni numru tletin (30) tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' €1,864.13 ghad-dannu ta' Frank Masini u martu Sandra Masini, filwaqt li l-imputazzjoni numru wiehed u tletin (31) tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni in debita fl-ammontta' €5,590 ghad-dannu ta' Josef Muscat. L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*l-investigazzjonijiet stabilew li nhar is-7 ta' Settembru 2010 Frank Masini u martu Sandra Masini kienu dahlu f'kuntratt ta bejgh li dan kien gie ffirmat quddiem in-nutar Pierre Falzon li permezz tieghu kienu akkwistaw proprjeta flimkien fl-Imsida minghand Josef Muscat ghall-ammont ta sitta u erbghin elf euro hames mija u tmenin euro. Dakinhar tal-kuntratt il-koppja Masini kienu hallsu lin-nutar is-somma ta elfejn u disa mitt euro permezz ta cheque liema ammont kien jirraprezenta il-bol dovut fuq dan il-kuntratt, filfatt il-bol dovut kien ta elf tmin mija u erba u sittin euro punt wiehed u tlieta centezmu dan ghal fatt li 1% tal-bol kollu dovut kien gie mhallas mal-*

*konvenju. Filfatt il-bol kollu dovut kien elfejn tliet mija u tletin euro 1% tieghu kien gie mhallas mal-konvenju fl-ammont ta 465.87 Euros. Hawnhekk Masini allega, kien ghamel verifikazzjonijiet u kien irrizultalu li dan il-hlas qatt ma kien gie mghoddi lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni filwaqt li c-cheque kien gie msarraf. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu kkonfermaw dan, kien gie stabilit li c-cheque ta elfejn u disa' mitt euro kien gie depositat f'kont bankarju f'isem PERG Ltd immanigjat minn nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. Aktar investigazzjonijeit tal-pulizija ddeterminaw li fl-istess gurnata tal-kuntratt il-venditur kien ukoll hallas is-somma ta hamest elef hames mija u disghin euro fi flus kontanti lin-nutar u dan sabiex in-nutar ihallas il-Capital Gains Tax f'ismu. L-istess investigazzjonijiet tal-pulizija ddeterminaw l-ammont allegatament mghoddi lin-nutar qatt ma kien gie mghodi lid-dipartiment tat-taxxi nterni. Anzi kien jirrizulta li fiwlaqt li fil-kuntratt in-nutar kien iddikjara li l-Capital Gains Tax dovuta kien ta hamest elef hames mija u disghin euro, meta rregistra l-kuntratt mal-ufficcju tat-taxxi nterni kien iddikjara fit-8 ta' Gunju 2011 li ebda tali taxxa ma kienet dovuta fuq dan il-kuntratt meta fil-kuntratt iddikjara l-ammont tal-Capital Gains Tax kemm kien pero meta mar jirregistrah iddikjara li ma kinitx dovuta. U ukoll konna nghatajna din id-dikjarazzjoni u minn verifici li ghamilna mal-ufficcju tat-taxxi nterni kien jirrizulta li dik is-somma ta hamest elef hames mija u disghin euro kienet filfatt dovuta bhala Capital Gains Tax mal-venditur. Susegwentement nhar it-22 ta' Novembru 2011 l-ufficcju tat-taxxi nterni kien infurnana li dak il-kuntratt kien gie rregistrat fl-ufficcini taghhom fit-8 ta' Gunju 2011 u l-istamp duty l-bol allura ta 1864.13 Euros kienet giet mhallsa u kif spjegajt qabel ghal fatt li n-nutar kien ghamel dik id-dikjarazzjoni ebda Capital Gains Tax ma kienet giet mhallsa.'*

Spjega ukoll li '*Muscat kien fis-26 ta' Dicembru 2011 tkellem mal-pulizija fejn dan rega kkonferma l-allegazzjonijiet li kien ghamel in precedenza u cioe' li kien ghadda l-flus lin-nutar, u nnega li qatt xi darba tah xi struzzjonijiet sabiex jaghmel dikjarazzjonijiet foloz f'ismu mal-ufficcju tat-taxxi nterni u dan ghaldaqastant qalila kif certament li ha jaghmel li kien lest li jaghmel dan kollu, jixhed dan kollu bil-gurament.*'

Fl-ittra prezentata mill-Ispettur Gafa' datata l-hamsa (5) ta' Mejju 2011 immarkata bhala 15F Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kiteb li sa dakinhar ma kienx gie prezenta l-att ta' trasferiment u lanqas pagament. Filwaqt li fl-ittra immarkata bhala 15H datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2011 Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty kiteb li '*I*

*hereby confirm that said deed was registered at this Office on 8th June, 2011 and duty amounting to € 1,864.13 was paid at this Office.*' Filwaqt li fl-ittra datata 15G John Micallef ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra datata l-erbgha (4) ta' Ottubru 2011 tnizzel li '*Kindly note that further to our letter of the 23rd September 2011, and according to the attached copy of deed dated 7th September 2010,* ***no payments were due to the Inland Revenue Department.'*** (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti.) Patrick Grima ghad-Dipartiment tat-Taxxi, Capital Transfer Duty fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li '*L-istess ta Josef Muscat bhala venditur u Frank Masini kompratur dawn thallsu fit-tmienja ta Gunju 2011.*' Patrick Grima fit-tlettax (13) ta' Marzu 2014 xehed li '*Fil-5 ta' Mejju 2011 ahna nfurmajna l-Economic Crime Unit li dan il-kuntratt ma kienx gie pprezentat l-Ufficcju taghna biss imbaghad fit-8 ta' Gunju 2011 il-kuntratt gie registrat u stamp duty thallset kienet tammonta ghal 1864 Euros and 13 cents.*' Patrick Grima Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 li '*fit-22 ta' Novembru 2011 ikkonfermajna li l-kuntratt filfatt dahal.*'

**Frank Masini** xehed fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena 2016 spjega li xtara proprjeta u nzerta li n-Nutar kien l-appellant. Il-propjeta' kienet Bishop Caruana Street, Imsida. Wara li qara dwar in-Nutar fil-gazzetta '*L'ghada filghodu kien it-Tnejn mort ghand in-Nutar tal-Gvern u ghidtlu isma ccekja dan il-proprjeta' gietx irregistrata, qalli le mhix.*' Mar id-Depot jaghmel statement u jghid li minn dakinhar l'hawn gie rregistrat. Id-difiza ezentat lil-prosekuzzjoni milli ttela lil Sandra Masini bhala xhud. Thallas bejn wiehed u iehor xi sena u nofs wara, '*jien kont incempillu, cempiltlu ta' spiss, qalli jien nirrangalek, ghadda z-zmien u gejna clear.*'

**Josef Anthony Muscat** fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar 2017 xehed li kien biegh post fl-Imsida. Jahseb li dan kien xi tmien snin ilu. Jghid li kien jixtri u jbiegh bl-appellant. Kienu ghamlu l-konvenju u mbaghad kienu ghamlu r-ricerka, xoghol ta' Nutar u mbaghad waslu ghal kuntratt. Ma jiftakarx kemm kien twil il-konvenju. Hu hareg il-parti tieghu tat-taxxa u l-iehor hareg il-parti tieghu. Ma jiftakarx il-prezz. Hallas cash. Kien cempillu Frankie Masini xi xahrejn, tliet xhur jew ma jafx kemm wara qallu li kollox all right, li rregistrah. Ma jafx kienx wara 8 xhur jew wara sena. Joseph Muscat xehed fit-tletin (30) ta' Jannar 2020 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn qal li l-kuntratt ghamlu ma certu Frankie Masini, jghid li

thallsu mill-ewwel. Jghid li '*Iva kien ħallashom in-nutar iva għax mingħalija meta kont xhedt kienu diġa tħallsu.*' Mistoqsi jekk illum ma ghandu jiehu xejn wiegeb li le xejn. In kontro-ezami mistoqsija minn min gew settled, jekk minnu jew minn hadd iehor wiegeb '*Le hu ħallashom.*' Spjega li '*Iva ħallashom hu għax l-Għawdxi li kien xtara l-flat min għandi kien ċempilli u qalli hemm hekk kollox sewwa tħallsu għax la jiena u lanqas l-Għawdxi ma ħallasnihom allura naħseb li hu ħallashom.*' Mistoqsi jafx bic-cert jekk hu jew persuna ohra hallashom wiegeb li ma jafx.

**Audrey Ghigo** in rapprezentanza ta' HSBC Bank (Malta) plc xehdet fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Lulju 2015 li prezentat cekk image datat is-sebgha (7) ta' Settembru 2010 mahrug minn Francis Masini u intestat f'isem 'P Falzon'. Dan jinsab a fol 392 u mmarkat bhala AG38. Romuald Attard mill-Bank of Valletta fl-ittra datata l-ghoxrin (20) ta' Lulju 2011 immarkata bhala 15E kieteb li '*With reference to your letter dated 16/06/2011, please be advised that HSBC cheque number 1749 dated 07/09/2010 amounting to € 2,900.00 payable to P Falzon has been deposited in account number 11201601022 held by Mrs Helen aka Elenita Falzon on 09/09/2010.*'

Ghalhekk jirrizulta li r-reat jissusti fl-ammont ta' €1,864.13 ghad-dannu ta' Frank Masini u martu Sandra Masini mertu tal-imputazzjoni numru tletin (30) stante li rrizulta li c-cekk fl-ammont ta' €2,900 gie deposit mill-appellant fil-kont bankarju f'isem Helen aka Elenita Falzon izda fejn sussegwentement dan ma thallas lid-Dipartiment u cioe' ghal ghan moghti lill-appellant. Kien wara li sar ir-rapport mal-Puliizja li l-kuntratt gie registrat. Ghalhekk jirrizulta li dan l-ammont illum il-gurnata ma ghadux dovut. F'dak li jirrigwarda l-imputazzjoni numru wiehed u tletin (31) fejn il-vittma huwa indikat bhala Josef Muscat, baqghet ma tressqitx prova li l-ammont mghoddi lill-appellant gie appropprjat minnu u cioe' ma tressqitx prova ta' conversion u cioe' li l-appellant dawwar dan l-ammont bi profit ghalih jew ghal haddiehor. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma tirrizultax.

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni numru tnejn u tletin (32) tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni indebita fl-ammont ta' €3,350 ghad-dannu ta' Clayton Agius u martu Josianne Agius. Filwaqt li l-imputazzjoni numru tlieta u tletin (33) tirrigwarda l-istess reat, izda din id-darba fl-ammont ta' €698.81 ghad-dannu ta' Clayton Agius u martu Josianne Agius. L-**Ispettur Angelo Gafa** xehed fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 li '*l-investigazzjonijiet tal-pulizija stabillew li nhar it-12 ta' Dicembru 2008 Josianne Agius u r-ragel taghha Clayton Agius kienu ffirmaw kuntratt ta trasferiment quddiem in-nutar Pierre Falzon li permezz tieghu kienu akkwistaw appartament f'Santa Venera li kienu xtrawh fl-ammont ta' tnejn u sittin elf, sitt mija u wiehed u sittin euro minghand Catania and Sons Ltd li kienu qed jirraprezentaw, anzi li kienet qed tigi rraprezentata minghand id-Direttur Michael Catania. Fid-data tal-kuntratt il-koppja Agius kienu hallsu lin-Nutar is-somma ta' tliet elef, tliet mija u hamsin euro u dan sabiex ihallas il-bol dovut. Agius allegat li wara li kienet ghamlet l-verifikazzjonijiet mad-dipartiment tat-taxxi nterni kien jirrizultalha li minkejja li n-nutar kien sarraf ic-cheque dan ma kienx hallas il-flus dovuti lil ufficcju tat-taxxi nterni. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kkonfermaw dan u gie stabbilit cheque fl-ammont ta' tliet elef tliet mija u hamsin euro kien gie depositat f'kont bankarju f'isem Elpirega Ltd mmexxi minn nutar Pierre Falzon u martu Helen Falzon. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kkonfermaw ukoll li minkejja li fid-data tal-konvenju lin-nutar kienu ghaddewlu s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin euro punt tmienja wiehed centezmi f'cash sabiex ihallas il-1% stamp duty f'isimhom ebda tali pagament ma kien gie mhallas lil ufficcju tat-taxxi nterni. Aktar minn hekk minkejja d-dikjarazzjoni tan-nutar li l-venditur kellu jhallas is-somma ta' disgha t'elef, disa' mija u tmintax il-euro bhala Capital Gains Tax liema dikjarazzjoni kienet saret fil-kuntratt ebda tali flus ma kienu gew avanzati lin-nutar mill-venditur u allura wisq inqas ghaddew ghand l-ufficcju tat-taxxi nterni. Hawnhekk sa dan iz-zmien jirrizulta li kienu ghdhom mhux imhallsin.*'

Romuald Attard mill-Bank of Valletta fl-ittra datata l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2011 kiteb li '*cheque number 1 dated 12/12/2008 amounting to € 3,350.00 and payable to P Falzon. This cheque has been deposited in account number 40010955422 held by ELPIREGA Ltd - Reg. No. C28775.*' Tnizzel li '*the account holders of ELPIREGA LTD are Not. Pierre*

*Falzon holder of ID Card No. 535060M jointly with Mrs Helen Falzon holder of ID Card No. 506761M.'*

Fl-ittra prezentata mill-Ispettur Gafa immarkata bhala 16D Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty datata t-tieni (2) ta Mejju 2011 kiteb '*To date such transfer deed was not presented at this Office and naturally no relative payment was received.*' Fl-ittra immarkata bhala 16F datata l-hamsa (5) ta' Dicembru 2011 Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty rega informa lil Ispettur Angelo Gafa' li la l-att ta' trasferiment u lanqas il-pagament kien ghadu ma sarx. Fl-ittra mmarkata bhala 16E John Micallef ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni kienet fl-erbgha (4) ta' Ottubru 2011 kiteb li '*this contract dated 12th December 2008, (according to your letter), was never registered at the Capital Transfer Duty and so this department has no further information about this case.*' **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 li '*Nikkonferma l-ittra taghna tat-2 ta' Mjju 2011 u 5 ta' Dicembru fejn il-kunratt ghadu ma giex registrat.*' John Micallef mill-Inland Revenue fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li ma sabu xejn jigifieri ma kienx hemm dokumenti ta' bejgh, ma ghandhom xejn.

**Clayton Agius** fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru 2015 xehed li kienu ghamlu konvenju biex jixtru flat gewwa Santa Venera, mbaghad ghamlu l-kuntratt il-Bank of Valletta, il-Belt. L-ilment tieghu kien fl-elfejn u ghaxra (2010) kienu nqatalu madwar mitejn ewro mill-Bank, cempel u qalulu li dawn ghax il-bank fees regghu thallsu. Qalulu ghax il-kuntratt u l-bollol baqghu ma thallsux. Illum ghadu mhux imhallas. Fuq il-kuntratt kien ghamillu cekk biex ihallaslu l-bollol u ma jafx it-taxxi kienux inkluzi pero ghandu kopja tac-cekk u l-mamma originali. L-ammont kien ta' tlett'elef, tlett mija u hamsin ewro. Mahrug mill-kont tieghu u tal-mara, jghid li dak iz-zmien kienu ghadhom gharrajjes. Ma ghandux kuntatt man-Nutar illum il-gurnata, l-ahhar li rah fl-2008 meta ghamlu l-kuntratt. Ma setgha jaqbdu mkien, anke fittxu fit-tliet ufficini li kellu gewwa l-Belt, ir-Rabat u H'Attard, ma sabu mkien.

**Josianne Agius** fl-istess seduta kkonfermat dak li xehed ir-ragel taghha. Dokument CA huwa c-cekk li '*In-Nutar Pierre Falzon ghamel lilu nnifsu biex minghalina ha jhallsilna l-bollol. Ic-cekk issarraf u l-post ghadu mhux insinwat fuqna.*' Tghid li quddiemhom

ghamel il-kuntratt u ghamel ic-cekk tal-ispejjez tieghu. Dak ic-cekk tal-bollol u tal-ispejjez tieghu 1800, cekk separat.

John Micallef  mill-Inland Revenue fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru 2015 dwar din it-transazzjoni ma ghandu xejn id-dipartiment, jigifieri l-bejgh mhuwiex irregistrat.

**Malcolm Catania** quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Novembru 2019 direttur ta' Catania & Sons ikkonferma li rcieva l-ircevuta jigifieri thalsu lil tat-taxxa. L-ammont kien ta' €9918 ewro. Huwa prezenta kopja tal-ircevuta. Qal li r-rapport ma ghamlux huwa u lanqas missieru.

Josianne Agius xehdet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Novembru 2019 fejn qalet li l-ammont kien ta' €3,350 u li qatt ma haduhom. Cahdet li rceviet pagament ta' xi €700. Mistoqsija mill-Avukat '*Biex inkun korrett mas-Sinjura mhux lilhom imma ħallas ghax dan kien fuq 1per cent dan tal-konvenju. Effettivament ħallas parti minnhom, ħallashom CIR jiġifieri huma jkunu rċevew irċevuta ta' dak il-pagament.*' Hi caħdet li rcievet ircevuta ta' €700.  Clayton Agius ukoll xehed quddiem din il-Qorti fejn qal li kellu xi haga fuq it-3,000 x'jiehu, in-Nutar ma hallsux jghid li '*kelli nerġa' nħallashom jiena biex il-post jinqaleb fuqi.*'  Huwa cahad li inghata lura €700 minn din is-somma u mistoqsi dwar jekk ircieva ircevuta minghand il-Kummissarju tat-Taxxi, wiegeb li '*Le jiena li ħallast jiena eġajt irċivejt biss ta' tlett t'elef...*'

Ma jirrizultax li Josianne Agius u Clayton Agius gew rifuzi l-ammonti mhallsa. Jirrizulta li c-cekk ammontanti ghal €3350 gie depozitat fil-kont ta' ELPIREGA LTD. L-Ispettur Gafa spjega kif l-ammont ta' € 698.81 kien thallas fi flus kontanti bhala 1% stamp duty izda din ma thallsitx.  Fil-kopja tal-kuntratt  esebiet mill-Ispettur Gafa u mmarkat bhala 16A tnizzel li '*It-taxxa fuq dokumenti fuq dan il-kuntratt tammonta ghas-somma ta' tlett elef tlett mija u hamsin euro (Euro3,350) li minnhom ix-xerrejja gja hallsu t-taxxa fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin Ewro centezmi (Euro698.81), ricevuta numru 164792 u l-bilanc qieghed jithallas presentement.*' Jirrizulta izda li c-cekk datat it-tnax (12) ta' Dicembru 2008 li kopja tieghu tinsab esebita  mad-dokumenti immarkat 16B esebit mill-Ispettur Gafa' ghandu l-istess data tal-kuntratt

esebit mill-Ispettur Gafa u mmarkat bhala 16A u cioe' kien fl-ammont ta' €3350 u ghalhekk stante li ma tressqet l-ebda prova li l-ammont ta' €698.81 imsemmi fil-kuntratt wasal ghand id-Dipartiment ma ngabitx. Ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib htija tal-imputazzjoni enumerata tnejn u tletin (32) u sejra tordna r-rifuzjoni tal-ammont ta' €3350 izda mhijiex issib htija tal-imputazzjoni tlieta u tletin (33) u dan stante li ma tressqitx prova sufficenti li l-appellant approprja ruhu minn dak l-ammont u cioe' ta' €698.81

Ikkunsidrat;

Illi l-imputazzjoni erbgha u tletin (34) tirrigwarda r-reat ta' approprjazzjoni in debita fl-ammont ta' €4895 ghad-dannu ta' George Zarb u martu Mary Astrid Zarb filwaqt li l-imputazzjoni hamsa u tletin (35) tirrigwarda l-istess reat, din id-darba fl-ammont ta' €10,890 ghad-dannu ta' Paola Cassar, Maria Concetta Licari, Anthony Cassar, Georgette Ferranti, Anna Hili u Joseph Cassar. L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 spjega li '*fil-5 ta' Awwissu 2010 George Zarb kien xtara 2/5 tal-propjeta t'ommu minghand zitu tar-rispett Paola Cassar u wlieda. Hawnhekk kienu thallsu l-ammont ta' sitta u tmenin elf disgha mija u erbghin euro punt sitta tmienja centezmi lil Zarb u Cassar ghax xiri ta' din il-propjeta. George Zarb allega li minkejja li kien ghadda zewg cekkijiet ta' 4895 Euros u 10,890 Euros sabiex ihallas l-istamp duty u l-Capital Gains Tax dovuti c-cekkijiet kienu msarrfa imma d-departiment tat-taxxi nterni qatt ma rcieva dawn il-flus u ghaldaqstant il-kuntratt qatt ma gie rregistrat u ahna minn naha taghna stabilejna dan kollu u sibna li dawn ic-cekkijiet kienu gew depositati f'kont bankarju f'isem Helen Falzon mart in-nutar Pierre Falzon.*' L-Ispettur Gafa prezenta ittra mibghuta minn Romuald Attard immarkata bhala 17B fejn tnizzel li:

'*With reference to your letter dated 17/04/2011, enclosed please find three original BOV cheques number 1651, 1652 and 1653 all dated 05/08/2010 amounting to €10,980.00, €4,895.00 and €1,650.00 respectively and all payable to Not. P. Falzon. Please note that original cheque number 1532 dated 27/11/2008 amouting to €7,000.00 has been destroyed since one year has elapsed, however I am attaching a cheque image.*

*Please be advised that cheque numbers 1651, 1652 and 1532 have been deposited in account nunber 11201601022 held in the name of Mrs Helen aka Elenita Falzon holder of ID Card No. 506761M on 06/08/2010 and 02/12/2008 as per attached statements whilst cheque number 1653 has been deposited in a VISA Platinum Card number 4188750001777065 held by Mrs Helen Falzon on 11/08/2010 and 02/12/2008 as per attached statements whilst cheque number 1653 has been deposited in a VISA Platinum Card number 4188750001777065 held by Mrs Helen Falzon on 11/08/2010. This card is supplementary to main card number 4188750001777057 held by Dr Pierre Falzon holder of ID Card No. 535060M.*'

Patrick Grima, Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfer Duty permezz ta' ittra datata l-ghoxrin (20) ta' April 2011 immarkata bhala 17F u l-ittra datata l-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) immarkata bhala 17G kieteb li '*To date such transfer deed was not presented at this Office and naturally n relative payment was received.*' John Micallef ghall-Kummissarju tat-Taxxa Interni fl-ittra datata t-tmintax (18) ta' Lulju 2011 immarkata bhala 17H kieteb li '*Copies from our virtual file of Messrs Joseph Cassar 391577 (M) and Anthony Cassar 114464 (M) is the only correspondence we have and still do not indicate that a contract took place.*' **Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 '*ghalkemm ahna fl-20 t'April 2011 konna ghidna li ma giex registrat il-kuntratt u anki fil-5 ta' Dicembru fiflatt dan imbaghad gie registrat fil-11 t'Ottubru 2012*'

**George Zarb** fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru 2015 xehed li '*In-Nutar nafu fuq diversi kuntratti li ghamilna minn dejjem, imma rrizulta li dan l-ahhar ghamilt zewg propjetajiet u rrizulta li dawn it-tnejn li huma ma gewx registrati. Wiehed minnhom xtrajtu fit-27 ta' Novembru tat-2008 u l-iehor xtrajtu fil-5 t'Awwissu 2010. Meta ghamilt ricerka ghax ma bdejtx nircievi karti kkonfermajt mieghu ghaliex ma kontx qed nircievi l-ircevuti, u kien qalli dawk mhux dejjem tircivihom. Imbaghad irrizulta li ghamilt kuntratt iehor fl-2010 u hemmhekk bdejt naghmel ir-ricerka tieghi u harget anki fil-media, u mort naghmel kwerela u ghamilt anki rapport lil Pulizija. Barra minn hekk ghamel xi zmien ma kienx qieghed hawn Malta u wara li gie bdejt incempillu u nigri warajh kuljum immur l-ufficju tieghu. Kien hemm certu wiehed Mark jiehu hsieb dawn l-affarijiet, gabli kaxxa qalli hawn George inti*

*mhux ta' wiehed ghandek problema imma ta' tnejn ghax it-tnejn li huma mhux irregistrati. Bdejt insus wara Pierre avvicinajtu mbaghad wara hafna zmien ghaddew xi sentejn jien bdejt insus li rrid nirregistrhom dawn il-kuntratti ghax mort nicekkja u qaluli qisek m'ghandek xejn, u hekk ghamilt ridt nirregistrhom. Imbaghad jiena hadt loan mill-Bank fejn ghamilt, f'tal-Qawra ghax jien hallast kemm tieghi, t-taxxa tieghi u anki t-taxxa ta' min beghli, jigifieri hallast taz-zewg partijiet li huma dovuti tal-Gvern. Fuq tal-Qawra jien hallast 16,773 Euro, u fuq ta' Santa Venera hallast 15,785. B'dan kollu jiena man-Nutar Pierre ghamilna kuntratt fl-2012 fejn hu qabel li ghandu jtini ha nghidhom bl-Ingliz, 32,558 Euros. Hu ffirma kuntratt u ffirmajnieh li wara dan iz-zmien ta' tmin xhur ha jtihomli lura.'* Dok GZ jinsab a fol 447 et sequitur. Dan huwa l-boll taz-zewg kumplessi mhux tieghu biss izda anke minghand min xtara. Ic-cekk minghalih li dejjem f'ismu kien mhux CIR. Id-drittijiet tan-Nutar huma separati.

**Mary Astrid Zarb** xehdet fit-tlieta (3) ta' Dicembru 2015. Hija kkonfermat ix-xhieda ta' zewgha. Ghalkemm fl-ahhar kuntratt qal li se jhallashom fi zmien tmien xhur baqa qatt ma hallas xejn, lanqas kellimhom. Georgette Ferranti fl-istess seduta qalet li l-propjeta kienet tan-nanna izda kienet toqghod iz-zija ta' missierha, din kienet fi triq il-Kanun, Santa Venera. Resqu ghal kuntratt hi, Twanny Cassar, Connie Licari, Joseph Cassar, Anna Hili u ommha Paola Cassar. Ghamluh quddiem l-appellant. Kienu bieghu l-proprjeta lil George Zarb u Astrid Zarb. Ma tiftakarx li ghamlet cekk izda tahseb li nqatghu mill-flus li kellhom jiehdu. Dan kien f'Awissu 2010. Qatt ma kien hemm kuntatt man-Nutar Falzon jew ma Zarb. Maria Concetta Licari kkonfermat din ix-xhieda u qalet li ma kellix kkopja tal-kuntratt. Anthony Cassar ukoll ikkonferma x-xhieda tas-Sinjura Ferranti. Skont il-verbal tas-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) Dr Sciriha ezenta l-Prosekuzzjoni bhala xhieda f'dan il-kaz lil Anna Hili, Joseph Cassar u pawla Cassar salv kull kontro-ezami li jista jkun hemm il-htiega tieghu u dan minhabba '*l-fatt li kien kollha ffirmatarji tal-kuntratt tal-5 ta' Mejju 2010 ma' George u Mary Astrid Zarb.*'

**Joanna Bartolo** in rapprezentanza ta' Bank of Valletta fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru 2015 ikkonfermat zewg cekkijiet mahruga fil-hamsa (5) ta' Awissu 2010 mill-kont ta' George u Astrid Zarb, wiehed €4,895 u l-iehor €10,890. Esebiet kopja ta'

dawn ic-cekkijiet. Dawn gew depositati flimkien ma depozitu iehor filfatt spjegat li '*dawk iz-zewg cekkijiet kienu parti minn deposit l-ammont kien 15,995 fis-6 t'Awwissu 2010, kienu dawk iz-zewg cheques deposit u ammont iehor cheque ta' 210 ta' terzi.*' L-istatement gie immarkat bhala JB2. Il-kont qieghed f'isem Helen known as Elenita Falzon.

Ghalhekk jirrizulta li l-ammonti dovuti lil George Zarb u Astrid Zarb baqghu ma thallsux lilhom u li minkejja li sar ftehim u cioe' Kostituzzjoni ta' Debitu fejn l-appellant u martu Helen Muscat ikkostitwew ruhhom bhala debituri, dan huwa datat it-tmienja (8) ta' Ottubru 2012 li jinsab a fol 447 sabiex dan imhallas jinghata lura lilhom, baqghu ma rcevewx dawn l-ammonti. A fol 636 et sequitur giet prezentata l-formola dwar ir-registrazzjoni ta' dan l-att, fejn hemm anke indikat li thallas €10,890 izda ma jirrizultax jekk kienu il-persuni indikati fl-imputazzjoni hamsa u tletin (35) tant li George Zarb xehed li kellu jerga jhallas dak dovut minnu u anke mill-venditur. Stante li jirrizulta li kemm l-ammonti mertu tal-imputazzjoni numru erbgha u tletin (34) u lanqas dawk mertu tal-imputazzjoni numru hamsa u tletin (35) ma thallsux lura, din il-Qorti sejra tordna lill-appellant ihallas lil George Zarb u martu Mary Astrid Zarb l-ammont ta' €4,895 filwaqt li l-ammont ta' €10,890 mertu tal-imputazzjoni numru hamsa u tletin (35) ghandhom jithallsu lil Paola Cassar, Maria Concetta Licari, Anthony Cassar, Georgette Ferranti, Anna Hili u Joseph Cassar stante li huma biss indikati bhala vittmi f'din l-imputazzjoni b'dan li fil-mument li jircievu din is-somma lura, ghandhom jghaddu din l-istess somma lil George Zarb u Mary Astrid Zarb li ghaddew ic-cekk b'dik is-somma lill-appellant.

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni numru sitta u tletin (36) ukoll tirrigwarda r-reat ta' appropjazzjoni in debita din id-darba fl-ammont ta' €5,592.38 u ghad-dannu tal-istess George Zarb u martu Mary Astrid Zarb, filwaqt li l-ahhar imputazzjoni u cioe' bin-numru sebgha u tletin (37) tirrigwarda l-istess reat fl-ammont ta' €16,771 ghad-dannu ta' Prestige Apartments Limited.

L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*L-istess Gorg Zarb kien ghamel rapport iehor fejn dan spjega li fis-27 ta' Dicembru 2008 hu u l-mara tieghu kienu xtraw appartament fil-Qawra fi Prestige Appartments Ltd ghall-ammont ta' 139,762 Euros. Allega li minkejja li kien ghadda c-cheque ta' sebat elef euro lin-nutar Pierre Falzon sabiex ikopri l-istamp duty filfatt il-bilanc, ghaliex mill-ammont ta' sebat elef kien ga thallas l-ammont ta' 1397.62 bhala 1% deposit kif ukoll spejjez notarili dan qatt ma gara u cioe qatt m'ghaddew il-flus ghand id-dipartiment tat-taxxi nterni u l-kuntratt qatt ma gie nsinwat. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kkonferaw dan kollu fejn kien gie stabilit li c-cheque kien gie depositat f'kont bankarju f'isem Helen Falzon mart in-nutar Pierre Falzon. Aktar investigazzjonijiet tal-Pulizija stabbilew li f'dan il-kaz il-vendituri kienu wkoll ghaddew cheque ta' sittax il-elf seba' mija u wiehed u sebghin euro lin-nutar Pierre Falzon sabiex dan ihallas il-Capital Gains Tax f'isimhom, pero sibna ahna li l-ammont propjament dovut bhala Capital Gains Tax fuq dan il-kuntratt kien ta disat elef seba mija u tlieta u tmenin euro punt tlieta erba' centezmi u minkejja dan kollu qas biss dahal pagament fl-ufficcju tat-taxxi nterni mentri c-cheque kien gie depositat f'kont bankarju f'isem El Pirega Ltd li jappartjeni lin-nutar Pierre Falzon u lil martu Helen Falzon.*'

L-Ispettur Gafa prezenta ittra mibghuta minn Lombard immarkata bhala 17J fejn mal-ittra gie prezentata cekk fl-ammont ta' €16, 771 ewro datata s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2008 mahrug mill-kont numru 0005901927 pagabbli lil Dr. Pierre Falzon. Romuald Attard fl-ittra datata s-sebgha (7) ta' Dicembru 2011 immarkata bhala 17l kieteb li '*Lombard Bank cheque number 1664 dated 27/11/2008 amounting to €16,771.00 payable to Dr Pierre Falzon has been deposited in account number 40010955422 held by ELPIREGA Ltd A/C Drafts - Reg. No. C28775.*' In oltre' inkieteb l*i* '*account holders of ELPIREGA LTD are Notary Pierre Falzon holder of ID Card No. 535060M and Mrs Helen Falzon holder of ID Card No. 506761M.*' Skont ic-cekk image, dan ic-cekk inhareg minn Carlo u Maria Assunta Galea.

Patrick Grima Assistent Direttur (Assessments) Capital Transfers Duty fl-ittriipprezentati mill-Ispettur Gafa' datati l-ghoxrin (20) ta' April 2011 immarkata bhala 17M u l-hamsa (5) ta' Dicembru, 2011 immarkata bhal 17O kieteb li l-att ta' trasferiment baqa mhux prezentat l-ufficju u lanqas il-pagament relattiv. John

Micallef ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittra tat-tmintax (18) ta' Lulju 2011 immarkata bhala 17N prezentata mill-Ispettur Gafa' kiteb li ma hemmx records li sar at ta' bejgh bejn Mark Galea jew Prestige Apartments Limited bhala vendituri u George Zarb u Mary Astrid Zarb bhala xerrejja. Kieteb li skont il-Virtual file taghhom, il-Capital Gains tax ma thallsitx la mis-Sur Galea u lanqass minn Prestige Apartments Limited.

**George Zarb** fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru 2015 xehed li 'I*n-Nutar nafu fuq diversi kuntratti li ghamilna minn dejjem, imma rrizulta li dan l-ahhar ghamilt zewg propjetajiet u rrizulta li dawn it-tnejn li huma ma gewx registrati. Wiehed minnhom xtrajtu fit-27 ta' Novembru tat-2008 u l-iehor xtrajtu fil-5 t'Awwissu 2010. Meta ghamilt ricerka ghax ma bdejtx nircievi karti kkonfermajt mieghu ghaliex ma kontx qed nircievi l-ircevuti, u kien qalli dawk mhux dejjem tircivihom. Imbaghad irrizulta li ghamilt kuntratt iehor fl-2010 u hemmhekk bdejt naghmel ir-ricerka tieghi u harget anki fil-media, u mort naghmel kwerela u ghamilt anki rapport lil Pulizija. Barra minn hekk ghamel xi zmien ma kienx qieghed hawn Malta u wara li gie bdejt incempillu u nigri warajh kuljum immur l-ufficju tieghu. Kien hemm certu wiehed Mark jiehu hsieb dawn l-affarijiet, gabli kaxxa qalli hawn George inti mhux ta' wiehed ghandek problema imma ta' tnejn ghax it-tnejn li huma mhux irregistrati. Bdejt insus wara Pierre avvicinajtu mbaghad wara hafna zmien ghaddew xi sentejn jien bdejt insus li rrid nirregistrhom dawn il-kuntratti ghax mort nicekkja u qaluli qisek m'ghandek xejn, u hekk ghamilt ridt nirregistrhom. Imbaghad jiena hadt loan mill-Bank fejn ghamilt, f'tal-Qawra ghax jien hallast kemm tieghi, t-taxxa tieghi u anki t-taxxa ta' min beghli, jigifieri hallast taz-zewg partijiet li huma dovuti tal-Gvern. Fuq tal-Qawra jien hallast 16,773 Euro, u fuq ta' Santa Venera hallast 15,785. B'dan kollu jiena man-Nutar Pierre ghamilna kuntratt fl-2012 fejn hu qabel li ghandu jtini ha nghidhom bl-Ingliz, 32,558 Euros. Hu ffirma kuntratt u ffirmajnieh li wara dan iz-zmien ta' tmin xhur ha jtihomli lura.*' Dok GZ jinsab a fol 447 et sequitur. Dan huwa l-boll taz-zewg kumplessi mhux tieghu biss izda anke minghand min xtara. Ic-cekk minghalih li dejjem f'ismu kien mhux CIR. Id-drittijiet tan-Nutar huma separati.

**Mary Astrid Zarb** xehdet fit-tlieta (3) ta' Dicembru, 2015. Hija kkonfermat ix-xhieda ta' zewgha. Ghalkemm fl-ahhar kuntratt qal li se jhallashom fi zmien 8 xhur baqa qatt ma hallas xejn, lanqas kellimhom.

**George Zarb** rega xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Jannar 2016 li '*Dan kien fit-2008, u xtrajna post iehor Santa Venera kien 2010 il-kuntratt sar mieghu wkoll imma taxxi tal-bol ma thallsux. Wara dan ghamilna kuntratt bejnietna fejn ftehmna li hu l-ammonti tat-taxxa kienu jammontaw titeghi u tal-ohrajn ukoll kienu 32,558 u dan sar kuntratt fit-2012 u kellu jhallasni fi zmien tmin xhur. Issa dak ghaddew tliet snin u nofs u jekk ma jhallasnix fi zmien tmin xhur kien hemm imghaxx ta' 8% fejn illum telghu xi 8000 ohra jigifieri 8491 sa to date illum. Issa dan il-kuntratt xorta m'onorahx u speci kien hemm qbil bejnietna li naghmlu dan il-kuntratt u jhallasni fi zmien tmin xhur. Hu ghamilna qbil bejnietna kien diga hallasni kollox hu kien hemm Helen dahhalli kollox hu bil-flus tieghi u ghamilli karta mill-Bank*'. Helen Falzon is-Sinjura ta' Pierre u giet mieghu dahhlu l-flus u prezentaw l-flus dakinhar, hallsu kollox it-taxxi. Spjega li '*Hallasthom jien mela hallasthom doppjament jien il-flus. Infatti hu ghamilli karta biex ingibhom mill-Bank ukoll.*' Prezenta din bhala GZZ u kopja tal-kuntratt bhala GZZ1.

**Joanne Bartolo** xehdet fil-hdax (11) ta' Jannar 2016 li '*ghandi kopja tac-cekk li qed insemmi 1532 ta' 7000 migbud fuq kont ta' George u Astrid Zarb bl-account number .... li kien mahrug fis-27 ta' Novembru 2008.*' Dan gie esebit bhala JB3. dan '*gie depozitat fit-2 ta' Dicembru 2008 f'kont number .... f'isem Helen known as Helenita Falzon. Ghandi kopja tal-istatement li f'dik id-data turi d-deposit tas-sebat elef.*' Din giet immarkata bhala Dok JB4. Xehdet ukoll dwar cekk tal-Lombard fl-ammont ta' 16,771 , '*dan ic-cekk kien maghmul parti minn deposit li sar fis-2nd December. L-ammont kollu tad-depozitu kien 28, 242.40. Ovvjament ma jidhirx ic-cekk wahdu, fl-istatement jidher l-ammont pero nista nikkonferma li kien parti minn* dak l-ammont id-deposit.' Il-firmatarji ta' El Pirega huma Pierre Falzon u Helen Falzon. Ic-cekk li jidher a fol 465 u mmarkat bhala Dok JB5 fl-ammont ta' €16,771 inhareg minn Carlo u Maria Assunta Galea.

**Jeanette Lepre** fis-seduta tal-hdax (11) ta' Jannar 2016 giet mitluba tikkonferma l-originalita' tac-cekk number 1664. Dan ma jinsabx parti minn Dk 17A li huwa f'Dok AG kif indikat mill-Ispettur izda huwa mmarkat bhala 17k. Dan ic-cekk mahrug mill-kont ta' Carlo u Maria Assunta Galea.

**Patrick Grima** Direttur il-Capital Transfer Duty xehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 xehed li kien dahal kuntratt fit-8 t'Ottubru 2012.

**Carol Galea** in rapprezentanza ta' Prestige Properties kien xehed fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju 2016 qal li ma kienx vittma. Carol Galea quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-erbatax (14) ta' Jannar 2020 xehed li huwa d-direttur tal-kumpanija Prestige Apartments Limited. Ikkonferma li kellhom jithallsu thallsu. Jghid li ma baqghalhom xejn x'jiehdu minghand in-Nutar Pierre Falzon.

Stante li jirrizulta li c-cekk fl-ammont ta' €7,000 mghoddi lill-appellant gie depozitat fil-kont bankarju ta' Helen known as Helenita Falzon u l-appellant baqa ma ghaddiex l-ammont li kien dovut li jithallas lid-Dipartiment koncernat, din il-Qorti tqis li gie ippruvat li l-appellant approprja ruhu mill-ammont ta' €5,592.38 mertu tal-imputazzjoni numru sitta u tletin (36). Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni numru sebgha u tletin (37) tqis li ma giex sufficentement ippruvat li Prestige Apartments Limited soffriet dannu tant li rapprezentant u cioe' Carol Galea xehed li ma kienx vittma. Ghalhekk din il-Qorti ma hijix issib htija tal-imputazzjoni numru sebgha u tletin (37) nonostante l-fatt li rrizulta li c-cekk mahrug minn Carlo u Maria Assunta Galea kien depozitat fil-kont bankarju ta' ELPIREGA Ltd.

F'dan ir-rigward u cioe fir rigward tar-reati ta misapproprijazzjoni. din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta ftit tal-jiem ilu u cioe' dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Peter sive Pierre FALZON'**[21] fejn fost kunsiderazzjonijiet dettaljati qieset li:

'*42.F'dan ix-xenarju għalhekk, in-Nutar Pubbliku, li jkun qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq id- Dokumenti u Trasferimenti u jiġbor it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti, u li minflok iħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi dik it- taxxa miġbura mingħand il-klijenti tiegħu fuq l-att ta' dikjarazzjoni causa mortis fiż-żminijiet stipulati mill-Liġi, jagħmel użu differenti jew ħażin minn dawn il-flejjes rappreżentanti t-*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju, 2020 (Appell numru 171 tal-2018)

*taxxa dovuta - inkluż billi jappproprija tali flejjes għalih jew għal benefiċċju tiegħu jew ta' ħaddieħor - huwa ma jkunx qiegħed iwettaq sempliċiment ir-reat t'approprijazzjoni indebita aggravata kif imfisser fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali iżda jkun qiegħed jintegra r-reat ta' storn imsemmi fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali.*

*43.Ir-reat ta' storn huwa reat speċjali intiż li jindirizza u jippenalizza l- aġir ta' persuni li jkunu qegħdin iwettqu distornament jew sottrazzjoni ta' flejjes jew effetti mobbli fil-vesti tagħhom t'Uffiċjali Pubbliċi, u mhux sempliċiment bħala suġġetti privati, anke jekk huma jkunu qegħdin jeżerċitaw professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju.'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'57.Iżda fil-fehma tal-Qorti il-fatt kemm id-distinzjoni bejn l- approprijazzjoni indebita u l-istorn hija importanti, jittieħed oltre minn hekk mill-Imħallef William Harding fis-sentenza tiegħu* ***Rex vs. Achille Borg*** *tad-29 ta' Jannar 1948. F'din is-sentenza, il-Qorti Kriminali kienet iddeċidiet is-segwenti : -*

*Att t'akkuża fejn l-Attorney General jassumi li l-akkużat huwa impjegat pubbliku u għalhekk, billi l-addebitu jkun t'approprijazzjoni ta' flus, jakkużah fuq storn, ma hux difettuż; anzi dak l-att kien ikun difettuż kieku l-Attorney General, wara li ppremetta li l-akkużat hu impjegat pubbliku, jakkużah b'delitt fejn ma tidħolx dik il-kwalifika ta' impjegat pubbliku.*

*58.Fi ftit kliem, ġaladarba l-approprijazzjoni tal-flus tkun seħħet minn impjegat jew fil-kuntest attwali Uffiċjal Pubbliku fl-eżerċizzju ta' wieħed mill-mansjonijiet tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku, l-akkuża li kellha tkun kontestata lill-appellant* ***kellha tkun dik ta' storn u mhux reat ieħor*** *in kwantu jekk l-approprijazzjoni tal-flus tkun seħħet minn dak l-impjegat ossija Uffiċjal Pubbliku, ir-reat kompetenti kellu jkun dak tal-istorn.* ***Altrimenti, dik l-akkuża, skont l-Imħallef Harding, kienet tkun difettuża****.'*

Fl-istess sentenza moghtija ftit tal-jiem ilu[22] gie kkunsidrat ukoll li:

[22] Fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Peter sive Pierre FALZON' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju, 2020 (Appell numru 171 tal-2018)

*'61.Il-provi juru li l-appellant kien Nutar Pubbliku u li huwa aġixxa bħala Nutar Pubbliku meta rċieva l-flejjes rappreżentanti t-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti mingħand il-klijenti tiegħu. Huwa approprija ruħu minn dawn il-flejjes billi ddepożitahom f'kontijiet bankarji li ma kienux tiegħu, jew rikonduċibbli l- professjoni tiegħu, iżda ddepożitahom f'kont bankarju ta' Elpirega Limited jew ġew depożitati minn martu – mingħajr l-għarfien jew kunsens tal-klijenti tiegħu. Dawn it-taxxi ġew konsenjati lilu u debitament miġbura minnu, fil-kapaċita tiegħu ta' Nutar Pubbliku – ergo b'delega t'Uffiċjal Pubbliku mogħtija lilu mill-Liġi Notarili fit-twettieq tal-obbligi tiegħu taħt L-Att dwar it-Taxxa tad- Dokumenti u Trasferimenti.*

*62.In-Nutar Pubbliku f'dan il-każ approprija ruħu minn somom ta' taxxa billi jew ikkonvertihom għalih jew għal ħaddieħor jew żammhom għandu għal benefiċċju tiegħu jew ta' ħaddieħor; jew inkella żammhom f'kontijiet terzi għal żmien twil ħafna mingħajr ma wettaq dak li kien mistenni minnu – cjoe li jivversa l-flus lill- Kummissarju tat-Taxxi fiż-żmien debitu.*

*63.Mistqarr dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ, l-akkuża li kienet pertinenti u kontestabbli fil-konfront tal-appellant fir- rigward tal-maġġor parti tal-flejjes li ġew mgħoddija lilu f'taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti, ma kienetx dik tal- appropprijazzjoni indebita aggravata iżda kellha tkun dik ta' storn taħt l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali. Bl-istess raġunar tal- Imħallef Harding fis-sentenza* ***Achille Borg****, f'dan il-każ l- appellant, li kien Nutar eżerċenti u li wettaq dan ir-reat f'dik il- kariga, jirriżulta li ġie imħarrek ħażin meta ġie mixli bl- approprijazzjoni indebita fl-ewwel erba' imputazzjonijiet. Fir- rigward tat-taxxa miġbura minnu u mhux imħalsa lill-Erarju Pubbliku l-akkuża kontra tiegħu* ***kellha tkun*** *dik ta' storn u mhux reat ieħor in kwantu jekk l-approprijazzjoni ta' dawn il-flejjes rappreżentanti taxxi tkun seħħet minn Uffiċjal Pubbliku, ir-reat kompetenti kellu jkun dak tal-istorn.* ***Altrimenti, dik l-akkuża kienet tkun difettuża****.'*

Filwaqt li din il-Qorti bl-ebda mod ma hija tghid li r-reat ta' storn ma jirrizultax fil-fatti speci tal-kaz odjern, din il-Qorti ma taqbilx li l-imputazzjoni ta' approprijazzjoni indebita hija difettuza u cioe' li l-imputazzjoni ta' approprijazzjoni indebita ma tistax tirrizulta meta l-akkuzat ikun ufficjal pubbliku. Ghalkemm l-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsemmix ufficjali pubblici, il-ligi ma teskludix ufficjali pubblici fosthom Nutara milli jinsabu hatja ta' dan ir-reat. Din il-Qorti tqis li

f'kaz li l-legislatur ried li ufficjali pubblici jkunu eskluzi mir-reat ta' approprjazzjoni indebita, il-ligi stess kienet tipprovdi esklussjoni u cioe' li tali artikolu ma jkunx japplika meta l-akkuzat ikun ufficjal pubbliku.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Frank A. Tabone] vs Silvio Hili'**[23] fejn l-imputazzjoni kienet dik ta' approprijazzjoni indebita u fejn l-imputat kien Nutar, wara li kien instab hati fuq ammissjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar appell limitat fuq il-piena u cioe' limitat dwar is-sospensjoni mill-ezercjizzzju tal-professjoni tieghu qieset li:

'*12. Finalment wieħed jista' wkoll iżid li ta' min josserva li seta' kien il- każ li jiġi ipotizzat fil-konfront tar-rikorrent ir-reat previst mill-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali li għalih hemm komminata l-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa. Dan ma ġarax, u din il-Qorti għalhekk ma hix ser tipotizza x'kien ikun l-eżitu kieku dan ġara, iżda dan juri s-serjetà kbira li biha tħares il-liġi lejn reati ta' din ix-xorta.*'

Din il-Qorti ghalhekk tqis li f'kaz li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tal-fehma li r-reat ta' approprijazzjoni indebita ma setghax jirrizulta, setghet xorta tikkunsidra dan *ex officio* u ghalhekk ma kinitx prekluza li tirrevoka l-htija nonostante li l-akkuzat ma jkunx appella mill-htija. Dan izda ma ghamlitux izda ghamlet referenza ghal piena li tigi imposta f'kaz li gie akkuzat taht l-artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tqis li f'kaz li l-Prosekuzzjoni tkun ressqet lill-akkuzat kemm bir-reat ta' storn u anke ta' approprijazzjoni indebita, dawn l-akkuzi jistghu ikunu kkunsidrati bhala alternattivi ghal xulxin. Izda fejn bhal dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-appellant bir-reat ta' approprijazjzoni, dak li trid tistharreg il-Qorti huwa jekk l-elementi li jsawru r-reat ta' approprijazzjoni indebita jirrizultawx irrespettivament mill-fatt jekk l-akkuzat ikunx ufficjal pubbliku o meno, fatt li jista' jittiehed in kunsiderazzjoni ai fini ta' piena. In oltre' l-elementi li jsawru z-zewg imputazzjonijiet u cioe' dawk ta' storn u ta' approprijazzjoni indebita ma humiex identici. Ghalkemm sabiex jissussisti r-reat ta' storn jehtieg fost elementi ohra li l-

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Marzu, 2015 (Numru: 171/2014)

akkuzat ikun ufficjal pubbliku, fil-kaz ta' approprijazzjoni indebita il-ligi bl-ebda mod ma teskludi ufficjali pubblici milli jinsabu hatja ta' dan ir-reat jekk ikunu jissussistu l-elementi li jsawru r-reat ta' approprojazzjoni indebita.

Ikkunsidrat;

Illi gialadarba l-appellant instab hati ta' approprjazzjoni indebita, din il-Qorti sejra tqis l-ewwel (1) imputazzjoni u cioe' dik li taqra li '*fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghek, ghamilt jew inqast li taghmel xi att, b' taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;*'

L**-artikolu 138 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi att mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa:*
*Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.*'

L-appellant ma jaqbilx li la darba jirrizulta r-reat ta' misapproprijazzjoni u li ghax l-appellant kien nutar pubbliku fiz-zmien tal-akkadut, l-akkuza bilfors tirrizulta. Fl-appell gie sottomess li jirrizulta li l-artikolu 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa reat differenti u distint minn dak tal-misapproprijazzjoni u l-elementi kostituttivi tieghu jridu jigu ppruvati partikolarment l-element intenzjonali tieghu. Skont l-appellant jekk il-fatt biss li l-appellant huwa nutar u jinsab hati ta' misapproprijazzjoni awtomatikament iwassal ghal htija taht l-artikolu 138, l-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jigi rez inutli u superfluwu. Li l-fatt li z-zewg reati huma taht titoli differenti tal-Kodici Kriminali huwa indikattiv li huma diversi ghal xulxin u reat minnhom ma ghandux x'jaqsam mal-iehor. Jissottometti li ma saret

l-ebda prova tal-elementi kostituttivi tar-reat taht l-artikolu 138 tal-Kodici Kriminali u l-istess reat ma ghandu l-ebda applikabilita' ghal kaz in ezami.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur J. Cordina) Vs Francis sive Frank Ellul'**[24] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li r-reat kontemplat fl-artikolu 138 jirrikjedi li jkun maghmul dolozament u immirat lejn it-taghkis ta' haddiehor u cioe' jrid ikun hemm "dolus" specifiku , izda hu ma kienx agixxa b' dan il-fini .*

*Illi r-reat kontemplat fl-artikolu 138 hu dak kommess minn "Kull ufficjal pubbliku , li dolozament , bi ksur tad- dmirijiet tieghu , jaghmel jew jonqos li jaghmel xi att mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ....b' taghkis jew bi hsara ta' haddiehor ..."*

*Illi din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Raymond Vella " [2.8.1999] kienet irriteniet li :- **"Il-kelma "dolozament" ("maliciously" fit-test Ingliz) fl-Artikolu 138 hi intiza semplicement biex taghmilha cara li dan ir-reat hu wiehed doluz u mhux kolpuz ; din il-kelma ma tfissirxli dan ir-reat jehtieg xi "malizja" jew "hazen" partikolari , oltre dak li hu rikjest ghall-finijiet tad-dolo, cioe' l-intenzjoni pozittiva diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta."***

*Illi bir-rispett ghall-argumentazzjoni tal-abbli difensur ghalhekk hu mhux korrett meta ssottometta li biex jissussisti dar-reat irid jirrizulta xi element intenzjonali specifiku oltre dak li jkun jaf x' qed jaghmel u li jaf li dak li qed jaghmel mhux suppost li jaghmlu . Kjarament fil-kaz in ezami , l-appellant suppost li kien jaf x' qed jaghmel ghax kellu access ghas-sistema komputerizzata tar- records tal-pazjenti fl-isptar San Luqa , sahansitra kellu l- "pass word" tieghu biex jaghmel il-"log in" halli jkun jista' jidhol f'dawn ir-records u zgur li kien jaf li dawn ma ghandhomx jimbidlu jew jigu alterati minghajr awtorizzazzjoni anki jekk l-intenzjoni li kellu kienet dik li kienet . Ghalhekk id-dolo rikjest mill-ligi biex tirrizulta l- htija taht dan l-artikolu jezisti .*

*Illi ghar-rigward tal-argument li hu ma ghakkes lil hadd b'dak li ghamel , anzi pprova jagevola lill-gharusa tieghu Maria Bonnici , r-risposta tal-Prosekuzzjoni hi li hu b'dak li ghamel ghakkes lill-Gvern ta' Malta ghax inserixxa fis- sistema komputerizzata tal-Isptar "DATA" rrilevanti u li ma kienx postha hemm fir-records tal-pazjenti u li setghat taghti lok*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 2003 (Appell Kriminali Numru: 182/2002)

*ghall-tfixkil u intralc fis-sistema . Din il- Qorti hija tal-istess fehma w thoss li l-Awtorita' Sanitarja responsabbli mill-amministrazzjoni tal-isptar zgur li ssubiet "hsara" fit-termini tad-definizzjoni tar-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 138 u ghalhekk anki dan l-element jirrikorri .*

*Ma hemmx dubju umbaghad li l-elementi li l-hati jkun ufficjal pubbliku u li dak li ghamel , ghamlu bi ksur tad- dmirijiet tieghu jirrizultaw , anzi ma hemmx kontestazzjoni dwarhom ghax l-appellant kien proprju impjegat mad- Dipartiment tas-Sahha proprju fit-taqsima nkarikata mill- ippuncjar ta' "data" fuq il-pazjenti li jigu ammessi fl-Isptar fis-sistema komputerizzata tar-records tal-pazjenti .*

*Ghalhekk jissusistu l-elementi kollha ta' dar-reat kif kontemplat fl-artikolu 138 u l-Ewwel Qorti kellha kull ragun li tikkonkludi dan fis-sentenza appellata w ssib il- htija tal-appellant ghall-istess reat .*'

Din il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghax-xhieda tan-**Nutar Joseph Abela President tal-Kunsill tan-Nutara** moghtija fl-erbgha (4) ta' Lulju 2016 fejn xehed li '*skond avviz li deher fil-Gazetta tal-Gvern 1051 tas-sena 2015 li deher fit-30 t'Ottubru 2015 in-Nutar Pierre Falzon irrinunzja mill-kariga ta' Nutar.*'*Huwa* prezenta avviz a fol 919 immarkat bahala JJA fejn l-appellent irrinunzja ghal warrant ta' Nutar Pubbliku b'sehh mill-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2015. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar 2017 in-Nutar Joseph Abela ghan-nom tal-Kunsill Notarili xehed li '*Jien hawn taht iffirmat Nutar Joseph Abela Niddikjara fil-kwalita tieghi ta' President li Pierre Falzon kien inghata l-warrant ta' Nutar Pubbliku nhar l-10 ta' Mejju 1983 u kien deher fl-Avviz tal-Gvern fl-Avviz Legali numru 286 li qed jigi anness ma' dan id-dokument*'. Huwa esebixxa dok JA1 li kien ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Mejju 1983. Xehed ukoll li '*Skont l-Avviz numru 1028 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern bid-data tat-23 ta' Ottubru 2015 Pierre Falzon gie inabilit temporanjament mill-ezercizzju tal-Professjoni Notarili b'effett mill-20 t'Ottubru 2015 u skond Avviz Legali numru 1051 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern bid-data tat-30 t'Ottubru 2015 Pierre Falzon irrinunzja ghal warrant ta' Nutar Pubbliku b'sehh mill-20 t'Ottubru 2015*'. L-Avviz jinsab a fol 1122.

L-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili jaqra:

'*In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.*'

Ghalhekk gie ippruvat li l-appellant huwa ufficjal pubbliku. Sabiex tinstab htija ta' dan ir-reat jehtieg li jigi pruvat li l-appellant dolozament u ghalhekk b'azzjoni diretta bi ksur ta' dmirijiet tieghu, jaghmel jew jonqos milli jaghmel. F'dak il-kaz l-appellant naqas milli jhallas il-Kummissarju tat-Taxxa il-flejjes li gew fdati lilu biex jithallas il-Kummissarju tat-Taxxa. Dan certament kien ta' hsara ghal haddiehor u cioe' ghal dawn il-persuni li fdaw lill-appellant. Il-fatt li l-appellant qieghed jinstab hati taht l-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ghamel dak li ghamel fl-ezekuzzjoni tal-professjoni tieghu ma jfissirx li teskludi l-htija taht l-artikolu 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kif inghad gie ppruvat ukoll. Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputazzjoni numru disgha u ghoxrin (29) taqra li '*sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz;*'

L-**artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal**-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*
*Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta'xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*'

Jirrizulta li ghal dak li jirrigwarda l-kuntratt bejn Josef u Stefania Saliba u Josef Vella bhala xerreja u Francesca Saveria Santucci[25] bhala bejjiegha fejn ghan-nom taghha kien deher Michael Santucci fil-kuntratt datat is-sebgha (7) ta' Jannar 2010 li kopja tieghu jinsab immarkat bhala 14A prezentat mil-Ispettur Gafa tnizzel li '*Ghal fini ta' l-att dwar it-taxxa kapitali finali qieghed jigi hawn dikjarat illi t-taxxa tammonta ghas-somma ta' erbat elef u sitta u sebghin Ewro (Eur4,076) pagabbli bir-rata finali ta' seba' fl-mija (7%) stante li l-propjeta gejja minn wirt li sehh qabel is-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992)*'. Izda fl-ittra mibghuta minn John Micallef ghal-Kummissarju tat-Taxxi interni immarkata bhal 14G u datata l-erbgha (4) ta' Ottubru 2011 inkieteb li '*according to the attached copy of deed of sale, no payments were due to the Inland Revenue Department.*' Il-Kuntratt mhuwiex anness mal-ittra izda gie prezentat kopja tal-avviz ta' trasfriment inter vivos ta' propjeta' immobbli li jinghata Skond l-Att dwar it-Taxxi fuq Dokumenti u Trasferimenti u l-Atti dwar it-Taxxi hemm imnizzel taht Sezzjoni D rigwardanti Taxxa li ghandha tithalals taht l-Att dwar it-taxxa fuq l-income fejn hem imnizzel l-isem ta' min qed jitrasferixxi u cioe' Francesca Saveria Santucci u fejn hemm imnizzel ukoll 'residenza' tnizzel 'NIL'. F'Sezzjoni E dwar it-taxxa dovuta '*Att dwar it-Taxxa fuq l-Income*' tnizzel ukoll '*nil*'.[26] Ghalhekk minkejja li sar il-hlas ta' €4,076 lin-Nutar suppost sabiex tithallas il-Capital Gains Tax, id-dikjarazzjoni li saret mill-appellant intiza ghal awtorita pubblika fejn nizzel li t-taxxa fuq l-income huwa nil hija wahda falza. John Micallef fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 prezenta JM5 b'dawn id-dokumentazzjoni fejn a fol 629 jirrizulta li l-appellant taht taxxa dovuta taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income indika 'nil'.

L-istess jinghad dwar id-dikjarazzjoni maghmulha dwar il-kuntratt li sar bejn Josef Muscat bhala venditur u Frank Masini bhala l-kompratur[27]. Dan il-kuntratt huwa datat is-sebgha (7) ta' Settembru 2010 fejn tnizzel li '*Ghal fini ta' l-att dwar it-taxxa kapitali finali qieghed jigi hawn dikjarat illi t-taxxa tammonta ghas-somma ta' hamest elef hames mija u disghin Ewro (Eur 5,590)*'. Kopja tieghu huwa mmarkat bhala 15A u esebit mill-Ispettur Gafa. Filwaqt li kif kieteb John Micallef ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni immarkata bhala 15G prezentata mill-Ispettur Gafa '*according to the*

---

[25] Mertu tal-imputazzjonijiet 27 u 28

[26] Kopja ta' dan l-Avviz gie ukoll prezentat minn John Micallef mill-Inland Revenue mmarkata bhal JM5 a fol 627 et sequitur.

[27] Mertu tal-imputazzjonijiet 30 u 31.

*attached copy of deed dated 7th September 2010, no payments were due to the Inland Revenue Department.'* Il-Kuntratt mhuwiex anness mal-ittra izda gie prezentat l-avviz ta' trasfriment inter vivos ta' propjeta' immobbli li jinghata Skond l-Att dwar it-Taxxi fuq Dokumenti u Trasferimenti u l-Atti dwar it-Taxxi hemm imnizzel taht Sezzjoni D u cioe' taxxa li ghandha tithallas taht l-att dwar it-taxxa fuq l-income u fejn hemm imnizzel l-isem ta' Josef Muscat u 'residenza' hemm indikat 'NIL'. F'Sezzjoni E dwar it-taxxa dovuta 'Att dwar it-Taxxa fuq l-Income' tnizzel 'nil'.[28] Ghalhekk minkejja li l-appellant ircieva l-ammont ta' €5,590 sabiex jithallas il-Capital Gains Tax, l-appellant mhux biss naqas li jghaddi dan l-ammont lil Kummissarju tat-Taxxi Interni, izda in oltre ghamel dikjarazzjoni falza lil Awtorita' pubblika meta ddikjara li l-ebda ammont ma kien dovut u cioe' nizzel 'nill'. Din id-dokumentazzjoni giet anke prezentata minn John Micallef fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2016 immarkata bhala JM6 fejn a fol 632 bhala taxxa dovuta taht l-att dwar it-Taxxa fuq l-Income tnizzel nil.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib htija tal-imputazzjoni numru disgha u ghoxrin (29) stante li jirrizulta li l-appellant xjentement ghamel dikjarazzjoni falza u cioe' dan biex jikseb vantagg.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-imputazzjonijiet min-numru ghaxra (10) sa sbatax (17). Dawn jaqraw kif isegwi:

> '*10. fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal pubbliku, li kellek bhala dmir tieghek specjali li tikteb, tirregistra, jew li terfa' atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet, iffalsifika decizjoni, digriet jew ordni ta' xi qorti, imhallef, magistrat jew ufficjal pubbliku, illi bihom tigi ordnata jew mitmuma obbligazzjoni, inkella moghti jew michud xi jedd lil xi hadd, inkella li bihom xi persuna tigi mehlusa jew ikkundannata fuq akkuza kriminali;*

[28] Kopja ta' dan l-Avviz gie ukoll prezentat minn John Micallef mill-Inland Revenue mmarkata bhal JM6 a fol 630 et sequitur.

*11. fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal pubbliku, li kellek bhala dmir tieghek specjali li tikteb, tirregistra, jew li terfa' atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet, xjentement ghamel uzu minn dawn l-atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet iffalsifikati;*

*12. fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghek bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamilt falsifikazzjoni b' firem foloz, jew b' tibdil f' atti, fi skritturi, jew b' firem, jew billi dahhalt isem ta' persuna mhux vera, jew b' kitba maghmula jew imnizzla f' registri jew f' atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa;*

*13. meta kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, biddilt bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjarajt bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kinux;*

*14. filwaqt li minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghek ta' ufficjal pubbliku, kont fid-dmir li taghmel jewtjaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamilt jew tajt dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;*

*15. fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamilt uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-ahhar paragrafu qabel dan;*

*16. b' wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikolu 179 tal-Kodici Kriminali, fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal pubbliku, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li jkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;*

*17. fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal pubbliku, xjentement ghamilt uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;*'

L-**Ispettur Angelo Gafa** fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju 2013 xehed li '*dan huwa kaz li inizjalment kien jappartjeni lil Spettur iehor kien telaq mill-pulizija Ivan Cilia u anki jidher li ghal xi zmien kien dahal f'idejn l-Ispettur James Grech fejn dak iz-zmien kien stazzjonat l-ghassa l-Belt, u jirrigwarda allegat falsifikazzjoni ta' firem ta' l-Imhallef Joseph Azzopardi kif ukoll id-Deputat Registratur Mary Lourd Lautier u anki l-koppja Carmel u Carmen Fenech u dan jirrigwarda dokumenti tal-Qorti u dokumenti relatati*

*ma' separazzjoni ta' zwieg. Hawnhekk l-investigazzjoni tal-pulizija kienu bdew wara ir-referenza kienet saret mill-Qorti, datata 2 ta' Gunju 2010, permezz taghha l-Imhallef Joseph Azzopardi jintalab il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lin-nutar pubbliku Pierre Falzon in konessjoni ma digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar 2010 li kien igib numru 140/10 fl-atti ta' separazzjoni ta' zwieg fl-ismijiet Carmel Fenech u Carmen Fenech li hawnhekk l-Imhallef allega li kienu jikkontjenu firem foloz tieghu kif ukoll tad-Deputat Registratur tieghu Mary Lourd Lautier. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu bdew min PS474 Norbert Said fejn dawn stabillew li separazzjoni taz-zwieg proceduri taghhom jibdew mill-partijiet rispettivi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn dawn l-ewwel jghaddu fil-procedura ta medjazzjoni fejn hawnhekk l-Imhallef jappunta medjatur sabiex isegwi l-kaz u l-medjatur mbaghad jirreferi l-kaz lura lil Qorti ghall-Imhallef ghad-decizjoni tieghu, jaghti l-awtorizzazjoni tieghu u jaghmel il-firem necessarji filwaqt li l-awtorizzazjoni sabiex il-partijiet jisseparaw tinzamm fl-atti tal-Qorti u kopja taghha tghaddi ghand il-partijiet. F'dan il-kaz li kien gie investigat mill-Pulizija kien jirrizulta li nota flimkien ma draft ta kuntratt ta separazzjoni kienu fil-31 ta' Awwissu 2009 gew mdahhla fil-Qorti minn nutar publiku Pierre Falzon f'isem iz-zewg partijiet Carmel u Carmen Fenech u fit-13 ta' Jannar 2010 in-nutar kien dahhal dikjarazzjoni fil-Qorti li fiha ddikjara li l-partijiet kienu qed jiddikjaraw li ma ridux ikunu assistiti minn avukat. Hawnhekk il-kaz kien gie assenjat lil Imhallef Noel Cuschieri li fl-14 ta' Jannar 2010 kien appunta lil Dr Mario Caruana bhala medjatur. Kien sar appuntament sabiex il-partijiet jidhru quddiem Dr Caruana nhar id-9 ta' April 2010 izda hadd ma kien deher ghal dan l-appuntament. U ghaldaqstant il-koppja Fenech ma kienux dehru, la ghal dan l-appuntament u lanqas ghal appuntamenti ohra li kienu saru mill-medjatur. Ghaldaqstant minhabba li dawn qatt ma dehru ghal dawn l-appuntamenti dawn kienu gew sussegwentement gew ikuntatjati minn ufficjali tal-Qorti fejn hawnhekk kien gie stabilit li Fenech qatt ma kienu dehru ghal dawn il-meetings ghaliex dawn kellhom fil-pussess taghhom digriet t'awtorizzazjoni li meta kien gie ezaminat mill-ufficjali tal-Qorti kien gie kkonfermat li kien jikkontjeni firem foloz kemm partikolarment ghal fatt li l-firem kienu allegatament jappartjenu lil Imhallef Azzopardi mentri l-kaz kien qiegehd jinstema quddiem l-Imhallef Cuschieri ghaldaqstant qatt ma setgha jiffirmah l-Imhallef Azzopardi wisq inqas anki ghal fatt li peress illi dawn qatt ma kienu dehru ghall-appuntamenti ta medjazzjoni qatt ma setghu jinhareg dak id-digriet f'dak l-istadju. Fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija s-surgent 474 Norbert Said kien intervista lid-Deputat Registratur tal-Imhallef Azzopardi certu Maria Lourd Lautier, ikkonfermat li l-*

*firma li kienet tidher kienet allegatament taghha kienet wahda falza u anki kkonfermat li anki tal-Imhallef kienet falza. Qalet ukoll li d-dati indikati, l-medjatur inkarigat, u n-numru tad-digriet indikat kienu kollha foloz. Qatt ma kienu ezistew. U konna wkoll inghatajna ghal kwistjoni ta paraguni sample tal-firem tas-sinjura Lautier. Konna wkoll ghamilna investigazzjonijiet ulterjuri mal-koppja Carmel u Carmen Fenech dawn il-koppja li kellhom jisseparaw, fejn dan gie stabbilit li fl-2009 it-tnejn li huma kienu marru fl-ufficcju tan-nutar Pierre Falzon sabiex jiffirmaw kuntratt ta separazzjoni taz-zwieg. Hemmhekk in-nutar Falzon kien infurmhom li kien ha jiehu hsieb id-dokumenti kollox hu, sussegwentement dawn kienu ircivew ittra mill-Qorti sabiex jattendu ghal laqgha mal-medjatur Dr Mario Caruana nhar id-9 ta' April 2010, kienu kkuntatjaw lin-nutar, qallhom li ma kellhomx ghalfejn imorru ghal dan l-appuntament u kien ha jiehu hsieb kollox hu. Wara dan il-koppja Fenech kienu ircivew ittra ohra minghand Dr Caruana fit-23 ta' Mejju 2010 u wara li ma setghux jaqbdu lin-nutar Pierre Falzon dawn marru ghal dan il-meeting mal-medjatur. U hemmhekk lil medjatur kienu ghaddewlu kopja tal-kuntratt ta separazzjoni kif ukoll kopja ta digriet tal-Qorti pero' t-tnejn li huma nsistew li ma kienux jiftakru min kien ghaddilhom dawn id-dokumenti. Dawn kienu l-istess dokumenti li konna rcivejna ahna mill-Qorti fejn kien hemm l-allegat firem foloz. Ikkonfermaw ukoll il-koppja Fenech li l-firem li kienu jidhru fuq din id-dikjarazzjoni li ma ridux ikunu assistiti minn avukat anki din kienet tikkontjeni il-firem foloz taghhom, din kienet dahlet min-nutar Pierre Falzon kif spjegajt qabel il-Qorit u ghal verifikazzjoni tal-investigazzjoni konna hadna kampjun tal-istess firem tal-koppja Carmel u Carmen Fenech. Aktar investigazzjonijiet tal-pulizija kienu stabilew li l-kuntratt originali ta separazzjoni ppublikat minn nutar Pierre Falzon kienf il-pussess tan-nutar tal-Gvern Dr Cora Vella u dan peress illi b'ordni tal-Qorti d-dokumenti kollha ppublikatimin nutar kienu ttiehdu fil-pussess tan-nutar tal-Gvern u hawnhekk konna irtirajna dan id-dokument li ghal darb'ohra kien gie stabbilit li l-firem li kienu jidhru fuqu li suppost kienu japparjenu lil Imhallef Azzopardi kienu falsifikati. Ghaldaqstant kien jirrizulta f'dan l-istadju tal-investigazzjoni datat 28 ta' Jannar 2010 li kien igib referenza 41/10, li kien juri li kien mahrug mill-Qorti tal-Familja, ppreseduta mill-Imhallef Joseph Azzopardi, fejn hawnhekk l-allegazzjoni hija, u kif jirrizultalna ahna mill-investigazzjonijiet taghna, li l-firma tal-imhallef kif ukoll tad-Deputat Registratur tieghu Mary Lourd Lautier huma allegatament foloz, u f'dan il-kaz peress illi dan id-digriet qatt ma nhareg, l-original tieghu huwa inezistenti. M'hemmx original tieghu ghax dan id-digriet qatt ma hareg. It-tieni dokument allegatament falz hija dikjarazzjoni maghmula*

*minn Carmel u Carmen Fenech li ddahlet fir-registru tas-sezzjoni tal-familja nhar it-13 ta' Jannar 2010 li permezz taghha dawn iddikjaraw li ma jridux ikunu assistiti minn avukat mentri dawn iddikjaraw u anki ahna nvestigajna u hekk deherilna li l-firem ta' dawn iz-zewg partijiet kienu foloz. Id-dokument originali kien jinsab parti mill-atti tal-Qorti. It-tielet dokument huwa kuntratt ta separazzjoni ta zwieg datat 26 ta' Jannar 2010 allegatament jikkontjeni l-firma tal-Imhallef Joseph Azzopardi pero jirrizulta li l-firma hija wahda falza u d-dokument originali jinsab fil-pussess tan-nutar tal-Gvern.'*

**Therese Sammut** fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2014 xehdet li hija deputata tar-Registru tal-Familja. Prezentat dikjarazzjoni ta' Carmel u Carmen Fenech datata t-tlettax (13) ta' Jannar 2010 li kienet fil-process tal-medjazzjoni. Mary Lourdes Lautier fl-istess seduta xehdet li llum qeghda Principal Legal Office Fisheries and Aquaculture u qabel kienet deputat registratur responsabbli mill-Qorti tal-Familja. Spjegat li '*Kien bghat ghaliha l-Ispettur Gafa minhabba li at one point in time kien bhal dan iz-zmien, kien gie Mr Fenech saqsa ghaliha minhabba li ma setghux, ircieva xi paperwork mill-Qorti tal-Familja u qalli isma irciverjt dan, jien ghalfejn ergajtu bghattu ghaliha? Kien digriet biex jersqu ghall-mediation, ghidtlu din biex tibda' medjazzjoni, qalli jien diga' sseparajna ghandi kollox lest, ghidtlu le ta, qalli ha nghidlek ha nerga nigi darb' ohra u ngiblek il-paperwork kollu li ghandi. Imbaghad gabli dan id-digriet li qeghdin nirreferu ghalih fejn hemm id-digriet numru 41/10, qlajt il-file li kien f' dawk l-ismijiet, u ma kienx dak, dan id-digriet huwa fittizju, dak id-digriet numru m'huwiex compatible ma' dawn l-ismijiet, il-fatt li qed jghid in-nota pprezentata fit-28 ta' Lulju filfatt kien f' August kienu pprezentawha, kienu gew allokati l-medjatur Mario Caruana meta f' dan id-digriet qed jghid huwa Godwin Genovese, barra minn hekk mhux talli l-firma tal-Imhallef gharaftha mall-ewwel li m'hijiex tieghu u dik l-ohra lanqas hi tieghi, talli f' dak il-perjodu jiena kont in charge illi nqassam liema Mhallef ha jiffirma f' dak il-perjodu d-digrieti tal-ewwel u tal-ahhar tal-medjazzjoni, dik il-gimgha kien Noel Cuschieri ghassa, jigifieri lanqas f' dawk id-dati ma kien hemm suppost Joe Azzopardi.*'

L-Imhallef **Joseph Azzopardi** xehed fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2014 u spjega li '*Dana kienet telghet is-Sinjura Lautier, Lourd Lautier li dak iz-zmien kienet deputata fil-Qorti tal-Familja u wrietna digriet tieghi, digriet tal-Qorti tal-Familja u anki l-kuntratt ta' separazzjoni li gie iffirmat tramite dak id-digriet. U qaltli Sur Imhallef din il-*

*firma tieghek ghal li jista' jkun? Jiena harist lejha l-firma u ghidtilha jiena veru ma tantx niffirma b'mod kostantament l-istess jigifieri l-firma tieghi mhix daqshekk regolari, pero ghidtilha ma nahsibx li hija l-firma tieghi, ma tidhirx li hija il-firma tieghi jigifieri jekk ikolli nghid mhix il-firma tieghi, ma tidhirx li hi tieghi. Imbaghad qaltli qed nghidlek ghax lanqas tieghi m'hi l-firma. Imbaghad jiena nsomma d-dover tieghi bhala gudikant li nirraporta mall-ewwel jekk inhoss li hemm reat, jekk nahseb li jista jkun hemm reat lill-awtoritajiet, u allura ordnajt komunika, hrigt digriet fejn ordnajt komunika ta' dan lill-Kummissarju tal-Pulizija ghax naturalment ma stajtx inhalli firma li mhix tieghi..dik hi l-istorja.'* Spjega li '*Hawnhekk ghandi l-process definittiv tas-Sekond'Awla u nikkonferma definittivament li mhix il-firma tieghi din fuq id-digriet.*' In kontro-ezami wiegeb li '*dik zgur mhux il-firma tieghi. Jiena biex inkun ghidt kollox ma narax..jiena filfatt bqajt daqxejn sbalordit il-ghaliex ma rajt ebda vantagg hlief forsi li l-affarijiet jigu mghagglin ghax biex nispjega l-procedura, nahseb il-Qorti taf imma biex tkun recorded fil-proceduri, din il-kuntratt jigi approvat l-ewwel mill-medjatur, imbaghad jitla' quddiemi kien meta kont fil-Qorti tal-Familja jien, u napprovah imbaghad jien u naghti d-digriet. Jigifieri l-unika raguni jien li nista nara ghaliex hija li kwistjoni ta' ghagla, jigifieri nimmagina kien hemm xi interess li l-proceduri jigu mghaggla.*' Mistoqsi jekk irrizultux jekk il-kawza filfatt '*ta' Lautier*' gietx quddiem il-Qorti wiegeb li '*Le ghax dan Sur Magistrat qabel kienet li kien jigi approvat mis-Sekond'Awla. Meta nbidlet il-ligi ried ikun hemm l-approvazzjoni anki tal-medjatur allura l-partijiet biex jisseparaw anki bonarjament riedu jipprezentah l-ewwel quddiem il-medjatur. Il-medjatur japprovah, filfatt hafna drabi l-avukati biex jghagglu jahtru medjatur huma biex jaghmilulhom malajr flok jistennew il-lista ta' medjaturi, imbaghad naturalment is-Sinjura Lautier kienet ittellahomli jew minn ikun flokha, u jiena napprova, jekk nara li ghandi napprovah ghax gieli zammejthom il-kuntratti kif taf il-Qorti jiena per ezempju tat-tfal ma jkunx qed jigi x'jismu, imma normalment dan 99% napprovawhom. L-unika raguni li nista' nara li x hadd kien mghaggel biex isir dan id-digriet, il'bqija ma kien hemm l'ebda raguni ohra.*' Xehed li '*l-kitba nahseb li hi ta' Mrs Lautier nimmagina ghax bil-lapes mhux il-kitba tieghi, pero l-firma zgur mhix tieghi jigifieri 100% mhix tieghi.*'

**Dr Hubert Theuma** fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2014 ipprezenta kopja legalizzata tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn Carmel u Carmela Fenech datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2010.

**Carmen Fenech** xehdet fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2014 giet murija dokument AG13 u mistoqsija jekk qed taraf xi firem taghha wiegbet '*No no, le le.*' Tghid li '*Jien iktar niffirma hekk milli din, fejn hemm l-isem tar-ragel. Tal-ex ragel proprja imma ma niftakarx.*' Kienet iffirmat xi affarijiet imma ma tiftakarx dan. Tghid li '*Din simili tieghi li qeghda f'isem Carmel imma lanqas niftakar. Ma niftakarx veru.*' Mistoqsija jekk il-firma ta tahtha tista tkun tar-ragel wiegeb '*Ma haristx. Le ir-ragel, l-ex ragel ma kienx jiffirma hekk.*' Mistoqsija ta' taht wiegbet '*No no. Issa ma nafx x'ghamel dak il-hin, ma nafx x'ghamel.*' Mistoqsija dwar firem fuq il-kuntratt wiegbet '*Ehe dawk tieghi u tar-ragel iva.*' In kontro-ezami ikkonfermat li biex ghamlu s-separazzjoni kellhom imorru t-tnejn li huma hi u r-ragel ghand in-Nutar Falzon, u anke l-Qorti marru, kellhom medjatur jismu Dr Mario Caruana.

Fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April, 2014 il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex jinhatar espert sabiex jittiehdu kampjuni u jigu ezaminati l-firem tal-Imhallef Joseph Azzopardi, Mary Lourd Lautier, Carmel Fenech u Carmela Fenech, il-Qorti laqghet it-talba u hatret lil Joseph Mallia li inghata l-fakolta kollha sabiex jezamina wkoll il-firem originali. L-espert Joseph Mallia fis-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru 2014 kien prezenta r-rapport bhala AG21. Mir-rapport tieghu irrizulta li baqghu ma ttiehdux kampjuni tal-firem ta' Carmel Fenech da parti tieghu. L-espert kien ikkonkluda li identifika diskrepanzi u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristici misjuba fil-kors tal-kitba fil-kopja tal-firma allegatament tal-Imhallef Dr Joseph Azzopardi fid-digriet kif ikkomparata mal-kampjuni tal-firma awtentika tal-istess Imhallef, l-istess gie konkluz dwar il-firma allegatament ta' Mary Lourd Lautier fuq l-istess digriet. Stante li l-espert kien sprovist mill-kampjuni tal-firma tas-Sur Carmel Fenech, ma setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjest bejn il-firma allegatament tas-Sur Carmel Fenech u dik li tinsab fuq dokument AG 3.[29] Gew identifikati diskrepanzi u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristici misjuba fil-kors tal-kitba fil-kopja tal-firma allegatament ta' Carmen Fenech meta ikkomparat mal-kampjuni tal-firma awtentika taghha. L-Espert Joseph Mallia fir-rapport spjega li Carmen Fenech kienet stqarret lill-espert li dak iz-zmien li kitbet l-allegata firma, kellha ideja mugugha u infaxxata u ghalhekk ghalkemm il-firma hija miktuba b'mod unit u ma

[29] Din il-Qorti tinnota li hemm 'sample of signature' ta' Carmel Fenech fid-dokument 8F prezentat mill-Ispettur Angelo Gafa'.

jidher ebda trehid u/jew pawsi (slow writing) fil-ktiba, dawn il-fatturi setghu kienu ta' xkiel u setghu jvarjaw l-andamant tal-kors tal-kitba fl-allegata firma tas-sinjura Carmen Fenech.

Jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma talbitx sabiex jittiehdu kampjuni tal-firem u tal-kitba tal-appellant sabiex jigi stabbilit jekk kienx l-appellant li ffalsifika dawn il-firem. Dan huwa nuqqas kbir da parti tal-prosekuzzjoni.

Id-difiza kienet resqet bhala xhud lil Clyde Pisani fis-seduta tat-tlieta (3) ta' April 2018 in rapprrezentanza ta' identity Malta. Huwa esebixxa c-certifikat taz-zwieg tal-konjugi Fenech u cioe' Carmel Fenech u Carmela Falzon. A fol 1161 u 1262 gie prezentat estratt tas-separazzjoni personali konsenswali datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2012 u fejn emm indikat isem in-Nutar Dr Patrizia Mallia.A fol 1261 gie prezentat estratt ta' separazzjoni personali konsenswali ohra datata s-istta u ghoxrin (26) ta' Jannar, 2010 bejn l-istess partijiet.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghalkemm hemm numru ta' suspetti dwar l-agir tal-appellant, din il-Qorti *ai termini* tal-principju li kull dubju ghandu jmur favur l-imputat u stante li ma jistax jinghad bi zgur li l-appellant kien hu li ffalsika l-firem u lanqas li kien jaf li dawn l-firem kienu ffalsifikati, mhijiex sejra ssib htija tal-imputazzjonijiet minn numru ghaxra (10) sa sbatax (17) u ghalhekk qieghed jigi liberat minnhom.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra issa tqis il-piena li ghandha tigi inflitta ghar-reati li l-appellant instab hati taghhom. Din il-Qorti temfasizza li l-agir tal-appellant kien wiehed deplorabbli u li ma jaghmilx gieh lil professjoni notarili. Numru kbir ta' persuna baghtew konsegwenzi serji rizultat tal-agir tal-appellant. L-appellant kien ufficjal pubbliku meta kkometta r-reati in kwistjoni u li ghalhekk persuna fdata mis-socjeta' fejn partijiet jaghzlu li per ezempju jhallu d-depozitu fuq konvenju man-Nutar

minflokk ma jghadduh lil venditur u dan peress li jkollhom certu fiducja fin-Nutar. Certament li wiehed ma jistenniex li ser jingidem mill-istess Nutar li suppost kellu jissalvagwarda l-interessi taz-zewg partijiet bhal kazijiet fejn meta jircievi flejjes destinati sabiex per ezempju tithallas taxxa, dan ma jsirx. Certament li l-agir tal-appellant tefa dell ikrah fuq il-professjoni notarili u ghal dan l-appellant ghandu jwiegeb.

Din il-Qorti sejra tiehu in konjizzjoni tal-fatt li l-appellant qabel ma nhargu l-imputazzjonijiet u fil-mori tal-proceduri hallas lura xi flejjes u f'xi waqtiet gew anke registrati l-kuntratti u taxxa mhallsa da parti tal-appellant u ghalhekk dan ghandu jittiehed kont meta tigi meqjusa l-piena li ghandha tigi inflitta. L-artikolu 337(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Fil-każ ta' frodi, il-piena stabbilita titnaqqas bi gradjew b'żewġ gradi, kemm-il darba l-ħati, qabel ma tibda titmexxa xiproċedura kriminali kontra tiegħu, jrodd għal kollox il-ħsarakkaġunata bir-reat.*'

Ghalhekk dan l-artikolu japplika ghal dawk l-imputazzjonijiet fejn mill-atti rrizulta li l-appellant irrifonda lura dak dovut qabel ma nbdew dawn il-proceduri. Jirrizulta izda li minkejja li dawn il-proceduri ilhom ghaddejin snin twal, l-appellant baqa ma hallas lura dak kollu dovut.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad it-tmien aggravju stante li tqis li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandha timponi piena karcerarja effettiva ta' erba' snin. L-appellant permezz tal-hames aggravju jissottometti li l-Ewwel Qoti ghamlet kostatazzjonijiet erronei ta' fatt u ta' dritt ghal dak li jirrigwarda l-ordni taghha sabiex l-appell irodd lura lill-individwi elenkati fis-sentenza diversi sommon ta' flus, li jissottometti li uhud mill-persuni li l-Qorti ddikjarat li ma thallsux jew li l-kuntratt ma giex insinwat, fil-fatt kienu thallsu dak dovut lilhom jew l-ammont minnhom reklamati thallsu lil Kummissarju tat-Taxxi li ghadda sabiex irregistra l-att notarili in kwistjoni. Jissottometti li d-difiza twaqfet milli taghmel domandi dwar dan lil prosekutur jew li terga tiproduci x-xhieda li kienu telghu sabiex terga taghmlilhom id-domandi

relattivi. Jghid li kellu jghaddi minn zbilanc procedurali. Din il-Qorti fl-ewwel lok tqis li ma jirrizulta l-ebda zbilanc procedurali li qieghed jallega l-appellant u fit-tieni lok din il-Qorti regghet semghet uhud mill-vittmi jixhdu bhala konferma jekk il-hlas sarx o meno. Din il-Qorti abbazi ta' dak ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza sejra tordna lill-appellant ihallas lil persuni li baqghu ma thallsux.

Gialadarba din il-Qorti mhijiex issib htija tal-akkuzi ghaxra (17) sa sbatax (17), din il-Qorti mhijiex sejra tordna li l-appellant ihallas l-ispejjez tal-espert Joseph Mallia.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ma ssibx lill-appellant hati tal-akkuza numru tnejn (2), sitta (6), l-akkuzi ghaxra (10) sa sbatax (17), l-akkuzi dsatax (19), ghoxrin (20), wiehed u ghoxrin (21), tlieta u ghoxrin (23), sitta u ghoxrin (26), wiehed u tletin (31), tlieta u tletin (33) u sebgha u tletin (37) u wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 138, 188(1), 293, 294, 310(1)(a) qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 u cioe' fiz-zmien li sehhew ir-reati, l-artikolu 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 u cioe' meta sehhew ir-reati in kwistjoni issib lill-appellant hati tal-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-seba' (7) limitatament fl-ammont ta' €7000, it-tmienja (8), id-disgha (9), it-tmintax (18) limitatment fl-ammont ta' €2,330.25, tnejn u ghoxrin (22), erbgha u ghoxrin (24), hamsa u ghoxrin (25), sebgha u ghoxrin (27), tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), tnejn u tletin (32), erbgha u tletin (34), hamsa u tletin (35) u sitta u tletin (36) tikkundanna lill-appellant ghal erba' (4) snin prigunerija effettivi.

Ai termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-appellant ihallas lis-segwenti persuni kif ser jinghad.

A. Giovanna Ciantar, Josephine Camilleri, Frida Bugeja, Paolo Refalo, Gemma Gauci u Carmelo Ciantar werrieta tal-mejjet Giuseppe Ciantar mertu tal-imputazzjoni numru tmienja (8)- L-ammont ta' €11,000;

B. Antoinette Agius, Julie Muscat, Julian Agius u Jane Agius ulied Joseph Agius mertu tal-imputazzjoni numru disgha (9)- L-ammont ta' €24,451;

C. Ann Marie Gauci rigwardanti l-imputazzjoni numru (24)- L-ammont ta' €3340. Stante li dan l-ammont kien inhareg minn Mark Pullicino skont il-provi prodotti, din il-Qorti tordna lil Ann Marie Gauci sabiex tghaddi dan l-ammont lil Mark Pullicino mal-mument li tircevih;

D. Joseph sive Joe Camilleri u martu Grace Camilleri mertu tal-imputazzjoni hamsa u ghoxrin (25)- L-ammont ta' €3728.50.

E. L-eredi ta' Francesca Saveria Santucci mertu tal-imputazzjoni tmienja u ghoxrin (28)- L-ammont ta' €4076. Stante li rrizulta li Joseph Saliba kien hallas dan l-ammont, din il-Qorti tordna l-eredi ta' Francesca Saveria Santucci sabiex jghaddu dan l-ammont lil Josef Saliba, martu Stefania Saliba u Josef Vella indikati fl-imputazzjoni numru sebgha u ghoxrin (27) fil-mument li jircievu dan l-ammont.

F. Clayton Agius u Josianne Agius mertu tal-imputazzjoni numru tnejn u tletin (32)- Fl-ammont ta' €3350;

G. George Zarb u martu Mary Astrid Zarb mertu tal-imputazzjoni numru erbgha u tletin (34)- L-ammont ta' €4895, dan minghajr pregudizzju ghall-ammonti ulterjuri u imghaxijiet li jistghu ikunu dovuti in forza tal-Kostituzzjoni ta' debitu esebita a fol 447 tal-atti processwali;

H. Paola Cassar, Maria Concetta Licari, Anthony Cassar, Georgette Ferranti Anna Hili u Joseph Cassar mertu tal l-imputazzjoni numru hamsa u tletin (35)- L-ammont ta' €10,980. Din il-Qorti tordna li fil-mument li dawn il-persuni jircievu l-ammont dovut minghand l-appellant, dawn ghandhom jghaddu dan l-ammont lil George Zarb u Mary Astrid Zarb li mill-atti jirrizulta li hallsu dan l-ammont ghan-nom taghhom.

I. George Zarb u martu Mary Astrid Zarb mertu tal-imputazzjoni numru sitta u tletin (36)- L-ammont ta' €5592.38 salv ammonti ulterjuri u imghaxijiet li jistghu ikunu dovuti in forza tal-kostituzzjoni ta' debitu esebit a fol 447 tal-atti processwali.

Din l-ordni tista' tigi infurzata bl-istess mod bhal li kieku din inghatat f'azzjoni civili bejn il-hati u l-persuna msemmija hawn fuq.

A tenur tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti tordna li l-appellant jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb, il-warrant ta' nutar pubbliku u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lil President tal-Kunsill tan-Nutara.

In oltre', il-Qorti wara li rat l-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna ukoll fil-konfront tal-appellant l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li s-sentenza tigi notifika lid-direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazetta tal-Gvern.

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju ghat-Taxxi sabiex jinvestiga diskrepanzi rigward il-capital gains tax dovuta fuq kuntratti ta' bejgh li saret riferenza ghalihom.[30]

Finalment fid-dawl tal-provi li gew prodotti f' dawn il-proceduri, din il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru r-reati kkontemplati fil-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment fl-Artikolu 3 tal-istess Kapitolu, u dan fil-konfront tal-imputat u Helen Falzon, kif ukoll fil-konfront ta' P.E.R.G. Ltd. u Elpirega Limited. Ghalhekk din il-Qorti tordna li l-kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata ukoll lil Kummissarju tal-Pulizija.

[30] Mertu tal-akkuzi numri 27 u 28 u l-akkuzi 30 u 31.

In vista tal-fatt li fis-sentenza moghtija ftit tal-jiem ilu u cioe' dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon'**[31] minn din il-Qorti diversament preseduta gie kkunsidrat li akkuza ta' approprijazzjoni indebita hija difettuza meta l-imputat ikun ufficjal pubbliku, din il-Qorti stante li l-ligi ma tiprovdix ghal din l-eskluzjoni sejra tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Ministru ghall-Gustizzja sabiex f'kaz li l-legislatur jidhirlu li r-reat ta' approprijazzjoni indebita bl-aggravanti imnizzla fl-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandux ikun applikabbli ghal ufficjali pubblici, il-ligi tigi emendata sabiex dan jigi rifless fil-ligi.

[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju, 2020 (Appell numru 171 tal-2018)